tm

# IL-KODIĊI GĦAT-TOROQ F'MALTA





Ħajr jingħata lil

*His Majesty's Stationery Office* li ġentilment ta permess biex jintużaw ħafna mill-illustrazzjonijiet li kienu oriġinarjament ippubblikati f':

**"The Highway Code"** tar-Renju Unit ta' bejn is-snin 1999 u 2022.

Ikkompilat mid-Dipartiment tas-Sikurezza fit-Triq ta' Transport Malta fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi b'kollaborazzjoni mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, Infrastructure Malta, is-Servizzi tal-Infurzar Lokali, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Kunsill għas-Sikurezza fit-Triq.

L-issettjar u l-grafika huma magħmulin mit-Taqsima tal-Pubblikazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Informazzjoni.

L-iskop ta' dan il-Kodiċi huwa biss għall-finijiet ta' gwida, taħriġ, u edukazzjoni. Fil-każijiet kollha, il-leġiżlazzjoni Maltija tipprevala.

Stampat xxxxx
Data 2025
Qari tal-provi: Proofreading Malta

# WERREJ


Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura, u x-Xogħlijiet Pubbliċi 9
Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta 11

TAQSIMA 1 It-Triq 14

TAQSIMA 2 Persuni Mexjin fit-Triq 18
2.1 Mixi fit-Triq 18
2.2 Meta Taqsam it-Triq 19
2.3 Tipi ta' Passaġġi minn fejn Taqsam 22
2.4 Sitwazzjonijiet li Jeħtieġu Aktar Attenzjoni 24

TAQSIMA 3 Regoli Għal min Juża Siġġijiet tar-Roti Motorizzati u Scooters tal-Mobbiltà 28
3.1 Siġġijiet tar-Roti Motorizzati u Scooters tal-Mobbiltà 28
3.2 Fuq il-Bankina 28
3.3 Fit-Triq 28

TAQSIMA 4 Regoli għaċ-Ċiklisti 32
4.1 Ħwejjeġ 32
4.2 Mogħdijiet Għall-Karozzi tal-linja (Bus Lanes) jew Mogħdijiet ta' Prijorità 34
4.3 Salib it-Toroq 34
4.4 Toroq b'Karreġġata Doppja 36
4.5 Meta Tibqa' Sejjer Dritt 36
4.6 Meta Taqsam it-Triq 37
4.7 Meta Tipparkja r-Rota Tiegħek 38
4.8 Iċċekkja r-Rota Tiegħek 38

TAQSIMA 5 Regoli Għal Pedelecs u Ċikletti bil-Pedali Motorizzati 40
5.1 Ħarsa Ġenerali 40
5.2 Reġistrazzjoni, Liċenzjar u Assigurazzjoni 40
5.3 L-użu tal-Pedelecs u taċ-Ċikletti bil-Pedali Motorizzati 40

# WERREJ


**TAQSIMA 6** Regoli Għal min Juża l-e-Kickscooters 44
- 6.1 Ħarsa Ġenerali 44
- 6.2 Reġistrazzjoni, Liċenzjar, u Assigurazzjoni 44
- 6.3 L-użu ta' e-Kickscooter 44
- 6.4 Meta Tipparkja l-e-Kickscooters 45

**TAQSIMA 7** Regoli Għas-Sewwieqa tal-Muturi 48
- 7.1 Ħarsa Ġenerali 48
- 7.2 Sewqan ta' Muturi Matul il-Jum 48
- 7.3 Sewqan ta' Muturi fid-Dlam 49
- 7.4 Immanuvrar 49
- 7.5 Is-Seat ta' Wara s-Sewwieq (Pillion) 49

**TAQSIMA 8** Regoli Dwar l-Annimali 52
- 8.1 Rikkieba taż-Żwiemel 52
- 8.2 Klieb u Annimali Oħra 54
- 8.3 Vetturi Miġbudin Minn Annimali 54

**TAQSIMA 9** Regoli għall-Karozzi tal-Linja 58

**TAQSIMA 10** Regoli għas-Sewwieq 60
- 10.1 Ħarsa Ġenerali 60
- 10.2 Qabel ma Ssuq 61
- 10.3 Vetturi tal-Irmunkar u tat-Tagħbija 72
- 10.4 Meta Titlaq 73
- 10.5 Kontroll tal-Vettura 77
- 10.6 Linji u Marki tal-Karreġġati fit-Toroq 86
- 10.7 Karreġġati b'Aktar Minn Mogħdija Waħda 88
- 10.8 Toroq One-Way 90
- 10.9 Sewqan f'Żoni Mibnija 91
- 10.10 Vetturi Pprojbiti Milli Jużaw it-Toroq u l-Bankina 92
- 10.11 Sewqan fit-Triq 92
- 10.12 Salib it-Toroq 98
- 10.13 Pedestrian Crossings (Zebra Crossings) 113
- 10.14 Meta Tirriversja 115

# WERREJ


10.15 Utenti tat-Triq li Jeħtieġu Aktar Attenzjoni 117
10.16 Vetturi tat-Triq li Jeħtieġu Aktar Attenzjoni 122
10.17 Sewqan f'Kundizzjonijiet Ħżiena tat-Temp 124
10.18 Meta Tistenna u Tipparkja 126
10.19 Toroq Arterjali u Distributorji 130
10.20 Ħsara Mekkanika u Elettrika u Inċidenti 137
10.21 Regoli Oħra Għat-Toroq Arterjali u Distributorji 141
10.22 Xogħlijiet fit-Toroq 144

**ANNESS 1** 148
A1.1 Ħtiġiet Għas-Sewwieqa tal-Karozzi u tal-Muturi 148
A1.2 Manutenzjoni, Sikurezza, u Sigurtà tal-Vettura 152
A1.3 L-Ewwel Għajnuna fit-Triq 155

**ANNESS 2** Kodiċi tas-Sikurezza għal Sewwieqa Ġodda 160

**ANNESS 3** Lista ta' Liġijiet u Regolamenti li Għandhom x'Jaqsmu mat-Traffiku tal-Vetturi u tal-Persuni Mexjin fit-Triq 162

**ANNESS 4** Sinjali tal-Idejn u tat-Traffiku 164

**ANNESS 5** Tabelli tat-Traffiku u Marki tat-Triq 168

**ANNESS 6** Marki tal-Vettura 186

**ANNESS 7** Formoli Għal Ħabtiet Front-to-Rear 190





## CHRIS BONETT

### MINISTRU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA, U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

### DAĦLA

Eluf ta' nies jużaw it-toroq tagħna kuljum, sewwieqa, ċiklisti, nies mexjin u min juża t-trasport pubbliku. Kull deċiżjoni li nieħdu taffettwa, mhux biss lilna nfusna, iżda wkoll lil dawk ta' madwarna. Qatt m'għandna ninsew li kulħadd għandu sehem tar-responsabbiltà għas-sikurezza fit-toroq. Għal din ir-raġuni lkoll għandna nġibu ruħna b'mod responsabbli u nuru rispett lejn xulxin waqt li nivvjaġġaw.

Dawn huma l-pedamenti tal-*Kodiċi tat-Triq ta' Malta* rivedut, li se jservi ta' gwida prattika għal kull min juża t-triq. Il-Kodiċi jispjega r-regoli eżistenti b'mod aktar ċar biex aħna lkoll inkunu nafu d-dmirijiet tagħna meta nużaw it-triq.

Illum, il-mod kif nivvjaġġaw qed jinbidel. Aktar nies qed jużaw ir-rota — is-sistema tat-trasport pubbliku qed tespandi — it-teknoloġiji l-ġodda qed jinfluwenzaw il-mod kif inġibu ruħna fit-triq. B'dawn il-bidliet irridu niżguraw li r-regoli tagħna jżommu maż-żminijiet biex inkunu aktar siguri, u biex it-toroq tagħna jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Għalhekk, il-*Kodiċi tat-Triq ta' Malta* aġġornat qed iqis ukoll forom ġodda ta' mobbiltà, bħall-iscooters elettroniċi u l-pedelecs, filwaqt li jsaħħaħ il-prinċipji tradizzjonali li japplikaw għal kulħadd.

Madanakollu, ir-regoli nfushom mhumiex biżżejjed. Is-sikurezza fit-toroq tiddependi wkoll fuq l-attitudni u l-għarfien tal-individwi. Wasal iż-żmien li noħolqu kultura fejn in-nies jirrealizzaw li mhumiex waħedhom fit-triq. Flimkien biss nistgħu noħolqu network ta' toroq fejn kulħadd jużah b'kunfidenza, rispett, u sigurtà.



## KURT FARRUGIA

KAP EŻEKUTTIV TA' TRANSPORT MALTA

### DAĦLA

Transport Malta tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tippromovi ambjent tat-triq sikur u inkluživ, fejn is-sikurezza tmur lil hinn minn sempliċement konformità. Dan il-*Kodiċi tat-Triq ta' Malta* rivedut huwa qafas edukattiv imfassal biex jikkultiva kultura responsabbli maqsuma fost dawk kollha li jużaw it-triq – is-sewwieqa tal-karozzi, il-persuni mexjin, iċ-ċiklisti, u s-sewwieqa tal-muturi. Dan imur lil hinn mir-regolamenti stabbiliti, u jagħti prijorità lill-mitigazzjoni proattiva tar-riskji billi jżomm mal-protokolli kritiċi tas-sikurezza: l-użu korrett taċ-ċinturin tas-sigurtà, l-elmi, is-sinjalar mill-vetturi, l-osservanza tad-dritta lill-persuni mexjin, u t-tnaqqis kemm jista' jkun tad-distrazzjonijiet waqt is-sewqan.

In-network tat-toroq ta' Malta jitlob li nużaw kemm jista' jkun mill-ambjent tat-triq bħala spazju kollettiv, li jeħtieġ viġilanza u rispett reċiproku. Minkejja li l-ekosistemi tal-mobbiltà qed jevolvu, inċidenti li jistgħu jiġu evitati xorta waħda jippersistu minħabba l-veloċità eċċessiva, is-sewqan distratt, u n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni dwar it-traffiku. Dawn jipperikolaw b'mod sproporzjonat il-gruppi vulnerabbli mill-popolazzjoni. Il-Kodiċi jipprovdi linji gwida azzjonabbli biex jitnaqqsu dawn ir-riskji, u jinkorpora r-responsabbiltà fl-imġiba ta' kuljum ta' min jivvjaġġa.

Dan id-dokument jaqbel mal-objettivi nazzjonali u jintegra fl-istrateġija tat-trasport sostenibbli ta' Malta, b'sinerġija mal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, jippromovi modi alternattivi ta' trasport, u t-titjib fl-effiċjenza tan-network. Jekk id-dokument jiġi adottat mill-pajjiż kollu jwassal biex ikun effikaċi; u biex ikun ta' suċċess jeħtieġ impenn individwali biex jiġu internalizzati l-prinċipji tiegħu.

Transport Malta tappoġġja din il-bidla fundamentali lejn mobbiltà aktar sikura u aktar ekoloġika. Jalla dan il-Kodiċi jħeġġeġ ir-rispett kollettiv lejn xulxin – is-sikurezza fit-toroq hija dmir ċiviku, mhux għażla. Ir-responsabbiltà hija tagħna lkoll.



1

# TAQSIMA

## IT-TRIQ

# TAQSIMA 1: IT-TRIQ

1. It-triq tkun normalment magħmula minn karreġġata u minn bankina jew żewġ bankini (passaġġi). Il-karreġġata hija maħsuba għall-vetturi, waqt li l-bankina hija maħsuba għal persuni mexjin. 'Il barra miż-żoni mibnija, minflok il-bankini, ġeneralment ikun hemm hard shoulders x'aktarx immarkati minn linja bajda sħiħa.

2. Il-karreġġati u l-bankini huma primarjament maħsuba għall-ivvjaġġar aktar milli għal vetturi u persuni weqfin. Il-vetturi weqfin m'għandhomx jostakolaw il-vetturi li jkunu mexjin. Bl-istess mod, in-nies m'għandhomx jostakolaw il-bankini.

3. Il-karreġġati kultant jinqasmu f'mogħdijiet permezz ta' linji bojod maqtugħa, jew f'żewġ nofsijiet, wieħed għal kull direzzjoni li jkun sejjer it-traffiku, permezz ta' linji bojod doppji sħaħ jew maqtugħa. Fejn m'hemmx dawn il-linji mmarkati, linja nozzjonali li tgħaddi mill-parti tat-triq li tintuża għandha titqies bħala l-linja diviżorja bejn iż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku.

4. Service roads jgħaddu paralleli mal-karreġġata prinċipali. Il-fluss tat-traffiku f'service road ikun fl-istess direzzjoni bħall-fluss tal-mogħdija fil-karreġġata prinċipali li tmiss magħha.

5. Triq b'żewġ karreġġati għandha karreġġata separata għal kull direzzjoni tat-traffiku u maqsuma b'centre strip jew riserva. L-ebda vettura ma tista' tinstaq f'dawn il-karreġġati kontra l-fluss tat-traffiku.

6. Toroq kwieti huma dawk fejn iċ-ċiklisti jużaw il-mogħdija tat-triq flimkien ma' vetturi bil-mutur b'veloċità li ma taqbiżx it-30 km/h, volum ta' traffiku baxx u fejn il-wisa' tal-karreġġata tkun inqas minn 7 m. It-tabelli għaċ-ċikliżmu biss huma implimentati.

7. Binarji għar-roti (cycle tracks) huma konnessjonijiet għaċ-ċiklisti fiżikament segregati mit-traffiku tal-vetturi bil-mutur u mill-persuni mexjin.

8. Mogħdijiet għar-roti (cycle lanes) huma konnessjonijiet għaċ-ċiklisti fiżikament segregati mill-persuni mexjin iżda mhux mit-traffiku tal-vetturi bil-mutur.

9. Il-mogħdijiet konsultattivi għar-roti (advisory cycle lanes) huma konnessjonijiet għaċ-ċiklisti fiżikament segregati mill-persuni mexjin u użati wkoll mill-vetturi bil-mutur.

**10.** Passaġġi għar-roti (cycle paths) huma segregati mit-traffiku tal-vetturi bil-mutur imma użati wkoll mill-persuni mexjin (eż. fil-kampanja).

**11.** Traffic islands huma maħsuba biex jgħinu l-fluss tat-traffiku f'salib it-toroq. Segwi l-indikazzjonijiet mogħtija meta tasal lejn dawn it-traffic islands.

**12.** Roundabout hija tip speċifiku ta' traffic island. Din ma tkunx bilfors tonda u indikata bħala tali permezz tat-tabella ta' "roundabout" li taraha meta tersaq lejha. Huwa importanti li wieħed joqgħod attent għal tabelli bħal dawn peress li fir-roundabouts ir-regoli normali ta' min għandu d-dritta jistgħu jinbidlu. Roundabouts jistgħu jvarjaw fid-daqs u fil-mod ta' kif ikunu mibnijin. Roundabouts b'dijametru ta' bejn 1 m u 4 m jistgħu jinżebgħu fuq il-karreġġata jew ikunu magħmulin minn biċċiet jintramaw. Roundabouts b'dijametru ta' aktar minn 4 m normalment ikunu mibnijin u b'hekk ma jistgħux jiżżarmaw.

**13.** It-toroq f'Malta normalment jiġu mmarkati permezz ta' tabelli tat-traffiku internazzjonali, iżda fejn ma jkunx hemm tabelli, għandhom jiġu osservati r-regoli normali tal-prudenza u tal-korteżija.

**14.** Il-limiti taż-żoni mibnija huma mmarkati permezz tat-tabella tal-isem tal-belt jew tar-raħal, jew permezz ta' tabella speċifika li tillimita l-veloċità. Madanakollu, kwalunkwe aggregazzjoni ta' djar abitati jew li jistgħu jkunu abitati minn tal-inqas mitt persuna titqies bħala żona abitata. L-ogħla veloċità f'żoni abitati hija ta' 50 km/h, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.

**15.** Meta triq li minnha jgħaddi t-traffiku jkollha service road maġenbha sabiex il-bini ma jkunx imiss direttament magħha, din it-triq titqies li qiegħda barra miż-żona mibnija.

**16.** Bħala regola, it-toroq ewlenin huma dawk iddikjarati bħala tali b'sinjal ta' preċedenza, waqt li t-toroq sekondarji huma dawk b'sinjal "Stop" jew "Give Way" b'linja bajda miżbugħa min-naħa għall-oħra tal-karreġġata. Jekk ikollok dubju, qis it-triq l-oħra bħala t-triq ewlenija.

**17.** Bħala regola, triq hija disponibbli għal kulħadd u fiż-żewġ direzzjonijiet, iżda ċerti toroq huma riservati għal ċerti tipi ta' vetturi u/jew persuni jew għal direzzjoni partikolari tal-ivvjaġġar.

**18.** It-triq hija l-post fejn il-manjieri veri ta' persuna, kemm jekk tkun sewwieq, ċiklist, jew persuna bil-mixi, jiġu ttestjati. Idra l-korteżija fit-triq. Rari jseħħ inċident li ma jkunx ikkawżat direttament jew indirettament, min-nuqqas ta' korteżija fit-triq.

**IL-KORTEŻIJA FIT-TRIQ TBIEGĦED IL-MEWT MIT-TRIQ.**

2

# TAQSIMA

## PERSUNI MEXJIN FIT-TRIQ

# TAQSIMA 2: PERSUNI MEXJIN FIT-TRIQ

**19.** Il-persuni mexjin (kif ukoll is-sewwieqa) huma responsabbli biex jużaw tajjeb it-triq. Huma jistgħu jkunu responsabbli għall-konsegwenzi li jħallu fuqhom infushom jew għall-oħrajn minħabba li jonqsu milli josservaw il-liġi.

## 2.1 Mixi fit-Triq

**20.** Fejn hemm bankini jew passaġġi, użahom. Kemm jista' jkun timxix bla ħsieb fil-karreġġata (jaywalking) għax huwa perikoluż, kemm għalik innifsek, kif ukoll għall-oħrajn.

**21.** Timxix fit-tarf tal-bankina u b'dahrek lejn it-traffiku. Tinżilx mill-bankina mingħajr ma tkun aċċertajt ruħek minn qabel li tista' tinżel mingħajr periklu.

**22.** In-nies m'għandhomx jimxu f'toroq arterjali u distributorji jew fi slip roads fejn ma jkunx hemm bankina għall-mixi disponibbli. Il-hard shoulders għandhom jintużaw min-nies f'emerġenza biss.

**23.** F'toroq oħra fejn m'hemmx bankini jew passaġġi, jew fejn dawn ma jkunux adegwati, imxi fuq il-lemin tat-triq faċċata tat-traffiku. Għandek toqgħod attent ħafna u għandek timxi f'filliera waħda jekk it-triq tkun dejqa jew ma jkunx hemm biżżejjed dawl. Dejjem żomm mal-ġenb tat-triq. Aqsam it-triq qabel liwja li ddur f'daqqa lejn il-lemin sabiex is-sewwieqa ġejjin kontrik ikunu jistgħu jarawk. Aqsam lura hekk kif ma jkunx hemm periklu. Meta ma jkunx hemm dawl biżżejjed ara li tkun liebes jew iġġorr xi ħaġa ta' kulur ċar, u billejl ilbes faxxa li tirrifletti ma' driegħek, ġakketta li tirrifletti, eċċ. Qatt m'għandek tilbes ħwejjeġ skuri billejl.

**24.** Fl-ebda ċirkostanza m'għandek timxi tul il-karreġġata meta din tkun separata mill-bankina permezz ta' lqugħ jew ktajjen.

**25.** Toqgħodx titnikker bla bżonn fuq il-karreġġata. Ftakar li l-karreġġata qiegħda hemm l-ewwel u qabel kollox biex jgħaddu minnha l-vetturi.

**26.** Gruppi ta' nies għandhom dejjem jimxu fuq in-naħa tax-xellug tat-triq jew fuq passaġġ. Għandu jkun hemm persuni bi rwol ta' gwardjani fuq quddiem u fuq wara. Dawn għandhom ukoll ikollhom dwal billejl (abjad fuq quddiem u aħmar fuq wara). Il-gwardjani għandhom jilbsu ħwejjeġ li jixegħlu matul il-ġurnata u ħwejjeġ li jirriflettu billejl.

**27.** Spazju kondiviż jinsab ġeneralment f'żona urbana. Hawn it-toroq ikunu ddisinjati b'tali mod li jimminimizzaw is-segregazzjoni bejn modi diferenti ta' trasport fit-triq. Dan isir billi jitneħħew il-marki tat-triq, il-bankini, is-sinjal u t-traffic lights. Il-persuni mexjin għandhom prijorità fuq modi oħra ta' trasport.

## 2.2 Meta Taqsam it-Triq

### 2.2.1 Il-kodiċi biex taqsam bla perikli (the safe crossing code)

**28.** Is-suġġeriment li jingħata hawn taħt dwar kif taqsam it-triq huwa għall-persuni kollha mexjin fit-triq. It-tfal għandhom jiġu mgħallma l-Kodiċi u m'għandhomx jitħallew joħorġu waħedhom sakemm ikunu jistgħu jifhmuh u jużawh kif suppost. L-età meta jistgħu joħorġu waħedhom hija differenti għal kull tifel u tifla. Ħafna tfal ma jkunux jafu jikkalkulaw il-veloċità tal-vetturi jew kemm ikunu 'l bogħod. It-tfal jitgħallmu bl-eżempju. Għaldaqstant il-ġenituri u l-carers dejjem għandhom jobdu sew il-Kodiċi meta jkunu barra mat-tfal tagħhom. Huma responsabbli biex jiddeċiedu f'liema età t-tfal tagħhom jistgħu jużaw il-Kodiċi waħedhom mingħajr periklu.

**29.** Sib post minn fejn tista' taqsam mingħajr periklu. Huwa aktar sikur li taqsam minn subway, pont pedonali, pedestrian island, zebra crossing (pedestrian crossing) jew pelican crossing, jew minn fejn issib passaġġ li minnu tista' taqsam mgħasses minn uffiċjal awtorizzat. Inkella agħżel post fejn tista' tara sew in-naħat kollha.

**30.** Zebra crossing huwa passaġġ min-naħa għal oħra tat-triq minn fejn jistgħu jaqsmu n-nies jew iċ-ċiklisti. Dan ikun immarkat:

- b'żebgħa fit-triq bi strixxi bojod matal il-passaġġ minn fejn taqsam;
- b'linji f'għamla ta' zig-zag qabel iż-zebra crossing; u
- b'dawl magħruf bħala Belisha beacon, floodlight, u tabella tal-pożizzjoni taż-zebra crossing fuq arblu miżbugħ bi strixxi orizzontali bojod u suwed.

**31.** Pelican crossing huwa passaġġ ikkontrollat bis-sinjali mħaddmin minn persuni u ċiklisti minn fejn dawn l-istess persuni jew ċiklisti jistgħu jaqsmu t-triq. Pelican crossing ikollu wkoll linji f'għamla ta' zig-zag qablu.

**32.** Kemm jista' jkun taqsamx minn bejn karozzi pparkjati, kisriet f'daqqa u qċaċet ta' telgħat. Għandek tieqaf fi spazju fejn is-sewwieqa jistgħu jarawk b'mod ċar.

33. F'żona fejn tista' taqsam b'mod ikkontrollat, ngħidu aħna f'pelican jew f'zebra crossing, mur fuq il-pavimentar l-aħmar bl-istuds sporġuti 'l fuq (red blister paving), waqt li f'żona fi qsim mhux ikkontrollat, mur fuq il-pavimentar l-isfar bl-istuds sporġuti 'l fuq (yellow blister paving).

34. Ieqaf eżatt f'tarf il-bankina fejn tista' tara jkunx ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina, żomm lura mit-tarf tat-triq imma kun ċert li xorta tista' tara jkunx ġej it-traffiku u li t-traffiku jista' jarak.

35. Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġu minn kull direzzjoni. Isma' sew għax xi kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.

36. Vetturi elettriċi jistgħu ma jagħmlux ħoss u għalhekk persuna miexja għandha toqgħod attenta sew għalihom.

37. Ħalli persuna jew vettura oħra ġejja tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm spazju fit-traffiku biex taqsam u tkun ċert li jkollok ħafna ħin biex taqsam mingħajr periklu. Ftakar li għalkemm vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità qawwija.

38. Meta ma jkunx hemm periklu u l-vetturi kollha jkunu waqfu, aqsam it-triq dritt (u mhux la ġenba) u tiġrix. Ibqa' għassa għat-traffiku waqt li taqsam f'każ li jkun hemm xi traffiku li ma kontx rajt qabel, jew f'każ li traffiku ieħor jidher għal għarrieda.



39. Oqgħod attent għaċ-ċiklisti u l-muturi li jgħaddu bejn il-vetturi u l-mogħdijiet tal-vetturi.

### 2.2.2 F'salib it-toroq (fejn jingħaqdu żewġ toroq)

40. Oqgħod attent għat-traffiku li dieħel fit-triq meta taqsam jew meta tistenna biex taqsam, speċjalment tat-traffiku minn warajk. Dejjem aqsam minn post fejn tista' tidher minn persuni oħrajn li qed jużaw it-triq.

### 2.2.3 Safety barriers għal persuni mexjin

41. Fejn ikun hemm safety barriers, aqsam it-triq biss fejn ikun hemm ftuħ apposta għan-nies biex jaqsmu. Qatt m'għandek taqbeż dawn il-barriers jew timxi bejnhom u t-triq.

### 2.2.4 Pavimentar tattili (tactile paving)

**42.** Dan ikun magħmul minn studs żgħar (blister paving) u linji (corduroy paving) sporġuti 'l fuq li jistgħu jinħassu b'saqajk. Dan it-tip ta' pavimentar jgħin lil nies għomja jew lil dawk b'nuqqas ta' vista biex jindunaw li qorbu lejn passaġġ minn fejn jistgħu jaqsmu, bil-bankina titbaxxa għal aktar indikazzjonijiet. Il-corduroy paving jintuża f'level crossings, fin-naħa ta' fuq u ta' isfel ta' tarġiet u f'postijiet oħra ta' riskju għas-sikurezza.

### 2.2.5 Toroq one-way

**43.** Dejjem iċċekkja f'liema direzzjoni miexi t-traffiku. Taqsamx qabel tkun ċert li m'hemmx periklu biex taqsam mingħajr ma tieqaf. Qatt tieqaf fit-triq. Xi drabi d-direzzjoni fil-mogħdijiet għall-karozzi tal-linja u għar-roti tista' tkun kontra d-direzzjoni għall-bqija tat-traffiku.

### 2.2.6 Mogħdijiet (karreġġati) għall-karozzi tal-linja u għar-roti

**44.** Oqgħod attent meta taqsam dawn il-mogħdijiet peress li t-traffiku jista' jkun aktar mgħaġġel minn dak fil-mogħdijiet l-oħra, jew kontra l-fluss tat-traffiku.

### 2.2.7 Passaġġi użati wkoll miċ-ċiklisti

**45.** Il-mogħdijiet għaċ-ċiklisti jistgħu jkunu maġenb passaġġi jew toroq b'linja diviżorja, ġenb, bankina jew tagħmir ieħor li jisseparahom. Żomm man-naħa maħsuba għan-nies li jkunu jistgħu jimxu fiha. Oqgħod aktar attent għall-mogħdija li tista' tintuża, kemm miċ-ċiklisti, kif ukoll min-nies, għax iż-żewġ mogħdijiet mhux dejjem jiġu sseparati.

### 2.2.8 Vetturi pparkjati

**46.** Jekk għandek bżonn taqsam bejn vetturi pparkjati, qis it-truf ta' barra tal-vetturi daqslikieku huma l-bankina. Ieqaf hemm u kun ċert li tista' tara madwarek u li t-traffiku jista' jarak. Qatt m'għandek taqsam it-triq minn quddiem jew minn wara kwalunkwe vettura bil-magna tagħha mixgħula, speċjalment vettura kbira, peress li s-sewwieq jista' ma jkunx qed jarak.

### 2.2.9 Vetturi li qed jirriversjaw

**47.** Qatt m'għandek taqsam minn wara vettura li waslet biex tirriversja jew tkun qiegħda tirriversja. Id-dwal bojod tar-reverse jew il-ħoss ta' twissija huma indikazzjoni tajba li vettura tkun qiegħda tirriversja.

### 2.2.10 Vetturi mexjin

**48.** M'GĦANDEKX titla' fuq, tinżel minn, jew iżżomm ma' vettura li tkun miexja.

#### 2.2.11 Billejl

**49.** Ilbes ħwejjeġ li jirriflettu biex tagħmilha aktar faċli għal ħaddieħor biex jarak. Jekk m'hemmx pedestrian crossing fil-qrib, aqsam it-triq ħdejn id-dawl tat-triq sabiex it-traffiku jkun jista' jarak aktar faċilment.

### 2.3 Tipi ta' Passaġġi minn fejn Taqsam

#### 2.3.1 Meta taqsam minn kwalunkwe post

**50.** Meta tuża kwalunkwe post minn fejn taqsam:

- għandek tkun ċert li t-traffiku waqaf qabel ma tibda taqsam jew timbotta pram għal fuq il-passaġġ minn fejn se taqsam;

- għandek dejjem taqsam bejn l-istuds jew fuq il-marki taż-zebra. Qatt m'għandek taqsam mill-ġenb tal-passaġġ jew minn fuq il-linji f'għamla ta' zig-zag; u

- m'għandekx tieqaf jew titnikker fuq kwalunkwe tip ta' passaġġ minn fejn se taqsam.

**51.** It-traffiku jista' jdum biex jarak u jwaqqaf qabel il-passaġġ minn fejn tkun se taqsam. Meta t-triq tkun tiżloq, il-vetturi jkollhom bżonn saħansitra aktar ħin biex jieqfu. Qabel ma taqsam, stenna sakemm it-triq tkun battala jew it-traffiku jkun waqaf miż-żewġ direzzjonijiet. Ibqa' ħares lejn iż-żewġ naħat u isma' f'każ li xi sewwieqa jew rikkieba oħra ma jkunux rawk u jippruvaw jaqbżu vettura li tkun waqfet.

**52.** Ġeneralment, zebra crossings ikunu mgħammra b'fanali oranġjo jew sofor iteptpu magħrufin bħala Belisha beacons.

**53.** Toqgħodx fit-tarf tal-bankina f'pedestrian crossing jekk m'għandekx ħsieb li taqsam.

**54.** Meta jkun hemm refuge island f'nofs il-passaġġ minn fejn tkun se taqsam, stenna fuqha qabel ma taqsam it-tieni nofs tat-triq – dan jitqies passaġġ separat minn fejn taqsam.

**55.** Oqgħod attent meta tkun se taqsam f'pedestrian crossing. Tqisx li għandek id-dritta u taqbad u taqsam. Stenna għal spazju fit-traffiku, b'mod speċjali jekk ikun hemm ftit persuni u t-traffiku jkun għadu kif twaqqaf ftit qabel.

**56.** Aqsam biss it-triq minn fuq pedestrian crossing, subway, jew pont pedonali meta tara li jkunu relattivament viċin (xi 50 m jew inqas).

### 2.3.3 Traffic lights

**57.** Jista' jkun hemm dwal apposta għall-persuni li jaqsmu t-triq. Ibda aqsam it-triq biss meta titfaċċa l-figura ħadra u l-karozzi kollha jkunu waqfu. Jekk bdejt taqsam it-triq u l-figura ħadra tintefa, xorta għandu jkollok biżżejjed ħin biex tasal san-naħa l-oħra, imma tittratenix. Jekk ma jkunx hemm dwal għall-persuni li jaqsmu, oqgħod attent u taqsamx qabel it-traffic lights ikunu ħomor u t-traffiku jkun waqaf. Ibqa' għassa għal xi traffiku li jkun qed idur il-kantuniera. Ftakar li t-traffic lights jistgħu jħallu t-traffiku għaddej f'xi mogħdijiet filwaqt li f'oħrajn ikun waqaf.

### 2.3.4 Pelican crossings

**58.** Agħfas il-buttuna biex tixgħel is-sinjal tat-traffiku. Taqsamx jekk tara l-figura ħamra. Meta titfaċċa l-figura l-ħadra, iċċekkja li t-traffiku waqaf, imbagħad aqsam b'attenzjoni. Xi passaġġi minn fejn taqsam jistgħu juru figura ħadra li tteptep biex twissi li d-dawl dalwaqt jinbidel għal aħmar. Meta l-figura ħadra tibda tteptep m'għandekx tibda taqsam. Jekk diġà bdejt taqsam għandu jkollok biżżejjed ħin biex tasal san-naħa l-oħra mingħajr periklu. Fejn hemm countdown tal-ħin għall-fażi ħadra tal-qsim, kun ċert li għandek biżżejjed ħin biex taqsam it-triq.

**59.** Xi pelican crossings jagħmlu ħoss li jindika lil nies għomja jew lil dawk neqsin mid-dawl li tkun mixgħula l-figura l-ħadra. Jista' jkun hemm ukoll sinjal tattilu (tactile) biex jgħin lil nies bi bżonnijiet addizzjonali t'aċċessibbiltà.

**60.** Meta t-triq tkun traffikuża, il-vetturi fuq in-naħa tiegħek tat-triq jista' jkollhom jieqfu anke jekk id-dawl għalihom ikun aħdar. It-traffiku xorta jista' jibqa' għaddej fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Għalhekk dejjem agħfas il-buttuna u stenna għas-sinjal biex taqsam.

**61.** Pelican crossing maqsum fi stadji differenti huwa tip ta' qsim fejn il-passaġġi minn fejn taqsam ma jkunux f'linja dritta. Għalhekk ikunu qed jintużaw bħala żewġ punti separati minn fejn taqsam. Meta tasal f'pedestrian refuge ċentrali, agħfas mill-ġdid il-buttuna tal-lights u stenna l-figura l-ħadra biex taqsam għan-naħa l-oħra tat-triq.

**62.** Parallel crossings (toucan crossings) huma żoni minn fejn taqsam li jkunu paralleli ma' pedestrian crossings oħra maħsuba biex jużawhom iċ-ċiklisti. Tidentifikahom permezz ta' marki tat-triq u tabelli apposta. Iċ-ċiklisti għandhom jużaw parallel crossings meta jkun hemm minnhom qrib zebra jew pelican crossings. Jekk ma jkunx hemm parallel crossings, iċ-ċiklisti għandhom jinżlu minn fuq ir-rota u jimxu min-naħa għall-oħra tat-triq waqt li jimbuttaw ir-rota.



Struzzjonijiet għal persuni bil-mixi, 'il fuq mill-buttuna ta' kontroll, biex jattivaw il-fażi tal-attraversament mad-dawl tat-traffiku

## 2.4 Sitwazzjonijiet li Jeħtieġu Aktar Attenzjoni

### 2.4.1 Ħarsa ġenerali

Huwa rrakkomandat li taqsam fejn hemm traffic island fin-nofs tat-triq jekk ma jkunx hemm pedestrian crossing qrib minn fejn se taqsam. Segwi l-Kodiċi Biex Taqsam bla Perikli b'mod sikur (Safe Crossing Code) biex taqsam sat-traffic island. Imbagħad ieqaf u erġa' segwi l-kodiċi biex taqsam it-tieni nofs tat-triq.

**63.** Jekk hemm passaġġ minn fejn taqsam jew junction mgħassa minn uffiċjal awtorizzat, taqsamx it-triq. Segwi l-istruzzjonijiet li jagħtik l-uffiċjal awtorizzat. Dejjem aqsam minn quddiem id-dwal jew mill-junction, u mhux minn bejn il-vetturi.

### 2.4.2 Vetturi ta' emerġenza

**64.** Warrab b'attenzjoni jekk tkun ġejja ambulanza, vetturi tat-tifi tan-nar, vetturi tal-pulizija, jew vetturi oħra ta' emerġenza li jkollhom dwal blu jew ħodor iteptpu, fanali ta' quddiem iteptpu, u/jew sireni.

### 2.4.3 Karozzi tal-linja

**65.** Itla' fuq karozza tal-linja jew inżel minnha biss meta din tkun waqfet biex tħallik tagħmel dan. Oqgħod attent għaċ-ċiklisti, eċċ., li resqin għan-naħa tiegħek waqt li tkun nieżel mill-karozza tal-linja. Qatt taqsam it-triq direttament wara jew quddiem karozza tal-linja. Stenna sakemm din tkun imxiet 'il quddiem biex tkun tista' tara sew fiż-żewġ direzzjonijiet.

### 2.4.4 Karozzi

**66.** Oqgħod ħafna attent jekk tinżel fil-karreġġata biex tidħol jew toħroġ minn karozza. Fejn tista' uża l-bibien tan-naħa tal-bankina. Għalkemm is-sewwieq tal-karozza jkollu juża l-bieba tan-naħa ta' barra, il-passiġġiera għandhom dejjem jużaw biss il-bibien tan-naħa tal-bankina.

### 2.4.5 Attenzjoni għat-tfal

**67.** It-tfal żgħar qatt m'għandhom jiġu fdati waħedhom, la fuq il-bankina, u lanqas fit-triq. Meta tkun barra, imxi bejnhom u t-traffiku, żommilhom idejhom sewwa; ara li tfal żgħar ħafna jkunu marbutin fil-pushchairs jew b'ċinga. Tħallihomx jiġru fit-triq.

### 2.4.6 Attenzjoni għall-anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet speċjali

**68.** L-anzjani jdumu biex jirreaġixxu u jimxu bil-mod. Persuni bi bżonnijiet speċjali huma l-iżjed vulnerabbli, speċjalment dawk neqsin mid-dawl u dawk li jużaw is-siġġu tar-roti. Għandhom ifittxu u jingħataw l-għajnuna kull meta jeħtiġuha, speċjalment biex jaqsmu t-triq. Persuni neqsin mid-dawl għandhom dejjem jimxu b'bastun abjad. Jista' ma jkunx hemm bankina jew bankina tista' tingħalaq temporanjament, kemm minħabba xogħlijiet li jkunu għaddejjin, kif ukoll minħabba perikli jew nuqqas ta' sigurtà. Oqgħod attent jekk ikun hemm direzzjoni biex tuża rotta alternattiva għall-mixi jew biex taqsam it-triq.


AVENGER

# 3

# TAQSIMA

## REGOLI GĦAL MIN JUŻA SIĠĠIJIET TAR-ROTI MOTORIZZATI U SCOOTERS TAL-MOBBILTÀ

# TAQSIMA 3: REGOLI GĦAL MIN JUŻA SIĠĠIJIET TAR-ROTI MOTORIZZATI U SCOOTERS TAL-MOBBILTÀ

## 3.1 Siġġijiet tar-Roti Motorizzati u Scooters tal-Mobbiltà

**69.** Siġġijiet tar-roti manwali jew motorizzati u scooters tal-mobbiltà jistgħu jintużaw fuq bankini, promenades, u żoni pedonali b'veloċità li ma taqbiżx is-6 km/h. F'dawn iċ-ċirkostanzi wieħed għandu jsegwi l-istess gwida u regoli għal persuni mexjin fit-triq.

**70.** Siġġijiet tar-roti manwali jew motorizzati u scooters tal-mobbiltà jistgħu jintużaw biss f'toroq fejn ma jkunx prattiku tuża l-bankina. Fit-triq m'għandu qatt jinqabeż il-limitu tal-veloċità ta' 6 km/h. F'dawn iċ-ċirkostanzi wieħed għandu jsegwi l-gwida u r-regoli li japplikaw għal vetturi oħra.

## 3.2 Fuq il-Bankina

**71.** Il-bankini huma aktar sikuri mit-toroq u għandhom jintużaw meta jkunu disponibbli. In-nies mexjin għandhom jingħataw prijorità. Aħseb f'persuni neqsin mid-dawl jew mis-smigħ li qed jużaw il-bankina għax jaf ma jkunux konxji tal-preżenza tiegħek.

**72.** Siġġijiet tar-roti u scooters motorizzati M'GĦANDHOMX jinstaqu b'veloċità li taqbeż is-6 km/h fuq bankini jew f'żoni pedonali. Jista' jkollok bżonn tnaqqas jew tibdel il-veloċità tiegħek biex ma tipperikolax persuni oħrajn li qed jużaw il-bankina għax forsi ma jkunux jistgħu jwarrbu minn quddiemek malajr biżżejjed jew fejn il-bankina tkun dejqa wisq.

**73.** Meta tinżel mill-bankina għal ġot-triq, dejjem oqgħod b'seba' mitt għajn. Qabel ma tiċċaqlaq, dejjem ħares madwarek u kun żgur li m'hemmx periklu biex tingħaqad mat-traffiku. Biex tinżel mill-bankina għal ġot-triq prova uża dejjem il-parti baxxa tal-bankina (dropped kerb), anke jekk dan ifisser li trid tivvjaġġa aktar biex issib waħda. Itla' jew inżel bankina f'angolu rett u itlagħha jew inżilha biss jekk il-bankina ma tkunx ogħla minn dak li jirrakkomanda l-manifattur tal-vettura.

## 3.3 Fit-Triq

**74.** Peress li l-magna tiegħek hija restritta sa 6 km/h, għandek toqgħod attent meta tivvjaġġa fit-triq. Ftakar li tista' tkun qed tivvjaġġa b'veloċità aktar baxxa minn dik ta' traffiku ieħor. Barra minn hekk tista' tkun inqas viżibbli.

**75.** Siġġijiet tar-roti motorizzati u scooters tal-mobbiltà li jinstaqu b'veloċità li ma taqbiżx is-6 km/h għandhom jintużaw b'attenzjoni fit-triq u għandhom jivvjaġġaw fid-direzzjoni tat-traffiku. Żomm f'moħħok li s-siġġijiet tar-roti motorizzati u l-iscooters tal-mobbiltà għandhom dejjem jintużaw fuq il-bankina, dejjem jekk ikun hemm. Jekk tkun qed tivvjaġġa billejl GĦANDEK tixgħel id-dwal u għandek tivvjaġġa fid-direzzjoni tat-traffiku biex tevita li toħloq konfużjoni għal persuni oħra li qed jużaw it-triq.

**76.** Jekk siġġijiet tar-roti motorizzati u scooters tal-mobbiltà jkunu mgħammra bi dwal, indicators, u ħornijiet, japplikaw l-istess regoli dwar l-użu tagħhom f'vetturi oħra. Billejl GĦANDHOM jinxtegħlu d-dwal. Żomm f'moħħok li persuni oħra li jkunu qed jużaw it-triq jistgħu ma jarawkx u għalhekk għandek tieħu ħsieb li tkun aktar viżibbli billi, pereżempju, tilbes ġakketta li tirrifletti jew twaħħal strixxi riflettivi fuq wara tal-vettura. Dan japplika, kemm matul il-ġurnata, kif ukoll meta jkun qed jidlam.

**77.** Oqgħod ħafna attent f'salib it-toroq. Meta tibqa' sejjer dritt iċċekkja sew biex tkun ċert li ma jkunx hemm vetturi li jkunu se jaqsmu l-mogħdija tiegħek mix-xellug, mil-lemin, jew li jaqbżuk u jduru fuq ix-xellug. Hemm diversi modi biex iddur lejn il-lemin, speċjalment minn triq prinċipali. Jekk huwa diffiċli jew perikoluż li ssuq għal nofs it-triq, tista' tieqaf fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, tistenna li jbatti t-traffiku, u ddur daqslikieku persuna miexja, jiġifieri tivvjaġġa tul il-bankina u taqsam it-triq ta' bejn il-bankini meta m'hemmx periklu.

Jekk il-junction tkun perikoluża wisq, aħseb f'rotta alternattiva. Bl-istess mod, meta trid iddur ma' roundabouts ewlenin (jiġifieri b'żewġ mogħdijiet jew aktar) jista' jkun aktar sikur għalik li tuża l-bankina jew issib rotta li biha tevita għalkollox ir-roundabout.

**78.** Għandhom jiġu osservati r-restrizzjonijiet normali kollha fuq l-ipparkjar. Tħallix il-vettura tiegħek waħedha jekk tfixkel lil ħaddieħor li jkunu miexi, speċjalment persuni f'siġġijiet tar-roti. Il-konċessjonijiet għall-parking ipprovduti mill-Blue Badge scheme japplikaw biss għal dawk il-vetturi li jkollhom badge valida.

**79.** Dawn il-vetturi MA JISTGĦUX jintużaw f'toroq arterjali u distributorji u f'toroq fejn il-limitu tal-veloċità jaqbeż il-50 km/h.


Il-Kappara Junction
San Ġwann
Il-Gżira.
1 Għawdex Gozo
San Ġiljan

4

# TAQSIMA

## REGOLI GĦAĊ-ĊIKLISTI

# TAQSIMA 4: REGOLI GĦAĊ-ĊIKLISTI

## 4.1 Ħwejjeġ

**80.** Għandek tilbes:

- preferibbilment elmu protettiv li jikkonforma mar-regolamenti, ikun ta’ daqs tajjeb, u jkun maqful sew;
- ħwejjeġ li ma jitħabblux mal-katina, mar-rota, jew li jistgħu jgħattu d-dwal tiegħek;
- ħwejjeġ ċari jew ħwejjeġ oħra li jgħinu lil ħaddieħor fit-triq biex jarak fid-dawl tax-xemx u f’dawl batut; u
- ħwejjeġ li jirriflettu u/jew aċċessorji (ċinturini, ċineg ma’ dirgħajk jew mal-għaksa) fid-dlam.



**Agħmilha aktar faċli għal ħaddieħor biex jarak.**

**81.** Billejl ir-rota tiegħek GĦANDU jkollha d-dwal bojod fuq quddiem u ħomor fuq wara mixgħulin. Ir-rota TRID tkun mgħammra wkoll b’riflettur aħmar fuq wara (u huwa rrakkomandat li tuża wkoll rifletturi ambra mal-pedali). Dwal iteptpu u rifletturi oħra jistgħu jgħinuk tidher iżda M’GĦANDHOMX jintużaw mingħajr id-dwal tiegħek.

## 82. Għandek:

- tħares madwarek qabel tersaq lil hinn minn mal-bankina, iddur, jew timmanuvra, ħalli tara li m'hemmx periklu biex tagħmel dan. Agħti sinjal ċar lil min qiegħed fit-triq biex tavżah b'dak li beħsiebek tagħmel;

- tħares 'il quddiem sew għall-ostakli fit-triq, bħal spralli, ħofor, u vetturi pparkjati, sabiex ma jkollokx għalfejn tikser f'daqqa biex tevitahom. Żomm id-distanza meta tgħaddi minn ħdejn vetturi pparkjati u oqgħod attent għall-bibien li jistgħu jinfetħu minn fejn tkun għaddej; u

- toqgħod aktar attent viċin ħotob fit-triq u metodi oħra li jnaqqsu l-veloċità tat-traffiku.

    ▪ Meta ssuq ir-rota fit-triq, għaddi biss min-naħa tax-xellug ta' vettura kbira meta tkun wieqfa jew miexja bil-mod; u għandek issuq b'attenzjoni peress li s-sewwieq forsi ma jkunx jista' jarak. Oqgħod attent b'mod speċjali meta toqrob junction jew fejn vettura kbira tista' ddur għal fuq il-mogħdija tax-xellug.

## 83. Ma TISTA' QATT:

- iġġorr passiġġier jekk ir-rota tiegħek ma tkunx magħmula għal hekk jew modifikata apposta biex tagħmel dan;

- iżżomm ma' vettura, karru jew trailer mexjin;

- issuq ir-rota kif ġie ġie, b'mod traskurat, jew perikoluż;

- issuq ir-rota meta tkun xrobt jew ħadt id-drogi;

- issuq ir-rota fuq promenade, passaġġ għan-nies għaddej minn taħt it-triq, mina, u bankina sakemm ma jkunx immarkat b'mod ċar li huwa permess;

- tħalli r-rota tiegħek fejn tista' tkun ta' periklu jew tostakola lil ħaddieħor li juża t-triq jew persuni mexjin billi, pereżempju, tħalliha fuq il-bankina;

- taqsam il-linja li turik li trid tieqaf (stop line) meta t-traffic lights ikunu ħomor;

- issuq viċin wara vettura oħra; u

- iġġorr xi ħaġa li taffettwa l-bilanċ tiegħek jew li tista' titħabbel mar-roti tiegħek jew mal-katina.

## 4.2 Mogħdijiet Għall-Karozzi tal-linja (Bus Lanes) jew Mogħdijiet ta' Prijorità

**84.** Dawn il-mogħdijiet jistgħu jintużaw biss miċ-ċiklisti jekk is-sinjali jinkludu s-simbolu tar-rota.

GĦANDEK tobdi t-tabelli tat-traffiku u tat-traffic lights kollha.

Oqgħod attent għan-nies li jitilgħu jew jinżlu l-karozzi tal-linja. Oqgħod ħafna attent meta taqbeż karozza tal-linja jew tħalli bus lane peress li tkun dieħel fi fluss ogħla tat-traffiku. Tgħaddix bejn il-bankina u karozza tal-linja meta tkun f'waqfa (bus stop).

## 4.3 Salib it-Toroq

### 4.3.1 Traffic light junctions

Traffic light junctions huma junctions ikkontrollati bi traffic lights jixegħlu aħmar-ambra-aħdar immuntati fuq sfond iswed. Hawnhekk MA TISTAX taqsam il-linja li turik fejn trid tieqaf (stop line) meta t-traffic lights ikunu ħomor. Xi salib it-toroq għandhom stop line avvanzat biex jippermettilek toqgħod qabel traffiku ieħor meta tistenna. Meta t-traffic lights ikunu ħomor, tista' taqsam l-ewwel linja ta' waqfien, imma MA TISTAX taqsam l-aħħar linja.

F'junctions mingħajr passaġġi separati għaċ-ċiklisti, huwa rrakkomandat li ċ-ċiklist isuq ir-rota daqslikieku qed isuq vettura bil-mutur.

Oqgħod fiċ-ċentru tal-mogħdija li tkun fiha, u b'hekk tkun qed tnaqqas il-periklu. Dan għaliex tkun qed tkun aktar viżibbli, u tkun tista' tevita li tinqabeż meta dan ikun ta' periklu għalik. Jekk ma tħossokx sikur toqgħod fiċ-ċentru tal-mogħdija tista' tagħżel li tinżel minn fuq ir-rota u tmexxiha madwar salib it-toroq.

### 4.3.2 Salib it-toroq ta' prijorità

**85.** Meta tkun riesaq lejn salib it-toroq mix-xellug, oqgħod attent għall-vetturi li jduru quddiemek 'il barra minn triq fil-ġenb jew għal ġo fiha. Issuqx fuq in-naħa ta' ġewwa ta' vetturi li juru sinjal jew li jnaqqsu l-veloċità biex iduru fuq ix-xellug.

**86.** Oqgħod attent b'mod partikolari għal vetturi twal li jeħtieġu ħafna spazju biex iduru f'kantunieri. Jista' jkun li jkollhom idawru lejn il-lemin qabel ma jduru lejn ix-xellug. Stenna sakemm ikunu lestew id-dawra minħabba li r-roti ta' wara jersqu qrib ħafna tal-bankina waqt li jkunu qed iduru. Għalhekk m'għandekx tidħol fil-fetħa bejnhom u l-bankina.



**Vetturi twal jeħtieġu aktar spazju biex iduru.**

**87.** Jekk qed iddur lejn il-lemin, iċċekkja għat-traffiku warajk, imbagħad uri sinjal, u suq saċ-ċentru tat-triq. Stenna sakemm ikun hemm wisa' biżżejjed sikur fit-traffiku li jkun ġej qabel ma tkompli d-dawra. Jista' jkun aktar sikur li tistenna fuq ix-xellug sakemm ibatti t-traffiku jew li tinżel minn fuq ir-rota u tmexxiha tul it-triq.

Meta ddur għal triq fil-ġenb (side road), għandek iċċedi lil min qed jaqsam jew lil min qed jistenna biex jaqsam.

### 4.3.3 Roundabouts

**88.** Ir-roundabouts jistgħu jkunu perikolużi u għandek tavviċinahom b'attenzjoni.

**89.** Tista' tħossok aktar sikur jekk iżżomm max-xellug tar-roundabout jew tinżel minn fuq ir-rota u tmexxiha fuq il-bankina jew max-xifer tagħha. Jekk tagħżel li żżomm max-xellug għandek:

- iżżomm f'moħħok li s-sewwieqa jistgħu ma jarawkx faċilment;
- toqgħod ħafna attent meta tkun qed issuq ir-rota minn ħdejn ħruġ ta' roundabout. Jista' jkollok bżonn turi s-sinjal lejn il-lemin biex turi li m'intix ħiereġ mir-roundabout; u
- toqgħod attent għall-vetturi li jaqsmu triqtek biex jidħlu fir-roundabout jew joħorġu minnha.

**90.** Żomm 'il bogħod minn vetturi twal ma' roundabout peress li jkollhom bżonn aktar spazju biex iduru. Issuqx ir-rota fl-ispazju li jkollhom bżonn jużaw dawn il-vetturi biex jinnavigaw sew mar-roundabout. Jista' jkun aktar sikur li tistenna sakemm ikunu ħarġu mir-roundabout.

**91.** Meta roundabout ikollha passaġġi separati għaċ-ċikliżmu, għandek tużahom, allavolja m'intix obbligat tużahom, peress li jeżistu biss biex inaqqsulek il-periklu u jiffaċilitawlek il-vjaġġ. Dan jiddependi mill-esperjenza tiegħek, minn ħilietek, u mis-sitwazzjoni f'dak il-mument.

## 4.4 Toroq b'Karreġġata Doppja

Ftakar li l-veloċità tat-traffiku fil-biċċa l-kbira tat-toroq b'karreġġata doppja tkun ogħla minn dik ta' toroq b'karreġġata waħda. Meta tkun se taqsam, stenna sakemm ibatti t-traffiku u aqsam kull karreġġata f'ħinha u f'waqtha.

## 4.5 Meta Tibqa' Sejjer Dritt

Jekk tkun sejjer dritt 'il quddiem f'salib it-toroq, għandek prijorità fuq it-traffiku li jkun qed jistenna biex jidħol fi triq fil-ġenb jew joħroġ minnha, sakemm it-tabelli jew il-marki tat-triq ma jindikawx mod ieħor. Iċċekkja li tista' tkompli sejjer bla periklu, b'mod partikolari meta toqrob lejn salib it-toroq fuq in-naħa tax-xellug maġenb traffiku wieqaf jew miexi bil-mod. Oqgħod attent għas-sewwieqa li għandhom l-intenzjoni li jduru min-naħa għall-oħra ta' triqtek. Ftakar li s-sewwieq ta' quddiemek forsi ma jkunx jista' jarak. Għalhekk żomm f'moħħok il-veloċità u l-pożizzjoni tiegħek fit-triq.

Oqgħod ħafna attent meta tiddeċiedi jekk huwiex sikur li tgħaddi minn ħdejn trakkijiet weqfin jew mexjin bil-mod u vetturi twal oħra, speċjalment f'salib it-toroq, peress li s-sewwieqa tagħhom forsi ma jkunux jistgħu jarawk. Ftakar li jista' jkollhom idawru lejn il-lemin qabel ma jduru fuq ix-xellug u li r-roti ta' wara tagħhom jistgħu jersqu ħafna viċin il-bankina waqt li jduru.

## 4.6 Meta Taqsam it-Triq

### 4.6.1 Toroq impenjattivi

Meta taqsam toroq prinċipali miżgħuda b'ħafna karozzi, tista' tnaqqas il-periklu u ssibha aktar faċli jekk:

- tinżel minn fuq ir-rota u tmexxiha min-naħa għall-oħra tat-triq;
- tistenna li jbatti t-traffiku qabel ma taqsam, speċjalment f'toroq aktar traffikużi u toroq b'karreġġata doppja; u
- taqsam minn fejn ikun hemm traffic islands jew żoni fiċ-ċentru fejn xieraq.

### 4.6.2 Meta ddur lejn il-lemin

Jekk trid iddur lejn il-lemin, tista' ssuq ir-rota fil-mogħdijiet tax-xellug jew tal-lemin u tersaq lejn ix-xellug meta toqrob lejn il-ħarġa tiegħek. Oqgħod fiċ-ċentru tal-mogħdija tiegħek jekk ma jkunx hemm periklu u uri s-sinjal lejn il-lemin biex turi li m'intix ħiereġ mir-roundabout. Inkella tista' tħossok aktar sikur li tinżel minn fuq ir-rota u tmexxiha fuq il-bankina jew max-xifer tagħha. Jekk tagħżel li tibqa' fuq ir-rota u żżomm mal-mogħdija tax-xellug inti għandek:

- iżżomm f'moħħok li s-sewwieqa jistgħu ma jarawkx faċilment;
- toqgħod ħafna attent meta tkun qed issuq ir-rota minn ħdejn ħruġ ta' roundabout. Jista' jkollok bżonn turi s-sinjal lejn il-lemin biex turi li m'intix ħiereġ mir-roundabout; u
- toqgħod attent għall-vetturi li jaqsmu triqtek biex jidħlu fir-roundabout jew joħorġu minnha.

## 4.7 Meta Tipparkja r-Rota Tiegħek

- Sib post fejn tista' tidher minn persuni li jkunu għaddejjin minn hemm.
- Uża stands għar-roti jew faċilitajiet oħra fejn tipparkja r-rota kull fejn hu possibbli.
- Tħallix ir-rota fejn tista' tostakola lil ħaddieħor li juża t-triq jew tkun ta' periklu għalih.
- Orbotha sew biex ma taqax u ssir ostaklu jew periklu.

## 4.8 Iċċekkja r-Rota Tiegħek

Kun kunfidenti fl-abbiltà tiegħek biex issuq ir-rota b'mod sikur fit-triq. Ara li:

- għandek rota ta' daqs u tip adattat għalik biex tkun komdu u bla periklu;
- id-dwal u r-rifletturi jinżammu nodfa u f'kundizzjoni tajba;
- it-tyres huma f'kundizzjoni tajba u minfuħin skont l-indikazzjoni fuq it-tyre nnifsu;
- ir-roti jduru mingħajr xkiel;
- il-gerijiet jaħdmu sew;
- il-katina qiegħda f'postha, taħdem sew, u mogħtija ż-żejt li għandha bżonn;
- is-sarġ (saddle) u l-handlebars huma aġġustati skont it-tul tiegħek;
- il-ħorn jaħdem sew; u
- l-brejkijiet jaħdmu sew.

5

# TAQSIMA

## REGOLI GĦALL-PEDELECS U ĊIKLETTI BIL-PEDALI MOTORIZZATI

# TAQSIMA 5: REGOLI GĦALL-PEDELECS U ĊIKLETTI BIL-PEDALI MOTORIZZATI

## 5.1 Ħarsa Ġenerali

Pedelec hija ċikletta li taħdem bil-pedali u bl-elettriku. Il-mutur tagħha jiġi attivat immedjatament hekk kif is-sewwieq jibda jdawwar il-pedali u jintefa hekk kif is-sewwieq ma jibqax idawwar il-pedali.

Ċikletta bil-pedali motorizzata hija ċikletta b'żewġ jew bi tliet roti li taħdem b'mutur jew pedelec, li għandha piż meta mhux mgħobbija ta' mhux aktar minn 40 kg fil-każ ta' biċikletta u mhux aktar minn 60 kg fil-każ ta' triċikletta jew grupp ta' biċikletti, u mgħammra b'pedali li jistgħu jintużaw biex timxi.

## 5.2 Reġistrazzjoni, Liċenzjar, u Assigurazzjoni

Kull ċikletta bil-pedali motorizzata u pedelec, li tkun mgħammra b'mutur elettriku qawwi aktar minn 250 W trid tkun irreġistrata mal-Awtorità u assigurata għal riskji lil terzi persuni jekk tkun se tinstaq fit-triq. Barra minn hekk, is-sewwieq irid ikollu aktar minn sittax-il sena u jkollu liċenzja valida tas-sewqan (Kategorija A, AM, jew B).

## 5.3 L-użu tal-Pedelecs u taċ-Ċikletti bil-Pedali Motorizzati

Meta tkun qed issuq ċikletta bil-pedali jew pedelec fit-triq, għandek:

- tilbes elmu tar-roti magħmul minn materjal b'saħħtu u li jirreżisti għad-daqqiet, u li jkun maqful sew minn rasek;
- tilbes ġakketta li biha tidher sew f'kull ħin meta ssuq bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx;
- tosserva u timxi mar-regolamenti kollha tat-traffiku; u
- iżżomm kemm jista' jkun mal-ġenb tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni tat-traffiku ħlief meta tasal viċin salib it-toroq jew roundabout jew meta taqbeż traffiku ieħor.

**MA TISTAX:**

- issuq iċ-ċikletta bil-pedali motorizzata jew pedelec tul promenade, f'subways għan-nies, f'mini, u fuq il-bankina. Eċċezzjoni għal dan kollu huma ċ-ċikletti, li jinkludi wkoll il-pedelecs b'qawwa ta' 250 W jew inqas. Dawn jistgħu jinsaqu, bi prudenza, fuq il-bankina tul bypasses jew tul il-mini b'veloċità limitata għal mhux aktar minn 6 km/h. Għandek dejjem iċċedi lil min ikun miexi;

- trikkeb persuna oħra fuq iċ-ċikletta bil-pedali motorizzata jew fuq il-pedelec tiegħek, sakemm din ma tkunx adattata biex iġġorr aktar minn persuna waħda; u

- iżżomm ma' kwalunkwe vettura oħra li tkun miexja jew iżżomm ma' kwalunkwe persuna jew ħaġa fuq, ġewwa, jew imwaħħla magħha.



# 6

# TAQSIMA

## REGOLI GĦAL MIN JUŻA L-E-KICKSCOOTERS

# TAQSIMA 6: REGOLI GĦAL MIN JUŻA L-E-KICKSCOOTERS

Dawn ir-regoli jissupplimentaw dawk msemmija fit-Taqsima 10, li japplikaw għall-vetturi kollha.

## 6.1 Ħarsa Ġenerali

E-kickscooter huwa apparat wieqaf mgħammar b'handlebar, deck, u roti żgħar ibsin imħaddmin b'mutur elettriku. Jista' jimxi wkoll billi jimbuttah 'il quddiem is-sewwieq stess.

## 6.2 Reġistrazzjoni, Liċenzjar, u Assigurazzjoni

Tista' tirkeb jew issuq e-kickscooter fit-triq biss jekk għandek aktar minn sittax-il sena u jekk għandek liċenzja valida tas-sewqan (Kategorija A, AM, jew B).

L-e-kickscooter tiegħek għandu jkun manifatturat jew ikkalibrat b'tali mod li ma jistax jaqbeż il-veloċità ta' 20 km/h waqt li jkun qed jinstaq fit-triq. Irid ikun ukoll assigurat, irreġistrat, u lliċenzjat mal-Awtorità.

Meta tkun qed issuq e-kickscooter fit-triq trid iġġorr miegħek il-liċenzja tas-sewqan u turiha lill-pulizija jew lil kwalunkwe uffiċjal ieħor tal-infurzar meta jitolbuhielek.

## 6.3 L-Użu ta' e-Kickscooter

Meta tkun qed issuq e-kickscooter fit-triq, għandek:

- tosserva u timxi mar-regolamenti kollha tat-traffiku, anke dawk li jirregolaw il-pedestrian crossings u t-traffic lights;

- iżżomm kemm jista' jkun mal-ġenb tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni tat-traffiku ħlief meta tasal viċin salib it-toroq jew roundabout jew meta taqbeż traffiku ieħor.

- issuqu fuq il-bankina, promenades, passaġġi għar-roti, żoni pedonali, u passaġġi użati, kemm minn persuni mexjin, kif ukoll mir-roti, sakemm ma taqbiżx il-limitu tal-veloċità ta' 10 km/h (jew kwalunkwe veloċità aġġornata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali). Għandek ukoll toqgħod b'seba' għajnejn waqt li ssuq e-kickscooter u għandek dejjem iċċedi lil persuni mexjin. Meta tkun qed issuq fuq kwalunkwe passaġġ għar-roti jew passaġġ użat, kemm minn persuni mexjin, kif ukoll mir-roti, m'għandekx tfixkel jew tostakola l-fluss tat-traffiku taċ-ċiklisti.

- tilbes ġakketta b'viżibbiltà għolja f'kull ħin bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx. Huwa rrakkomandat li tilbes elmu protettiv.

**MA TISTAX:**

- issuq e-kickscooter f'toroq arterjali u distributorji, f'mini jew underpasses, u fi kwalunkwe triq oħra jew spazju pubbliku fejn l-użu tal-e-kickscooters huwa pprojbit permezz ta' tabelli/sinjali apposta;
- trikkeb persuna oħra fuq l-e-kickscooter tiegħek;
- iżżomm ma' kwalunkwe vettura oħra li tkun miexja jew iżżomm ma' kwalunkwe persuna jew ħaġa fuq, ġewwa, jew imwaħħla magħha;
- tirmonka kwalunkwe karru, trailer, jew oġġett ieħor waqt li tkun qed issuq e-kickscooter;
- issuq e-kickscooter mingħajr ma żżomm il-handlebars;
- tuża jew iżomm f'idejk mobile jew kwalunkwe oġġett ieħor waqt li tkun qed issuq e-kickscooter;
- tuża headphones, earphones, jew kwalunkwe sistema jew apparat ieħor li jista' jtellef jew ma jħallikx tisma' waqt li tkun qed issuq e-kickscooter; u
- issuq e-kickscooter kontra d-direzzjoni tat-traffiku sakemm ma jkunx hemm sinjal u marki tat-triq li juru li s-sewqan kontra d-direzzjoni tat-traffiku huwa permess.

## 6.4 Meta Tipparkja l-e-Kickscooters

Tista' tipparkja l-e-kickscooter tiegħek fuq il-bankina u promenades jew f'passaġġi u żoni pedonali b'tali mod li ma jostakolax il-fluss liberu ta' persuni mexjin u li ma jostakolax jew ifixkel persuni b'diżabbiltà fil-mobbiltà milli jużaw dawn il-bankini, promenades, jew passaġġi.

Kull fejn ikun hemm infrastrutturi ta' parkeġġ, bħal racks għall-e-kickscooters jew spazji maħsuba biex tipparkjahom, dawn għandhom jiġu pparkjati fihom ġaladarba saru apposta għalihom.

Min-naħa l-oħra, f'toroq fejn ma jkunx hemm spazji maħsuba għall-ipparkjar tal-e-kickscooters, dawn jistgħu jiġu pparkjati fit-triq f'angolu rett mal-bankina b'tali mod li ma jiħdux postijiet ta' parking maħsubin biex jipparkjaw fihom tipi oħra ta' vetturi.


5.50 m
230 m
B'buġa
Żurrieq
Valletta
Rabat
H

7

# TAQSIMA

## REGOLI GĦAS-SEWWIEQA TAL-MUTURI (MOTOĊIKLISTI)

# Taqsima 7: Regoli għas-Sewwieqa tal-Muturi (Motoċiklisti)

Dawn ir-regoli japplikaw għas-sewwieqa tal-muturi (motoċiklisti) minbarra dawk fit-taqsimiet li ġejjin li japplikaw għall-vetturi kollha.

## 7.1 Ħarsa Ġenerali

**92.** F'kull vjaġġ bil-mutur, scooter, jew moped, is-sewwieqa u l-passiġġiera ta' fuq is-seat ta' warajh (pillion passengers) IRIDU jilbsu elmu protettiv, anke jekk il-vjaġġ ikun qasir. L-elmi JRIDU jkunu konformi mal-ħtiġiet tal-liġi u GĦANDHOM jintrabtu sew. Huwa rrakkomandat ukoll li tilbes protezzjoni għall-għajnejn, bwiez b'saħħithom, ingwanti, u ħwejjeġ xierqa li jistgħu jipproteġuk jekk taqa'. Tilbisx ħwejjeġ ħfief tan-nylon peress li dawn jikkawżaw friction burns jekk taqa'. Żomm dirgħajk u riġlejk mgħottijin f'kull ħin. Il-visor tal-elmu għandu jkun nadif u f'kundizzjoni tajba.

L-elmu protettiv għandu jinbidel wara kwalunkwe impatt jew wara l-perjodu ta' żmien stabbilit mill-manifattur (dan il-perjodu ta' żmien huwa tipikament minn tlieta sa ħames snin). Dan japplika anke jekk l-elmu ma jkunx intuża. Dan huwa importanti ħafna minħabba li, kemm l-impatti, kif ukoll il-mogħdija taż-żmien, iwasslu għall-materjali tal-elmu biex jitilfu l-kwalitajiet protettivi tagħhom.

Is-sewwieqa u l-passiġġiera ta' triċikletti u quadbikes għandhom jilbsu elmu protettiv ukoll.

**93.** MA TISTAX trikkeb aktar minn passiġġier wieħed warajk (pillion passenger). Il-passiġġier GĦANDU jirkeb fuq seat xieraq b'riġel fuq kull naħa tal-mutur, għandu jżomm saqajh it-tnejn fuq il-footrests, u jħares 'il quddiem. Trikkibx pillion passenger jekk il-mutur ma jkunx iddisinjat biex jagħmel dan.

## 7.2 Sewqan ta' Muturi Matul il-Jum

**94.** Kun kemm jista' jkun viżibbli mid-direzzjonijiet kollha. Preferibbilment ilbes elmu abjad jew ta' kulur ċar, u ħwejjeġ jew strixxi li jixegħlu. Il-fanali ta' quddiem b'raġġ baxx (dipped headlights) jistgħu wkoll jagħmluk aktar viżibbli anke fid-dawl tax-xemx. Żomm f'moħħok li hemm ċans li sewwieqa ta' vetturi oħra, la jkunu għadhom rawk, u lanqas ikunu jafu d-distanza u l-veloċità tiegħek, speċjalment f'salib it-toroq.

## 7.3 Sewqan ta' Muturi fid-Dlam

**95.** Ilbes ħwejjeġ jew strixxi riflettivi biex tidher aħjar fid-dlam. Dawn jirriflettu d-dawl mill-fanali ta' quddiem ta' vetturi oħra u b'hekk tkun aktar faċli għal ħaddieħor li jarak mill-bogħod.

## 7.4 Immanuvrar

**96.** Għandek tkun taf x'hemm warajk u fil-ġnub tiegħek qabel ma ddur. Ħares warajk; uża l-mirja tal-mutur. Meta taqbeż il-kjuwijiet tat-traffiku, oqgħod attent għal persuni mexjin li jaqsmu bejn vetturi u vetturi ħerġin minn salib it-toroq. Oqgħod fejn is-sewwieqa ta' quddiemek ikunu jistgħu jarawk fil-mirja tagħhom. Barra minn hekk, fi traffiku miexi bil-mod, ħu ħsieb u żomm veloċità baxxa meta taqbeż min-naħa tal-lemin ta' mogħdija. TAQLAX MIN-NAĦA TAX-XELLUG anke jekk ikun hemm mogħdija għar-roti jew binarju għar-roti.

**97.** Meta taqbeż ċiklist żomm distanza minima ta' 1.5 m bogħod minnu.

F'passaġġ minn fejn taqsam jew f'salib it-toroq mgħassa minn persuna awtorizzata, tkomplix għaddej qabel l-uffiċjal awtorizzat ma jindikalekx biex tagħmel dan.

**Ftakar: Ħares fil-Mirja – Uri Sinjal – Immanuvra**

## 7.5 Is-Seat ta' Wara s-Sewwieq (Pillion)

Kull min jikseb il-liċenzja għas-sewqan ta' mutur billi jgħaddi mit-test prattiku tas-sewqan għal kwalunkwe kategorija ta' mutur (AM, A1, A2, u A) jista' jrikkeb passiġġiera fuq is-seat ta' warajh (pillion passengers), basta l-mutur ikollu seat għal żewġ persuni jew aktar.

Min ikollu liċenzja tas-sewqan tal-kategorija B jista' jagħmel ukoll kors ta' 10 sigħat ma' motoring school liċenzjata biex ikun jista' jsuq mutur (lokalment biss) b'kapaċità ċilindrika li ma taqbiżx il-125 cc. Għandu jippreżenta ċertifikat li juri li għadda lill-Awtorità rilevanti (Transport Malta). Il-kodiċi 111 jiżdied fuq il-liċenzja tas-sewqan u mbagħad dan ikun jista' jsuq dan it-tip ta' mutur; però ma jistax irikkeb passiġġiera.


OPEN
60
60

8

# TAQSIMA

## REGOLI DWAR L-ANNIMALI

# TAQSIMA 8: REGOLI DWAR L-ANNIMALI

## 8.1 Rikkieba taż-Żwiemel

Ħadd m'għandu jirkeb żiemel mingħajr sarġ.

Tfal taħt is-16-il sena ma jistgħux jirkbu żiemel fit-triq. Kull min jirkeb żiemel fit-triq għandu jkollu liċenzja maħruġa minn Transport Malta.

L-ebda żiemel ma jista' jintuża f'toroq arterjali u distributorji kuljum bejn is-07:00 u d-09:00 u bejn l-16:00 u s-18:00 ħlief is-Sibtijiet, il-Ħdud, u l-festi nazzjonali u pubbliċi. Dan ma jgħoddx għall-kavallerija tal-pulizija u l-parati militari.

### 8.1.1 Tagħmir ta' sigurtà

**98.** DEJJEM GĦANDEK tilbes elmu protettiv u taqflu sew waqt li tkun riekeb iż-żiemel.

### 8.1.2 Ilbies ieħor

**99.** Għandek tilbes:

- buz jew żarbun bil-qiegħ iebes u bit-takkuna;
- ħwejjeġ ta' kulur ċar jew jixegħlu matul il-ġurnata; u
- ħwejjeġ li jirriflettu jekk ikollok issuq billejl jew f'viżibbiltà baxxa.

### 8.1.3 Billejl

**100.** Ikun aħjar jekk ma tirkibx iż-żiemel fit-triq billejl jew fl-għabex, imma jekk tagħmel dan, ara li ż-żiemel tiegħek ikollu ċineg li jidhru sew marbutin ma' riġlejh u ma' denbu, u riedni biex tikkontrollalu rasu u għonqu. Inti għandek tilbes ħwejjeġ li jirriflettu u għandu jkollok dwal jixegħlu (abjad minn quddiem u aħmar minn wara) imwaħħal ma' driegħek, riġlek jew mal-buz/żarbuna. Dan japplika wkoll jekk qed twassal jew tmexxi żiemel billejl.

### 8.1.4 Meta tirkeb iż-żiemel

**101.** Qabel ma tniżżel żiemel fit-triq, għandek tara li:

- ix-xedd kollu jiġih sew u huwa f'kundizzjoni tajba; u
- taf tikkontrolla ż-żiemel sew.

**102.** Dejjem irkeb ma' żwiemel oħra inqas nervużi jekk taħseb li ż-żiemel tiegħek se jitnaffar mit-traffiku. Qatt m'għandek issuq żiemel mingħajr sarġ f'toroq pubbliċi. Qabel ma titlaq jew iddur, ħares lura biex tkun ċert li m'hemmx perikli, u mbagħad agħti sinjal ċar b'idek.

**103.** Meta tirkeb żiemel fi kwalunkwe triq:

- ibqa' max-xellug;
- żomm idejk it-tnejn fuq ir-riedni sakemm ma tkunx qed turi sinjal;
- żomm saqajk it-tnejn fil-felqiet;
- trikkibx miegħek persuna oħra;
- iġġorr xejn li jista' jaffettwa l-bilanċ tiegħek jew jitħabbel mar-riedni;
- żomm max-xellug tiegħek iż-żiemel li qed twassal jew tmexxi;
- suq fid-direzzjoni tal-fluss tat-traffiku fi triq one-way; u
- issuqx maġenb aktar minn rikkieb ta' żiemel wieħed, u għaddi f'filliera waħda fejn it-triq tidjieq jew meta toqrob liwja.

**104.** Barra minn hekk, MA TISTAX tgħaddi żiemel minn fuq bankina, binarji għar-roti, jew mogħdiji għar-roti. Għandek iżżomm iż-żiemel fit-triq. Dejjem inżel minn fuq iż-żiemel f'pelican, toucan, u zebra crossings.

**105.** Evita r-roundabouts fejn ikun possibbli, imma jekk se tużahom għandek:

- iżżomm max-xellug u toqgħod attent għall-vetturi li jaqsmu triqtek biex jidħlu fir-roundabout jew joħorġu minnha;
- uri s-sinjal lejn il-lemin meta tgħaddi ħdejn ħruġ ta' roundabout biex turi li m'intix ħiereġ mir-roundabout; u
- uri s-sinjal lejn ix-xellug eżatt qabel ma toħroġ mir-roundabout.

## 8.2 Klieb u Annimali Oħra

**106.** Tħallix kelb jiġri waħdu fit-triq. Żommu b'ċinga qasira waqt li mexjin fuq il-bankina, mit-triq, jew minn mogħdija użata, kemm minn persuni mexjin, kif ukoll miċ-ċiklisti.

**107.** Ara li klieb jew annimali oħra f'vettura jkunu marbutin tajjeb biex ma jtellfukx waqt li tkun qed issuq; u ma jweġġgħux jew ma jweġġgħukx jekk twaqqaf f'daqqa.

**108.** Kun ċert li ma jkunx hemm traffiku qabel ma toħroġ jew tieħu annimali fit-triq.

**109.** Meta tkun qed tmexxi merħla annimali għandek tikkontrollaha l-ħin kollu. Dejjem oqgħod bejn l-annimali u t-traffiku u żomm l-annimali mal-ġenb tat-triq. Jekk tista', ibgħat lil ħaddieħor 'il quddiem biex javża lit-traffiku f'postijiet ta' periklu bħal liwja jew quċċata ta' telgħa. Tnaqqas il-periklu jekk ma tmexxix merħla fid-dlam, imma jekk tagħmel dan ġorr dwal miegħek li jixegħlu (abjad minn quddiem u aħmar minn wara) meta tinżel ix-xemx. Jekk il-merħla tkun kbira ħafna, għandha tinqasam f'merħliet iżgħar u dejjem titmexxa minn żewġ persuni jew aktar. Tmexxix baqar, nagħaġ, jew mogħoż, f'ebda triq prinċipali jew distributorja.

## 8.3 Vetturi Miġbudin Minn Annimali

**110.** Is-sewwieqa ta' vetturi miġbuda mill-annimali jeħtieġ li jkollhom liċenzja maħruġa minn Transport Malta. Huma għandhom isegwu l-istess regoli bħas-sewwieqa ta' vetturi oħra. Huma m'għandhom l-ebda privileġġi speċjali sempliċement għax il-vettura tagħhom tkun miġbuda mill-annimali. Għandhom ikunu jafu kemm jistgħu jikkontrollaw il-vetturi u l-annimali tagħhom u l-perikli li jista' jkollhom. Huma għandhom juru sinjal b'idejhom x'beħsiebhom jagħmlu kull meta jkunu se jibdlu d-direzzjoni jew jieqfu. Billejl għandhom ikunu ċerti li l-vetturi tagħhom ikollhom dwal fuq quddiem u fuq wara.

Is-sewwieqa ta' vetturi miġbuda mill-annimali għandhom jevitaw toroq prinċipali jew traffikużi u jżommu mat-toroq sekondarji. Ħadd m'għandu jsuq, iwassal, jew imexxi żwiemel tul toroq prinċipali jew traffikużi.

F'passaġġ minn fejn taqsam jew f'salib it-toroq mgħassa minn persuna awtorizzata, tkomplix għaddej qabel l-uffiċjal awtorizzat ma jindikalekx biex tagħmel dan.

Barra minn hekk, l-ebda vettura miġbuda mill-annimali ma tista' tinstaq f'toroq arterjali u distributorji kuljum bejn is-07:00 u d-09:00, u bejn l-16:00 u l-17:00, ħlief is-Sibtijiet, il-Ħdud, u l-festi nazzjonali u pubbliċi. Dan ma jgħoddx għall-karozzini li huma liċenzjati biex jinkrew.

Karozzini għall-kiri MA JISTGĦUX jintużaw fit-toroq kull sena matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu bejn is-13:00 u l-16:00.

Il-vetturi miġbuda mill-annimali għandhom jintużaw u jinżammu skont l-istandards maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Il-vetturi miġbuda mill-annimali jeħtieġ li jkollhom żewġ rifletturi ħomor fuq wara. Barra minn hekk, jekk dawn il-vetturi jintużaw billejl irid ikollhom dawl abjad fuq quddiem u dawl aħmar fuq wara.


BUS STOP
BUS·109

9

# TAQSIMA

## REGOLI GĦALL-KAROZZI TAL-LINJA (XARABANKS)

# TAQSIMA 9: REGOLI GĦALL-KAROZZI TAL-LINJA (XARABANKS)

Dawn ir-regoli japplikaw għall-karozzi tal-linja (xarabanks) minbarra dawk fit-taqsimiet li ġejjin li japplikaw għall-vetturi kollha.

**111.** Il-karozzi tal-linja JRIDU jżommu mal-mogħdija tax-xellug jew dik l-eqreb tal-bankina fil-karreġġata ħlief meta din il-mogħdija tkun okkupata minn vettura wieqfa jew ostaklu ieħor.

**112.** Il-karozzi tal-linja JRIDU jieqfu fil-postijiet immarkati għall-waqfien (lay-bys) jew fil-postijiet għall-karozzi tal-linja (bus bays) fejn ikun hemm. Meta żewġ karozzi tal-linja jew aktar jaslu fl-istess ħin f'waqfa għall-karozza tal-linja (bus stop), dawn għandhom jersqu mat-tarf tal-bankina waħda wara l-oħra u jitilqu bl-istess ordni kif ikunu waslu. Il-karozzi tal-linja m'għandhomx jaqsmu l-linja l-bajda parallela max-xifer tal-bankina meta jitilqu mill-bus stop.

**113.** Meta karozzi tal-linja jieqfu f'bus stop, GĦANDHOM JERSQU EŻATT MAX-XIFER TAL-BANKINA sabiex il-passiġġiera jkunu jistgħu jinżlu minnhom jew jitilgħu fuqhom direttament minn fuq il-bankina. Dan japplika kemm jekk il-bus stop tkun immarkata b'linji bojod, kif ukoll jekk ma tkunx.

**114.** Meta jitilqu minn bus stop, il-karozzi tal-linja m'għandhomx joħorġu lejn nofs it-triq, iżda għandhom iżommu kemm jista' jkun qrib il-bankina.

**115.** Il-karozzi tal-linja għandhom jitilqu mill-venda (terminus) bil-magni tagħhom mixgħulin u bil-gear ingranat. Il-magna TRID tibqa' mixgħula għat-tul kollu tal-vjaġġ.

**116.** Il-magna JRID ikollha biżżejjed saħħa, tinżamm f'kundizzjoni tajba, u tinstaq b'mod xieraq sabiex ma tarmix duħħan meta l-karozza tal-linja tkun mgħobbija sħiħa u tinstaq f'telgħa.

**117.** La l-passiġġiera, u lanqas is-sewwieqa ma jistgħu jpejpu fuq kwalunkwe karozza tal-linja, coach, jew minibus.

**118.** L-ebda radju jew mużika rrekordjata ma jistgħu jindaqqu f'karozza tal-linja, coach, jew minibus waqt is-sewqan.

**119.** F'passaġġ minn fejn jaqsmu n-nies jew f'salib it-toroq mgħassa minn persuna awtorizzata, sewwieq ta' karozza tal-linja, coach, jew minibus m'għandux isuq qabel l-uffiċjal awtorizzat ma jindikalux biex jagħmel dan.

**120.** Meta taqbeż ċiklist żomm distanza minima ta' 1.5 m bogħod minnu.

10

# TAQSIMA

## REGOLI GĦAS-SEWWIEQ

# TAQSIMA 10: REGOLI GĦAS-SEWWIEQ

## 10.1 Ħarsa Ġenerali

**121.** Din it-taqsima għandha tinqara mis-sewwieqa kollha, mis-sewwieqa tal-muturi, u miċ-ċiklisti kollha. Il-*Kodiċi tat-Triq ta' Malta* ma jagħtikx id-dritta fi kwalunkwe ċirkostanza, iżda jagħtik suġġerimenti għal meta għandek iċċedi lil ħaddieħor. Dejjem ċedi jekk b'dan il-ġest tgħin biex jiġi evitat inċident.

**122.** F'Malta, it-traffiku jrid iżomm man-naħa tax-xellug tat-triq.

**123.** Il-vetturi kollha fit-triq irid ikollhom liċenzja u għandhom ikunu assigurati għal riskji lil terzi persuni. Kull persuna li ssuq vettura bil-mutur irid ikollha liċenzja valida tas-sewqan għat-tip ta' vettura li tixtieq issuq.

**124.** Ara li l-vettura tiegħek hija fi stat tajjeb ta' tiswija, li tkun tajba għalkollox biex tinstaq fit-triq, u li għandha ċertifikat tal-VRT, jekk ikun il-każ. Ħu ħsieb b'mod partikolari l-brejkijiet, il-mekkaniżmu tal-istering, it-tyres, u d-dwal. Kun af il-vettura tiegħek u l-limitazzjonijiet tagħha. Ħu ħsieb li regolarment tagħmlilha service u tkun spezzjonata.

**125.** Qabel tikri jew issellef vettura, kun ċert li tkun f'kundizzjoni perfetta u bla periklu, u li l-persuna li se tużaha jkollha liċenzja valida tas-sewqan f'Malta, tkun koperta minn polza tal-assigurazzjoni xierqa, u tifhem sew u tkun kapaċi tħaddem il-kontrolli ta' din il-vettura partikolari.

**126.** Għalliem li jieħu lil xi ħadd li qed jitgħallem isuq għal lezzjoni tas-sewqan irid jara li matul il-lezzjoni l-vettura jkollha mwaħħla sew magħha L-plates konformi mar-regolament, u li l-istudent isuq biss il-vettura fil-post u fil-ħinijiet speċifikati fil-permess maħruġ f'ismu.

**127.** Persuna li tkun għaddiet minn test tas-sewqan u tkun kisbet liċenzja tas-sewqan għandha ssuq b'attenzjoni u kawtela u tevita traffiku qawwi għall-ewwel ftit xhur. Liċenzja tas-sewqan tagħtik il-kwalifika iżda mhux il-ħila li ssuq. Din tiġi wara esperjenza tajba, iżda min isuq għandu dejjem jevita li jkollu fiduċja żejda fih innifsu.

128. Il-veloċità żejda żżid, kemm il-possibbiltà, kif ukoll is-severità tal-inċidenti. Il-veloċità żejda u n-nuqqas ta' sabar huma sinjal ta' sewqan ħażin u jistgħu jkunu ta' periklu għal persuni bla ħtija. Għad-distanzi qosra li normalment insuqu f'Malta, id-differenza fil-ħinijiet bejn vjaġġi b'veloċità qawwija u dawk b'sewqan moderat, hija ta' ftit minuti.

129. Il-kundizzjoni tal-vettura tiegħek u ta' kwalunkwe karru jew trailer li tkun qed tirmonka, il-kundizzjoni ta' kwalunkwe tagħbija, in-numru ta' passiġġiera u l-mod kif jinġarru m'għandhomx ikunu ta' periklu għalik u għall-oħrajn. B'mod partikolari, żewġ persuni biss għandhom joqogħdu fuq is-seats ta' quddiem ta' vetturi li jesgħu sa ħames persuni. Huwa rrakkomandat ħafna li t-tfal taħt it-12-il sena ma joqogħdux fuq is-seats ta' quddiem fejn hu possibbli u li persuni ma jġorrux it-tfal fuq ħoġorhom.

130. Uża l-vettura tiegħek b'tali mod li ma tkunx ta' inkonvenjent għal ħaddieħor. Ara li l-magna tiegħek taħdem b'mod effiċjenti u ma tagħmilx storbju, il-magna ma tqattarx żejt, il-magna ma tarmix duħħan tal-exhaust li jagħmel il-ħsara, u s-silencer tiegħek ikun effettiv. F'żoni residenzjali doqq il-ħorn mill-inqas. Tista' ddoqq il-ħorn biss f'każ ta' emerġenza kbira f'żoni fejn id-daqq tal-ħorn huwa pprojbit f'kull ħin u fiż-żoni abitati kollha bejn il-23:00 u s-06:00.

131. F'passaġġ minn fejn taqsam jew f'salib it-toroq mgħassa minn persuna awtorizzata, vettura m'għandhiex tibda miexja qabel l-uffiċjal awtorizzat ma jindikax biex tagħmel dan.

## 10.2 Qabel ma Ssuq

132. Qabel ma ssuq GĦANDEK tkun ċert li:

- għandek liċenzja valida u assigurazzjoni biex issuq il-vettura li beħsiebek tuża; u
- il-vettura tiegħek hija konformi mal-liġi u tajba għat-triq.

GĦANDEK tkun żgur ukoll li:

- pjanajt ir-rotta tiegħek u għandek biżżejjed ħin għal pawżi li jkun hemm bżonn u d-dewmien li jista' jinqala';
- għandek biżżejjed fuel fil-vettura jew, f'każ ta' vettura elettrika, charge għall-vjaġġ tiegħek;
- taf fejn huma l-kontrolli kollha u taf tużahom;

- il-ħwejjeġ u ż-żarbun ma jwaqqfukx milli tuża l-kontrolli b'mod korrett;

- il-mirja u s-seat tiegħek huma ssettjati sew għall-kumdità tiegħek, biex b'hekk ikollok kontroll assolut u tkun tista' tara kollox bl-aħjar mod; u

- il-headrest hija ssettjata sew biex jonqos ir-riskju li tweġġa' għonqok u s-sinsla ta' dahrek f'każ ta' ħabta.

**10.2.1 Suġġerimenti għas-sewwieqa u r-rikkieba kollha**

**133.** Qabel ma ssuq ħares madwarek, anke jekk forsi diġà ttawwalt fil-mera tiegħek, biex tara jekk hemmx min se jaqbżek. Uri sinjali xierqa qabel ma toħroġ, u suq biss meta tista' tagħmel dan mingħajr periklu u mingħajr inkonvenjent għal ħaddieħor li jkun qed juża t-triq. Ċedi lil vetturi għaddejjin jew li qed jaqbżuk.

**134.** Kun ċert li l-bibien huma magħluqin sew u li d-dwal tiegħek huma mixgħulin billejl.

**135.** Ipprova induna x'jistgħu jagħmlu n-nies mexjin u ċ-ċiklisti. Jekk il-persuni mexjin, speċjalment it-tfal, qed iħarsu lejn in-naħa l-oħra, jistgħu jinżlu fit-triq mingħajr ma jarawk. Meta taqbeż ċiklist żomm distanza minima ta' 1.5 m bogħod minnu.

Għall-emerġenzi huwa rrakkomandat li:

- ikollok mobile li fih kuntatti ta' emerġenza (eż. assistenza f'każ li tiqaflek il-karozza);

- ikollok triangolu ta' twissija ta' periklu (hazard triangle) li għandu jitqiegħed fejn jidher mit-traffiku riesaq lejn il-vettura tiegħek jekk tkun wieqfa; u

- ikollok ħwejjeġ li bihom tidher sew f'każ li jkollok bżonn toħroġ mill-vettura.

### 10.2.2 Twieqi u windscreens

- Ara li l-uċuħ kollha tat-twieqi u tal-windscreen ikunu nodfa u ħielsa minn kulma jista' jtellfek milli tara t-triq. Liċenzji, avviżi, permessi, eċċ. tista' twaħħalhom biss fir-rokna ta' fuq jew ta' isfel tan-naħa tax-xellug tal-windscreen. Għandhom jitwaħħlu biss wipers standard tal-fabbrika jew oħrajn approvati, u għandhom ikunu jaħdmu sew. Il-ħġieġ skurat (tinted) mill-fabbrika biss huwa permess. Transport Malta tista' tawtorizza li jitwaħħal tint mhux tal-fabbrika mat-tieqa ta' quddiem tan-naħa tal-lemin tas-sewwieq minħabba kundizzjonijiet mediċi partikolari. Tints sprejjati mal-ħġieġ u purtieri mal-windscreen ta' wara billejl (jew kwalunkwe tagħmir simili) huma pprojbiti. Għandha ssir talba lil Transport Malta għal kull tibdil jew żidiet oħra mal-windscreen. L-awtorità għandha toħroġ l-approvazzjoni qabel ma ssir l-alterazzjoni jew iż-żieda mal-windscreen.



**Ara li l-windscreen tiegħek ikun nadif.**

### 10.2.3 Mirja tal-vetturi

- Ara li l-vettura tiegħek hija mgħammra bin-numru xieraq ta' mirja biex tkun tista' tara t-traffiku warajk. Il-vetturi li jġorru l-passiġġiera manifatturati wara l-1978 jeħtieġu li tal-inqas ikollhom mera interna u mera fuq barra man-naħa tas-sewwieq. Madanakollu, il-vetturi kollha preferibbilment ikollhom mera fuq barra fuq kull naħa, issettjati b'tali mod li s-sewwieq ikun jista' jara tajjeb iż-żewġ naħat u n-naħa ta' wara tal-vettura.

### 10.2.4 Bumpers

- Huma permessi biss il-bumpers standard tal-fabbrika. Jekk jitneħħew m'għandu jkun hemm l-ebda wċuħ li jisporġu 'l barra (eż. brackets jew partijiet oħra) jew xfar jaqtgħu. L-ebda bars żejda ta' kwalunkwe sezzjoni jew fi kwalunkwe forma mhuma permessi ma' kull parti tal-vettura anke jekk huma tal-fabbrika. Jekk tkun saret ħsara lill-karozzerija (bodywork) f'inċident, l-uċuħ u x-xfar tal-metall bil-ponta u li jisporġu 'l barra għandhom jiġu rranġati kemm jista' jkun malajr sabiex ma jkunux ta' periklu għal persuni mexjin fit-triq. Mobile crane jibs m'għandhomx jisporġu 'l quddiem aktar minn 1.5 m jekk it-tarf tagħhom ikun inqas minn 3 m 'il fuq mil-livell tal-art.

**10.2.5 Tagħbija fil-vettura**

- It-tagħbija tal-vettura tiegħek għandha tkun marbuta sabiex ma tikkawża, la periklu, u lanqas inkonvenjent f'każ li taqa', tiċċaqlaq, jew ittir mar-riħ. L-għoli tat-tagħbija m'għandux jipperikola l-istabbiltà tal-vettura.

- Preferibbilment, it-tagħbija m'għandhiex tisporġi 'l quddiem mill-vettura. Tagħbija fuq wara m'għandhiex tisporġi lura b'aktar minn 1/5 tat-tul tal-vettura, u m'għandhiex tasal sal-art. Huwa ssuġġerit li boards ħomor jew sofor kwadri ta' 50 ċm$^2$ b'wiċċ totalment jew parzjalment riflettiv jitwaħħlu fil-ponot ta' kwalunkwe tagħbija. It-tagħbija m'għandhiex tisporġi 'l barra mill-ġnub u m'għandhiex tfixkel bl-ebda mod lis-sewwieq milli jara.

**10.2.6 Fanali ta' quddiem u dwal**

- Il-vettura għandu jkollha fanali ta' quddiem standard tal-fabbrika u/jew dwal ta' quddiem (headlamps) approvati mill-fabbrika, li jistgħu jixegħlu b'raġġ baxx jew qawwi u li jkunu regolati sewwa. Il-lentijiet tal-fanali m'għandhomx jitgħattew jew jinżebgħu b'xi mod, u l-lampi taż-żewġ naħat għandhom ikunu jaħdmu sew. M'għandu jkun hemm l-ebda dawl ta' kwalunkwe tip jew għal kwalunkwe skop 'il fuq mil-livell tal-fanal ta' quddiem, ħlief għal skopijiet speċifiċi approvati minn Transport Malta. Kwalunkwe dawl addizzjonali m'għandux jitfa' dawl aktar qawwi mir-raġġ baxx standard tal-vettura, jew inkella, għandu jkun imqabbad b'tali mod li jintefa meta jinxtegħel ir-raġġ baxx. Kwalunkwe dwal ikkuluriti fuq quddiem għandu jkollhom biss il-funzjoni ta' dwal tal-indicators jew ta' periklu (hazard lights); u huwa permess biss id-dawl ambra jew oranġjo. Il-dwal tal-ġenb jew tal-ipparkjar għandhom ikunu bojod biss.

- Ħlief il-karozzi li jġorru l-passiġġiera li jistgħu jgħabbu sa ħames passiġġiera, il-vetturi l-oħra kollha li jaqbżu l-wisa' ta' 2.1 m u/jew l-għoli ta' 2.25 m u/jew it-tul ta' 6 m għandu jkollhom ukoll dwal ħomor fuq wara, viżibbli mill-vetturi warajhom, li jindikaw l-erba' rkejjen tagħhom; barra minn hekk, vetturi li jaqbżu t-tul ta' 6 m għandu jkollhom ukoll dwal ħomor matul l-aktar parti baxxa tal-karozzerija tagħhom, f'intervalli ta' mhux itwal minn 1.5 m bogħod minn xulxin, u mhux qawwijin aktar minn 12 W.

- Fuq wara tal-vetturi kollha, kif ukoll kwalunkwe karru, trailer, jew vettura rmunkata, minbarra d-dwal tan-number plate għandu jkun hemm dawl aħmar (tail lamps) u rifletturi tal-istess kulur; dawl aħmar ieħor tal-brejk li tal-inqas ikun darbtejn aktar qawwi mit-tail lamps; u dwal tal-indicators jew ta' periklu ta' kulur ambra jew oranġjo. Id-dwal kollha tal-indicators għandhom iteptpu b'rata mhux inqas minn ħames darbiet f'5 sekondi, u għandhom jidhru sew minn 50 m bogħod fid-dawl qawwi tax-xemx.

- Id-dwal kollha ta' wara msemmija hawn fuq għandhom ikunu ogħla mil-livell standard tal-bumper u fit-truf taż-żewġ naħat tal-vettura. Il-fanali ħomor ta' wara li jintużaw għaċ-ċpar u d-dwal tar-reverse m'għandhomx ikunu qawwijin aktar minn 21 W. Id-dwal tar-reverse għandhom jixegħlu awtomatikament malli jiddaħħal ir-reverse gear, u jekk le, għandu jkollhom dwal qawwijin ta' twissija fuq id-dashboard. M'għandu jkun hemm l-ebda dawl ieħor fuq wara.

- Jekk vetturi industrijali, vetturi agrikoli, u żwiemel (semi-trailer trucks) ta' kwalunkwe daqs, għamla jew tip ma jkunux mgħammra bi dwal tal-fabbrika, għandhom jinġiebu konformi mal-ħtiġiet tal-artikolu ta' qabel, sodisfaċenti għall-Kummissarju tal-Pulizija. Barra minn hekk, dawn il-vetturi għandu jkollhom dawl ambra/isfar/oranġjo li jdur (bħalma jkollha karozza tal-pulizija) fuq il-kabina tas-sewwieq jew fil-għoli, u lejn in-naħa tal-lemin tal-vetturi. Id-dawl għandu jkun mixgħul f'kull ħin meta dawn il-vetturi jkunu fit-triq, kemm jekk ikunu qed jintużaw, kif ukoll jekk weqfin.

**10.2.7 Sustanzi perikolużi**

Jekk il-vettura tiegħek hija road tanker jew mgħammra b'container tank li jġorr sustanza perikoluża, din għandu jkollha fuqha t-tabelli meħtieġa biex ħaddieħor ikun jaf bil-perikli li għandu quddiemu. Dawn it-tabelli għandhom ikunu ċari u jidhru bla tfixkil.

**10.2.8 Komponenti oħra tal-vetturi**

Ara li:

- il-ħorn tiegħek jaħdem sew. L-ebda ħorn pnewmatiku (tal-arja) mhuwa permess;

- l-ispeedometer tiegħek qiegħed jaħdem; u

- is-sistema tal-exhaust tiegħek hija effiċjenti u l-istorbju li tiġġenera huwa mal-limiti aċċettabbli.

### 10.2.9 Ċinturini tas-sigurtà (seat belts)

- GĦANDEK tilbes ċinturin tas-sigurtà jekk dan ikun disponibbli, sakemm ma tkunx eżentat milli tilbsu. Min għandu ċertifikat mediku ta' eżenzjoni u persuni li jagħmlu konsenji lokali f'vettura magħmula għal dan il-għan huma fost dawk eżentati mill-ħtieġa li jilbsu ċinturin tas-sigurtà.

**Ħtieġa li jintlibes iċ-ċinturin tas-sigurtà**

Din it-tabella tiġbor fil-qosor il-ħtiġiet ewlenin biex jintlibsu ċ-ċinturini tas-sigurtà:

| | **IS-SEAT TA' QUDDIEM** (Il-vetturi kollha) | **IS-SEAT TA' WARA** (karozzi, minivans u coaches) | **WHO IS RESPONSIBLE** |
|---|---|---|---|
| SEWWIEQ | GĦANDU jintlibes jekk ikun hemm | GĦANDU jintlibes jekk ikun hemm | SEWWIEQ |
| TARBIJA taħt it-tliet snin | GĦANDHA tintlibes ċinga apposta għat-tfal. Jekk it-tarbija titpoġġa f'pożizzjoni li tħares lura, l-airbag GĦANDU jiġi diżattivat. | GĦANDHA tintlibes ċinga apposta għat-tfal. | SEWWIEQ |
| TIFEL JEW TIFLA ta' bejn it-3 u t-12-il sena u iqsar minn 1.5 m (madwar 5 piedi) | GĦANDHA tintlibes ċinga apposta għat-tfal jekk ikun hemm. Jekk m'hemmx, GĦANDU jintlibes ċinturin tas-sigurtà bħall-adulti. | GĦANDHA tintlibes ċinga apposta għat-tfal jekk ikun hemm. Jekk m'hemmx, GĦANDU jintlibes ċinturin tas-sigurtà bħall-adulti jekk ikun hemm. | SEWWIEQ |
| PASSIĠĠIER li għandu 'l fuq minn 12-il sena | GĦANDU jintlibes ċinturin tas-sigurtà bħall-adulti jekk ikun hemm. | GĦANDU jintlibes ċinturin tas-sigurtà bħall-adulti jekk ikun hemm. | PASSIĠĠIER (jekk għandu 16-il sena jew aktar) |

- GĦANDEK tilbes iċ-ċinturini tas-sigurtà f'minibuses, f'minibuses kbar, u f'coaches jekk ikun hemm.

136. Is-sewwieq GĦANDU jkun ċert li t-tfal kollha ta' taħt it-12-il sena f'karozzi, vannijiet, u vetturi oħra tal-merkanzija jilbsu ċ-ċinturini tas-sigurtà jew joqogħdu f'tagħmir ta' rbit apposta għat-tfal fejn meħtieġ. Jekk it-tfal ikunu iqsar minn 1.35 m GĦANDHOM joqogħdu f'seat għat-trabi, seat għat-tfal, booster seat jew booster cushion adattati għall-piż tat-tfal u mwaħħlin mal-vettura skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

137. Seat tat-tarbija li jħares lura MA JISTAX jitwaħħal f'seat protett minn airbag attiv quddiemu, peress li f'ħabta jista' jwassal biex it-tarbija tkorri sew jew tmut.

138. Is-sewwieqa li jkunu qed iġorru t-tfal f'karozzi, vannijiet, u vetturi oħra tal-merkanzija għandhom ikunu ċerti wkoll li:

- it-tfal jidħlu fil-vettura mill-bieba tan-naħa tal-bankina;
- iċ-ċineg għat-tfal ikunu mwaħħlin kif suppost skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;
- it-tfal ma jpoġġux wara s-seats ta' wara f'karozza estate jew hatchback, kemm-il darba ma jkunx imwaħħal seat apposta għat-tfal;
- meta jkun hemm, isakkru l-bibien bis-serraturi tas-sikurezza tat-tfal (child safety door locks) meta t-tfal ikunu fil-vettura; u
- it-tfal ikunu taħt kontroll.

**10.2.10 Tyres**

- Ara li t-tyres kollha jkollhom il-marka "E" u numru f'ċirku.
- Ta' min jinnota li t-tyres użati li jinqatgħulhom grooves ġodda mhumiex permessi fuq vetturi li jġorru l-passiġġiera li b'inqas minn tmien seats tal-passiġġiera u kwalunkwe vettura li tiżen inqas minn 2,450 kg mingħajr tagħbija.
- Vetturi jistgħu jkunu mgħammra b'tyres li fuqhom ikun hemm immarkat l-ogħla veloċità li jifilħu għaliha. Dawn il-vetturi ma tistax issuqhom b'veloċità ogħla minn dik immarkata fuq it-tyres.
- It-tyres għandhom ikunu minfuħin sew. L-iqsar fond tat-tread pattern għal vetturi li jġorru l-passiġġiera b'mhux aktar minn tmien seats tal-passiġġiera u vetturi tal-merkanzija jew vetturi li jġorru, kemm passiġġiera, kif ukoll merkanzija li jiżnu mhux aktar minn 3,500 kg GVW huwa ta' 1.6 mm. Vetturi li jġorru l-passiġġiera b'aktar minn tmien seats tal-passiġġiera u vetturi tal-merkanzija li jiżnu aktar minn 3,500 kg huwa ta' 1.0 mm.
- It-tyres m'għandux ikollhom nefħiet, qatgħat, jew tiswijiet minn ġewwa l-qoxra ta' barra.
- M'GĦANDEKX tħallat tyres ta' tip jew struttura differenti mal-istess fus.
- Vettura bi tliet jew erba' roti mgħammra b'roti singli m'għandux ikollha:

- tyre tat-tip cross-ply jew bias-belted imwaħħal mal-fus ta' wara u tyre tat-tip radial-ply imwaħħal mal-fus ta' quddiem; u

- tyre tat-tip cross-ply jew bias-belted imwaħħal mal-fus ta' quddiem u tyre tat-tip radial-ply imwaħħal mal-fus ta' wara.

**NOTA**
Kwalunkwe taħlit fit-tip ta' tyre bejn fusijiet differenti huwa aċċettabbli għal vetturi li għandhom:

- żewġ fusijiet u roti doppji fuq il-fus ta' wara; u

- tliet fusijiet, wieħed biex iddawwar u ieħor biex imexxi.

Dan ma japplikax għal vetturi b'fus mgħammar b'tyres imsejħin "super single", li jkollhom area f'kuntatt mat-triq wiesgħa mill-anqas 300 mm.

**10.2.11 Mobile phones u teknoloġija fil-vettura**
**139.** GĦANDEK tikkontrolla sew il-vettura tiegħek il-ħin kollu. Meta tkun qed issuq jew meta tkun qed tissorvelja sewwieq li qed jitgħallem TUŻAX mobile f'idejk jew apparat simili għal komunikazzjoni b'mod interattiv (bħal tablet), għal kwalunkwe skop. Din il-projbizzjoni tkopri l-użu ta' kull apparat ta' komunikazzjoni interattiva li jinżamm fl-idejn u tapplika anke meta l-kapaċità ta' komunikazzjoni interattiva tintefa jew ma tkunx disponibbli. Waqt is-sewqan M'GĦANDEKX taqbad il-mobile jew apparat simili biex tiddajlja numru u mbagħad tmiddu xi mkien għat-tul tal-konverżazzjoni. MA TISTAX taqbad f'idejk u tuża hand-held phone jew apparat simili waqt li tkun wieqaf fit-traffiku.

L-eċċezzjoni għal din il-projbizzjoni hija biex iċċempel 119 jew 112 f'emerġenza ġenwina meta ma jkunx sikur jew prattiku li tieqaf.

Qatt tuża mikrofonu li jinżamm fl-idejn waqt is-sewqan.

Huwa ferm aktar sikur li ma tuża l-ebda mobile jew apparat simili waqt li tkun qed issuq jew riekeb. Sib post sikur biex twaqqaf u itfi l-magna; jew uża l-faċilità tal-voicemail biex tisma' l-messaġġ aktar tard.

MA TISTAX tilbes jew tuża:

- headphones jew kwalunkwe apparat simili ieħor waqt is-sewqan; jew
- apparat hands-free f'widintek jew fuq widintek, jew kwalunkwe apparat simili fil-widna l-eqreb tat-tieqa waqt li tkun wieqaf fit-traffiku u, jew waqt li tkun qed issuq kwalunkwe vettura bil-mutur.

**140.** Hemm periklu li sistemi fil-vettura bħal sistemi ta' navigazzjoni permezz tas-satellita, sistemi li jwissu l-konġestjoni, PCs, multimedia, eċċ. jistgħu jtellfu lis-sewwieq. GĦANDEK tikkontrolla sew il-vettura tiegħek il-ħin kollu. Tiddependix fuq sistemi ta' assistenza għas-sewwieq bħal cruise control jew twissijiet jekk tibda ħiereġ mill-mogħdija. Qegħdin hemm biex jgħinuk waqt li qed issuq iżda m'għandhomx inaqqsulek il-livell ta' konċentrazzjoni. Tħallix mapep jew informazzjoni fuq l-iscreen itellfuk (bħas-sistemi tan-navigazzjoni jew vehicle management systems) waqt li ssuq jew tkun riekeb. Jekk meħtieġ, sib post sikur fejn tieqaf.

### 10.2.12 Trid tkun f'saħħtek biex issuq

**141.** Kun ċert li int f'saħħtek biex issuq. GĦANDEK tavża lil Transport Malta bi kwalunkwe kundizzjoni tas-saħħa li tista' taffettwa s-sewqan tiegħek.

- Meta d-detentur tal-liċenzja tas-sewqan jitqies li mhuwiex f'saħħtu biex isuq (jew mill-konsulent mediku ta' Transport Malta jew kif jiġbed l-attenzjoni kwalunkwe tabib mediku, konsulent jew istituzzjoni relatata oħra), jeħtieġ li l-liċenzja, it-tag, jew il-kategorija tas-sewqan jiġu rtirati. F'dan l-istadju, il-liċenzja tas-sewqan trid tiġi rritornata jew mibdula skont kif irrakkomandat minn Transport Malta.

- Jekk ir-raġunijiet u/jew il-kundizzjonijiet tas-saħħa jkunu temporanji, il-card tal-liċenzja tinżamm minn Transport Malta sakemm is-sewwieq jiġi ddikjarat f'saħħtu biex isuq. Wara, is-sewwieq jista' jerġa' jieħu lura d-dokumenti kollha tal-liċenzja tas-sewqan.

- Kwalunkwe tneħħija ta' restrizzjonijiet tas-sewqan għal raġunijiet mediċi teħtieġ ċertifikat mediku ġdid u/jew feedback minn istituzzjoni, korp jew awtorità medika rilevanti qabel ma tiġi emendata, imneħħija jew mibdula bi kwalunkwe mod.

**142.** Sewqan meta tkun għajjien jew fis-sħana qawwija tas-sajf iżid ħafna r-riskju ta' inċident.

- Jekk tħossok bi ngħas, waqqaf f'post bla periklu.

- L-aktar modi effettivi kontra n-ngħas huma li tieħu nagħsa qasira (sa 15-il minuta) jew tixrob, pereżempju, żewġ tazzi kafè qawwi. L-arja friska, l-eżerċizzju, jew il-volum għoli tar-radju jistgħu jgħinu għal żmien qasir, iżda mhumiex daqshekk effettivi.

- Tibdiex issuq jekk inti għajjien.

- Evita vjaġġi twal bejn nofsillejl u s-sitta ta' filgħodu minħabba li l-attenzjoni naturali tiegħek tonqos f'dawn il-ħinijiet.

**Vista ta' għajnejk**

**143.** GĦANDEK tkun tista' taqra number plate ta' vettura minn distanza ta' 20.5 m (67 pied jew tul ta' madwar ħames karozzi) fid-dawl tax-xemx. Jekk għandek bżonn tilbes nuċċali jew contact lenses biex tagħmel dan, GĦANDEK tilbishom il-ħin kollu waqt li tkun qed issuq.

**144.** Billejl jew f'viżibbiltà baxxa, tużax nuċċalijiet jew lentijiet skuri (tinted), jew xi ħaġa li ttellfek milli tara sew.

Naqqas il-veloċità jew waqqaf jekk titgħammex bid-dawl qawwi tax-xemx.

### 10.2.13 Alkoħol u drogi

**145. Qatt m'għandek tixrob u ssuq** għax dan jaffettwa serjament il-ġudizzju u l-kapaċitajiet tiegħek. Dawn li ġejjin huma l-limiti imposti:

**(a)** Biex issuq jew tipprova ssuq il-vetturi kollha ħlief dawk imsemmija fil-paragrafi (b), (ċ) jew (d):

(i) 22 µg ta' alkoħol f'100 ml ta' nifs; jew
(ii) 50 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' demm; jew
(iii) 67 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' awrina.

**(b)** Biex issuq jew tipprova ssuq vetturi kummerċjali:

(i) 9 µg ta' alkoħol f'100 ml ta' nifs; jew
(ii) 20 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' demm; jew
(iii) 27 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' awrina.

**(ċ)** Biex issuq jew tipprova ssuq karozzi tal-linja, coaches, u vetturi oħra li jġorru passiġġiera bil-ħlas:

(i) 0 µg ta' alkoħol f'100 ml ta' nifs; jew
(ii) 0 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' demm; jew
(iii) 0 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' awrina.

**(d)** Biex persuni li jsuqu jew jippruvaw isuqu b'liċenzja ta' sewqan fuq bażi proviżorja biss:

(i) 9 µg ta' alkoħol f'100 ml ta' nifs; jew
(ii) 20 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' demm; jew
(iii) 27 mg ta' alkoħol f'100 ml ta' awrina.

Kwalunkwe bidla sussegwenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tapplika u tieħu post dan ta' hawn fuq.

L-alkoħol:

- jagħti idea żbaljata tal-ħila tiegħek li tkampa;
- inaqqas il-koordinazzjoni tiegħek u jnaqqaslek ir-reazzjonijiet;
- jaffettwalek l-abbiltà li tagħraf il-veloċità, id-distanza, u r-riskji involuti;

- inaqqas il-kapaċità tiegħek tas-sewqan, anke jekk ikollok livelli ta' alkoħol inqas mil-limitu legali; u

- jieħu l-ħin biex jaħdem fil-ġisem; tista' saħansitra ma tkunx tajjeb biex issuq filgħaxija wara li tkun xrobt fl-ikla ta' nofsinhar, jew filgħodu wara li tkun xrobt il-lejl ta' qabel. Jekk se tixrob, agħmel arranġamenti biex tuża mezz ieħor ta' trasport sabiex ma ssuqx.

QATT M'GĦANDEK issuq taħt l-influwenza ta' drogi jew mediċini li jaffettwaw ir-reazzjonijiet tiegħek. Dejjem aqra sew il-fuljett ta' informazzjoni dwar il-mediċini li tieħu jew staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. L-użu ta' sustanzi pprojbiti huwa perikoluż ħafna. Qatt m'għandek teħodhom qabel issuq; l-effetti huma imprevedibbli, iżda jistgħu jkunu saħansitra aktar qawwija mill-alkoħol u jistgħu jikkawżaw inċidenti serji jew fatali fit-triq.

## 10.3 L-Irmunkar u t-Tagħbija tal-Vetturi

L-ebda sewwieq m'għandu jirmonka xi vettura oħra sakemm id-distanza li tissepara l-eqreb punti tal-vetturi bil-mutur ma taqbiżx l-4.5 m. Għandhom ukoll jittieħdu passi biex it-tow bar solida tingħaraf faċilment minn ħaddieħor fit-triq billi jitwaħħlu magħha ċraret bojod. Il-karru jew trailer għandu jkollu secondary coupling device bħal pereżempju katina ta' sigurtà. Ftakar li l-irmonk ta' vettura permezz ta' ħabel jew katina jista' jkun perikoluż.

Bħala sewwieq:

- MA TISTAX tirmonka aktar milli tippermettilek il-liċenzja tiegħek;

- MA TISTAX tgħabbi żżejjed il-vettura, il-karru, jew it-trailer tiegħek;

- iċċekkja l-piż imniżżel fil-manwal tal-karozza tiegħek sabiex ma tirmonkax piż akbar minn dak irrakkomandat mill-manifattur tal-vettura tiegħek;

- GĦANDEK torbot sew it-tagħbija tiegħek u din MA TISTAX tisporġi 'l barra b'tali mod li tikkawża periklu. Għandhom jintużaw mirja tal-irmonk jekk il-vettura tiegħek hija idjaq mill-karru, mit-trailer, jew mit-tagħbija tiegħek; jew il-karru, it-trailer, jew it-tagħbija tiegħek ma jħallukx tara warajk;

- GĦANDEK tara li, kemm il-vettura tiegħek, kif ukoll il-karru jew it-trailer tiegħek ikunu f'kundizzjoni tajba għat-triq;

- GĦANDEK tara li meta tkun qed tirmonka caravan, karru, jew trailer, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura tal-irmonk jidher ukoll fuq wara tal-caravan, karru, jew trailer;

- ara li l-piż huwa mqassam sew fil-caravan, il-karru, jew it-trailer tiegħek biex tevita l-possibbiltà li l-caravan, il-karru, jew it-trailer jibdew iduru jew iserrpu waqt il-vjaġġ b'mod li ma tibqax tikkontrollahom. Jekk jiġri hekk, naqqas il-veloċità bil-mod biex terġa' tikseb il-kontroll tal-caravan, il-karru, jew it-trailer;

- huwa rrakkomandat ħafna li jitwaħħal is-sinjal "On Tow" u li dan ikun jidher sew fuq wara tal-vettura rmunkata;

- żomm f'moħħok li japplikaw limiti aktar baxxi tal-veloċità;

- żomm f'moħħok li d-distanza għall-waqfien tiegħek tista' tiżdied meta tirmonka;

- ħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa meta tirmonka vettura oħra fid-dlam, bħall-użu ta' dwal u sewqan b'attenzjoni. Żomm f'moħħok li jkollok bżonn tissettja l-fanali ta' quddiem tiegħek biex iġġorr tagħbija jew tiġbed karru jew trailer; u

- għandek tikkonsulta mal-awtorità rilevanti biex tikkonferma jekk ikollokx bżonn skorta minn uffiċjali awtorizzati għal vjaġġi fit-triq b'tagħbijiet kbar u/jew vetturi rmunkati.

## 10.4 Meta Titlaq

**146.** Qabel ma tixgħel il-magna ara li qiegħed bilqiegħda sew u komdu, u li s-seat ikun illokkjat f'postu. Iċċekkja l-pożizzjoni tal-mirja ta' wara u tal-ġenb tiegħek, u ara li, kemm l-iscreens ta' quddiem, kif ukoll ta' wara, huma nodfa u ħielsa minn kulma jista' jtellfek milli tara t-triq. Tħallix oġġetti mimdudin li jistgħu jirriflettu u jtellfuk milli tara sew. Jekk hemm bżonn naddaf l-iscreens ta' quddiem u/jew ta' wara mtappnin billi tattiva d-demisting tal-vettura. Tilbisx żraben jew ħwejjeġ li jtellfuk waqt is-sewqan peress li jkunu wisgħin jew issikkati wisq. Ipproteġi għajnejk mid-dija jekk meħtieġ. Nuċċalijiet polarizzati huma tajbin ħafna f'dawl tax-xemx qawwi. Oqgħod f'pożizzjoni rilassata iżda ssuqx bi driegħek jew idek imdendla barra mit-tieqa. Ikkonċentra fuq is-sewqan tiegħek u evita kwalunkwe distrazzjoni. Iċċekkja l-blind spots qabel titlaq.

Huwa rrakkomandat li meta sewwieq joħroġ mill-vettura juża s-sistema Dutch Reach. Dan ifisser li s-sewwieq għandu jiftaħ il-bieba tal-vettura bl-ibgħad id mill-bieba, cioè l-id ix-XELLUGIJA. Din hija proċedura sikura minħabba li bis-sistema Dutch Reach il-ġisem idur lejn it-tieqa b'mod naturali u b'hekk is-sistema tgħin lis-sewwieq jinduna b'ċiklist, motoċiklist, jew persuna miexja li jkunu qed joqorbu. Is-sewwieq għandu jirrakkomanda lill-passiġġiera l-oħra tal-vettura biex jużaw ukoll din is-sistema. Bid-Dutch Reach il-passiġġiera bilqiegħda fuq in-naħa l-oħra tal-vettura għandhom jilħqu l-bieba tal-vettura b'idhom il-LEMINIJA.

### 10.4.1 Sinjali

**147.** Is-sinjali jwissu u jinfurmaw lil ħaddieħor fit-triq, anke persuni mexjin, dwar x'beħsiebek tagħmel. Dejjem għandek:

- turi sinjali ċari minn ħafna qabel, wara li tkun ċert li ma tħawwadx lil ħaddieħor jekk turi sinjali f'dak il-waqt;
- tuża s-sinjali biex tavża lil ħaddieħor fit-triq qabel tibdel ir-rotta jew id-direzzjoni, twaqqaf, jew tibda miexi;
- titfi l-indicators wara li tużahom;
- tkun ċert li s-sinjali tiegħek ma jħawdux lil ħaddieħor. Pereżempju jekk inti tixtieq li twaqqaf wara li taqbeż triq fil-ġenb, tixgħelx l-indicator qabel ma taqbiżha. Jekk tixgħel l-indicator qabel tista' tagħti l-impressjoni li inti beħsiebek iddur għal ġot-triq. Id-dwal tal-brejkijiet tiegħek juru lit-traffiku warajk li qiegħed tnaqqas il-veloċità; u
- tuża sinjal b'idek jekk ikun meħtieġ biex tenfasizza jew issaħħaħ is-sinjal tiegħek. Ftakar li għalkemm turi sinjal xorta m'għandekx id-dritta.

**148.** Għandek ukoll:

- toqgħod attent għas-sinjali li jagħmel ħaddieħor fit-triq u ddur biss meta tkun ċert li m'hemmx periklu; u
- iżżomm f'moħħok li sinjal tal-indicator ta' vettura oħra jista' ma jkunx intefa.

**149.** F'passaġġ minn fejn taqsam jew f'salib it-toroq mgħasses minn persuna awtorizzata, tkomplix għaddej qabel l-uffiċjal awtorizzat ma jindikalekx biex taqsam.

### 10.4.2 Proċeduri ta' waqfien mill-pulizija

Jekk il-pulizija jkunu jridu jwaqqfu l-vettura tiegħek se jiġbdulek l-attenzjoni, fejn ikun possibbli, billi:

- iteptpu d-dwal blu jew il-fanali ta' quddiem, jew idoqqu l-ħorn tagħhom, normalment min-naħa ta' wara; u
- jidderiġuk biex twaqqaf fil-ġenb billi jippuntaw u/jew jixegħlu l-indicator f'dik id-direzzjoni.

GĦANDEK twaqqaf fil-ġenb hekk kif ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan. Imbagħad itfi l-magna.

### 10.4.3 Proċeduri oħra ta' waqfien

**150.** Uffiċjali Awtorizzati, bħall-uffiċjali ta' infurzar ta' Transport Malta jew uffiċjali tal-komunità, jistgħu jwaqqfu l-vetturi kollha fit-triq. Huma jiġbdu l-attenzjoni tiegħek billi jteptpu dwal ambra:

- jew min-naħa ta' quddiem u jitolbuk issegwihom f'post biex twaqqaf bla periklu; jew

- minn wara u jidderiġuk biex twaqqaf fil-ġenb billi jippuntaw u/jew jixegħlu l-indicator f'dik id-direzzjoni.

GĦANDEK twaqqaf fil-ġenb hekk kif ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan. Imbagħad itfi l-magna. Tkun qed tagħmel reat jekk ma tobdix l-istruzzjonijiet tagħhom. GĦANDEK tobdi kwalunkwe sinjal li jagħtuk.

### 10.4.4 Sinjali tat-traffic lights u tabelli tat-traffiku

GĦANDEK tobdi t-traffic lights u s-sinjali tat-traffiku kollha li jagħtu l-ordnijiet, kif ukoll is-sinjali u t-tabelli temporanji. Ara li tkun taf, tifhem, u tobdi s-sinjali l-oħra kollha tat-traffiku, is-sinjali tal-informazzjoni u l-marki tat-triq.

### 10.4.5 Il-fanali ta' quddiem

**151.** GĦANDEK tixgħel:

- id-dwal kollha tal-ġenb u tan-number plate ta' wara bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx;

- il-fanali ta' quddiem billejl, ħlief f'toroq li jkunu mdawla bid-dwal tat-triq. Dawn it-toroq ġeneralment ikollhom veloċità limitata għal 50 km/h; u

- il-fanali ta' quddiem meta l-viżibbiltà tonqos ħafna.

Il-lejl (is-sigħat ta' dlam) huwa definit bħala l-perjodu bejn nofs siegħa wara nżul ix-xemx u nofs siegħa qabel tlugħ ix-xemx.

TIXGĦELX:

- kwalunkwe dawl b'mod li jgħammex jew jiskomoda lil ħaddieħor fit-triq, anke persuni mexjin, ċiklisti, u rikkieba taż-żwiemel; jew

- id-dwal taċ-ċpar (fog lights) ta' quddiem jew ta' wara sakemm il-viżibbiltà ma tonqosx ħafna. GĦANDEK titfihom hekk kif il-viżibbiltà titjieb biex tevita li tgħammex lil ħaddieħor fit-triq.

Fi kjuwijiet tat-traffiku weqfin, is-sewwieqa għandhom itellgħu l-handbrake u, ladarba t-traffiku warajhom ikun waqaf, ineħħu saqajhom minn fuq il-pedala tal-brejk sabiex b'hekk jintfew id-dwal tal-brejkijiet tal-vettura. B'hekk tonqos id-dija għal min juża t-triq u jkun warajhom sakemm it-traffiku jerġa' jibda miexi.

**Il-fanali ta' quddiem b'raġġ baxx (dipped headlights)**

- Billejl, f'żoni mibnija u f'temp matt matul il-ġurnata, għandek tixgħel id-dipped headlights jew dim-dip jekk il-vettura mgħammra bihom, biex tkun ċert li tidher.

- Meta taqbeż, żomm il-fanali ta' quddiem tiegħek baxxi sakemm tasal ħdejn il-vettura l-oħra u mbagħad eqleb għar-raġġ ewlieni jekk ikun meħtieġ, kemm-il darba dan ma jgħammixx lil ħaddieħor ġej mid-direzzjoni opposta.

- Naqqas il-veloċità u jekk ikun meħtieġ waqqaf jekk titgħammex bil-fanali ta' quddiem ta' vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta.

**Dwal ta' twissija ta' periklu (Hazard warning lights)**

**152.** Dawn jistgħu jintużaw meta l-vettura tiegħek tkun wieqfa biex iwissu li qed tostakola temporanjament it-traffiku. Qatt tużahom bħala skuża biex tipparkja f'post perikoluż jew illegali. MA TISTAX tixgħel il-hazard lights waqt is-sewqan jew waqt li tkun qed tiġi rmunkat sakemm ma tkunx f'awtostrada jew fi triq b'karreġġata doppja mhux ristretta u jeħtieġ li twissi lis-sewwieqa warajk b'periklu jew ostaklu quddiemek. Dewwimhom biżżejjed biex tkun ċert li ħaddieħor ra t-twissija tiegħek.

**It-teptip tal-fanali ta' quddiem**

Teptep biss il-fanali ta' quddiem tiegħek biex tavża lil ħaddieħor fit-triq li inti qiegħed hemm. Itteptipx il-fanali ta' quddiem tiegħek biex twassal xi messaġġ ieħor jew tintimida lil persuni oħra li jkunu qed jużaw it-triq.

**153.** Qatt tassumi li t-teptip tal-fanali huwa sinjal mis-sewwieq biex issuq jew tgħaddi int. Uża l-ġudizzju tiegħek stess u pproċedi b'attenzjoni.

#### 10.4.6 Il-ħorn

Doqq il-ħorn biss waqt li l-vettura tiegħek tkun miexja u għandek bżonn twissi lil ħaddieħor fit-triq li inti qiegħed hemm. Qatt m'għandek iddoqq il-ħorn tiegħek b'mod aggressiv. M'GĦANDEKX iddoqq il-ħorn waqt li tkun:

- wieqaf fit-triq; jew
- qed issuq f'żona mibnija bejn il-23:00 u s-06:00, ħlief meta ħaddieħor fit-triq jista' joħloq periklu.

## 10.5 Kontroll tal-Vettura

#### 10.5.1 Ħarsa ġenerali

**155.** MA TISTAX issuq:

- b'mod perikoluż;
- kif ġie ġie u mingħajr ma toqgħod attent; jew
- mingħajr ma taħseb f'ħaddieħor li juża t-triq.

Is-sewqan jeħtieġ attenzjoni f'kull ħin. Ftakar li tista' tkun qed issuq b'mod perikoluż jew b'veloċità għolja anke jekk ma tkunx trid.

**156.** MA TISTAX issuq fuq bankini, mogħdijet għar-roti, jew binarji għar-roti ħlief biex tidħol bi dritt legali fi proprjetà jew f'każ ta' emerġenza.

**157.** Irregola s-sewqan tiegħek għat-tip u l-kundizzjoni tat-triq. B'mod partikolari:

- timmirax li tilħaq il-limiti tal-veloċità. Ħafna drabi ma jkunx xieraq jew sikur li ssuq mal-ogħla limitu tal-veloċità;
- kun af il-kundizzjonijiet tat-triq u tat-traffiku. Kun lest għal sitwazzjonijiet mhux mistennija jew diffiċli, pereżempju, it-triq wara liwja li ma tarax lil hinn minnha tkun imblokkata. Kun lest li tnaqqas il-veloċità tiegħek bħala prekawzjoni;
- fejn ikun hemm triq tagħqad ma' oħra, oqgħod attent għal xi persuna u/jew vettura ħierġa;
- oqgħod attent għal salib it-toroq mhux immarkati f'toroq sekondarji u mogħdijiet fil-kampanja. Hawn ħadd ma jkollu prijorità;
- kun lest li twaqqaf ma' sistemi ta' kontroll tat-traffiku, fejn ikun hemm xogħlijiet fit-toroq, f'pedestrian crossings, jew mat-traffic lights;
- ipprova antiċipa x'jistgħu jagħmlu n-nies mexjin u ċ-ċiklisti. Jekk il-persuni mexjin, speċjalment it-tfal, qed iħarsu lejn in-naħa l-oħra, jistgħu jinżlu fit-triq mingħajr ma jarawk;
- meta żewġ vetturi li jkunu sejrin f'direzzjonijiet opposti jiltaqgħu f'medda dejqa ta' triq, il-vettura l-eqreb għall-usa' parti tat-triq għandha treġġa' lura biex tħalli l-vettura l-oħra tgħaddi, sakemm ma jkunx hemm sinjali li jindikaw mod ieħor;
- meta żewġ vetturi li jkunu sejrin f'direzzjonijiet opposti jiltaqgħu f'telgħa, il-vettura li tkun tielgħa 'l fuq ikollha prijorità fuq il-vettura li tkun nieżla 'l isfel, sakemm ma jkunx hemm sinjali li jindikaw mod ieħor.

**158.** Aħseb f'ħaddieħor. Oqgħod attent u qis it-tipi kollha ta' persuni li jużaw it-triq, speċjalment dawk li jeħtieġu aktar attenzjoni.

- M'GĦANDEK tarmi xejn mill-vettura, bħal loqom tas-sigaretti, laned, karti, jew basktijiet. Dan jista' jipperikola lil ħaddieħor li juża t-triq, b'mod partikolari l-motoċiklisti u ċ-ċiklisti.

- Ipprova ifhem jekk ħaddieħor li jkun qed juża t-triq jikkawżax problemi; jista' ma jkollux esperjenza jew ma jkunx jaf iż-żona sew.

- Kun paċenzjuż u ftakar li kulħadd jista' jagħmel żball.

- Taġitax ruħek u tinvolvix ruħek jekk xi ħadd ikun qed iġib ruħu ħażin fit-triq għax tiggrava s-sitwazzjoni. Waqqaf, ikkalma, u meta tħossok rilassat kompli l-vjaġġ tiegħek.

- Naqqas il-veloċità u żomm lura jekk persuna jew vettura toħroġ fi triqtek f'salib it-toroq. Ħalliha tgħaddi. Tirreaġixxix iżżejjed billi ssuq warajha biex tintimidaha.

**159.** Biex issuq jew tirkeb mingħajr periklu jeħtieġ li tikkonċentra. Evita distrazzjonijiet bħal:

- mużika għolja (din tista' tgħatti ħsejjes oħra);

- qari ta' mapep fuq apparat elettroniku;

- tħaddim ta' multimedia jew infotainment equipment;

- argumenti mal-passiġġiera tiegħek jew ma' ħaddieħor li qed juża t-triq;

- ikel u xorb; u

- tipjip.

Is-sewwieq M'GĦANDUX ipejjep jew iħalli lil xi ħadd ipejjep f'vettura privata magħluqa li fiha jkun hemm xi ħadd taħt is-16 il sena. Din tapplika anke għal caravans bil-mutur.

### 10.5.2 L-ibbrejkjar

**160.** F'ċirkostanzi normali, l-aktar mod sikur huwa li tibbrejkja kmieni u bil-mod. Ibbrejkja b'mod aktar sod hekk kif il-vettura tibda tieqaf. Naqqas il-pressjoni fuq il-pedala eżatt qabel ma l-vettura tieqaf biex tevita li twaqqaf f'daqqa.

**161.** F'emerġenza, ibbrejkja immedjatament. Ipprova evita li tibbrejkja b'tant qawwa li tillokkja r-roti tiegħek. Ir-roti llokkjati jistgħu jwasslu li titlef il-kontroll tal-vettura.

**162.** Iż-żliq (skidding) huwa ġeneralment ikkawżat meta sewwieq jibbrejkja, jaċċellera jew idawwar f'daqqa, jew meta jsuq mgħaġġel wisq għall-kundizzjonijiet tat-triq. Jekk tiskiddja ħalli l-pedala tal-brejk kompletament jew tkomplix taċċellera. Dawwar l-istering fid-direzzjoni tal-iskid. Pereżempju, jekk in-naħa ta' wara tal-vettura tiżloq lejn il-lemin, dawwar immedjatament lejn il-lemin biex tirkupra.

**163.** Jekk il-vettura tiegħek hija mgħammra bi brejkijiet anti-lock (anti-lock brakes, ABS) għandek issegwi s-suġġeriment li jtik il-manwal tal-vettura. Madanakollu agħfas il-pedala tal-brejk b'mod sod f'każ ta' emerġenza. Tnaqqasx il-pressjoni fuq il-pedala sakemm il-vettura tkun naqqset il-veloċità għal dik mixtieqa. L-ABS għandu jara li żżomm il-kontroll tal-istering, iżda m'għandekx tassumi li vettura bl-ABS se tieqaf f'distanza iqsar.

**164.** Jekk tkun għaddejt minn ilmijiet fondi, il-brejkijiet imxarrbin jistgħu jkunu inqas effettivi. Ittestjahom fl-ewwel opportunità sikura billi tagħfas bil-mod fuq il-pedala tal-brejk biex tara li jaħdmu. Jekk ma jkunux effettivi għalkollox agħfas ħafif il-pedala waqt li ssuq bil-mod. Dan jgħin biex il-brejkijiet jinxfu mill-ilma.

**165.** It-terminu "coasting" jiddeskrivi vettura li tivvjaġġa bin-neutral jew bil-pedala tal-clutch magħfusa 'l isfel. Dan jista' jnaqqas il-kontroll tas-sewwieq għax:

- vettura ma jkollhiex engine braking;
- il-veloċità tal-vettura għan-niżla se tiżdied malajr;
- is-sewwieq ikollu juża aktar il-footbrake li jnaqqas l-effettività tal-brejk;
- ir-roti tal-vettura ma jibqgħux jirrispondu sew għad-dawrien tal-istering, b'mod partikolari f'liwjiet u kantunieri; u
- jista' jkun aktar diffiċli li jagħżel il-gear xieraq meta jkun meħtieġ.

### 10.5.3 Limiti tal-veloċità

**166.** M'GĦANDEKX taqbeż l-ogħla limiti tal-veloċità fit-triq u għall-vettura tiegħek (ara t-tabella tal-limiti tal-veloċità).

| Klassi tal-Vettura | L-ogħla veloċità (km/h)<br>Fil-bliet u l-irħula | L-ogħla veloċità (km/h)<br>Barra l-bliet jew l-irħula |
|---|---|---|
| (A) Vetturi mgħammrin b'tyres pnewmatiċi | | |
| Taxicars | 50 | 80 |
| Vetturi bil-mutur għall-kiri | 50 | 80 |
| Vetturi bil-mutur self-drive | 50 | 80 |
| Karozzi privati | 50 | 80 |
| Muturi | 50 | 80 |
| Muturi għall-kiri | 50 | 80 |
| Karozza tal-mejtin bil-mutur | 50 | 80 |
| Inġenji tal-invalidi | 50 | 80 |
| Minibuses | 40 | 60 |
| Vetturi tal-merkanzija sa 3 tunnellati metriċi | 40 | 60 |
| Vetturi tal-merkanzija ta' aktar minn 3 tunnellati metriċi | 40 | 60 |
| Vetturi industrijali u agrikoli | 20 | 30 |
| Vetturi tal-irmunkar | 20 | 30 |
| Ambulanzi | L-ebda limitu | L-ebda limitu |
| Vetturi għat-tifi tan-nar | L-ebda limitu | L-ebda limitu |
| Il-vetturi tal-pulizija u Delegazzjonijiet Internazzjonali ta' Livell Għoli eskortati mill-pulizija, il-Forzi Armati, Faċilità Korrettiva ta' Kordin f'każijiet meta qed jiġu ttrasportati priġunieri ta' riskju għoli jew f'każijiet ta' emerġenza, uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità u uffiċjali tal-komunità f'każijiet ta' emerġenza, u vetturi tad-Dwana meta fuq xogħol ta' emerġenza jew ta' prijorità | L-ebda limitu | L-ebda limitu |
| (B) Vetturi mgħammrin b'tyres solidi | | |
| Il-vetturi kollha | 15 | 20 |

Jistgħu japplikaw limiti tal-veloċità stabbiliti lokalment, pereżempju:

- dik ta' 30 km/h f'xi żoni mibnija;
- jintużaw tabelli bil-limiti differenti tal-veloċità f'xi toroq biex juru li nbidel l-ogħla limitu tal-veloċità;
- is-sinjali attivati mill-vetturi relatati mal-veloċitajiet tal-vetturi jintużaw biex iwissu lis-sewwieqa; u
- il-limiti tal-veloċità huma infurzati mill-pulizija u mill-aġenti tal-Infurzar Lokali.

**167.** Il-limitu tal-veloċità huwa l-massimu assolut, imma ma jfissirx li huwa sikur li ssuq b'dik il-veloċità, ikunu xi jkunu l-kundizzjonijiet. Is-sewqan b'veloċità għolja wisq għall-kundizzjonijiet tat-triq u tat-traffiku huwa perikoluż. Dejjem għandek tnaqqas il-veloċità tiegħek meta:

- it-tqassim jew il-kundizzjoni tat-triq ikunu ta' periklu, bħal liwjiet;
- tgħaddi minn triq użata wkoll minn nies mexjin, ċiklisti, u rikkieba taż-żwiemel, b'mod partikolari tfal, u motoċiklisti;
- jonqos il-periklu jekk tagħmel dan minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp;
- issuq billejl għax huwa aktar diffiċli li tara lil ħaddieħor fit-triq.

**168.** Kwalunkwe waħda mill-veloċitajiet t'hawn fuq tista' tiġi ristretta permezz ta' tabelli tat-traffiku xierqa. Ambulanzi, vetturi għat-tifi tan-nar, karozzi tal-pulizija, u vetturi oħra tal-emerġenza li jużaw is-sireni u d-dwal iteptpu jew sinjali oħra xierqa huma eżentati mil-limiti tal-veloċità msemmija hawn fuq.

**169.** Issuqx b'veloċità inqas mill-veloċità medja tal-fluss tat-traffiku ġenerali fil-post u l-ħin partikolari, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet suffiċjenti biex tagħmel dan.

**170.** Iżżommx kju twil ta' traffiku warajk. Jekk qed issuq vettura kbira jew li timxi bil-mod u t-triq hija dejqa jew isserrep, jew hemm ħafna traffiku ġej lejk, GĦANDEK tersaq mal-ġenb fejn tista' tagħmel dan mingħajr periklu sabiex vetturi oħra jkunu jistgħu jaqbżuk.

### 10.5.4 Distanzi biex tieqaf

Għandek bżonn ammont ta' ħin biex tirreaġixxi f'każ ta' emerġenza. Ir-reazzjonijiet tiegħek jitwalu jekk inti għajjien, bi ngħas, mgħammex jew jekk il-fakultajiet tiegħek huma indeboliti b'xi mod. Jekk tħossok impeċpeċ naqqas il-veloċità u oqgħod aktar attent. Jekk ikun hemm bżonn waqqaf fl-ewwel post xieraq sakemm tistrieħ.

Suq b'veloċità li tippermettilek twaqqaf sew fid-distanza li tista' tara quddiemek. Ftakar li l-viżibbiltà tiegħek tonqos fil-kantunieri u fi qċaċet ta' telgħat, u li d-distanza biex tibbrejkja tiżdied f'niżla jew meta t-triq tkun imxarrba jew tiżloq. Għandek:

- tħalli spazju biżżejjed bejnek u l-vettura ta' quddiemek sabiex tkun tista' twaqqaf mingħajr periklu jekk din tnaqqas il-veloċità jew twaqqaf f'daqqa waħda. Bħala regola sikura qatt m'għandek issuq qrib il-vettura ta' quddiemek aktar mid-distanza ġenerali għall-waqfien (ara t-tabella ta' hawn taħt li turi d-Distanzi Tipiċi għall-Waqfien);

- tħalli mill-anqas spazju ta' 2 sekondi bejnek u l-vettura ta' quddiemek f'toroq bi traffiku mgħaġġel u f'mini fejn il-viżibbiltà tonqos. Id-distakk għandu tal-inqas jirdoppja f'toroq imxarrbin; u

- iżżomm f'moħħok li vetturi kbar u muturi jeħtieġu distanza akbar biex jieqfu.

**171.** L-iqsar distanza (f'metri) għall-waqfien

**Distanzi tipiċi għall-waqfien:**




**172.** Sewwieq attent li qed isuq karozza tajba bi brejkijiet u tyres tajbin fi triq xotta għandu jwaqqaf sewwa fid-distanzi murija.

**173.** Ftakar li dawn huma l-iqsar distanzi għall-waqfien. Id-distanzi biex tieqaf jiżdiedu ħafna f'toroq imxarrbin u jiżolqu, bi brejkijiet u tyres ħżiena, u jekk tkun għajjien.

### 10.5.5 Tailgating



It-tailgating huwa fejn id-distakk bejnek u l-vettura ta' quddiem huwa żgħir wisq għalik biex tkun tista' twaqqaf b'mod sikur jekk il-vettura ta' quddiemek tibbrejkja f'daqqa.

It-tailgating huwa perikoluż, intimidanti, u jista' jikkawża ħabtiet, speċjalment meta ssuq b'veloċità għolja. Meta żżomm distanza sikura mill-vettura ta' quddiemek tagħtik ħin biex tirreaġixxi u twaqqaf jekk ikun meħtieġ. Sewqan perikoluż u traskurat, bħat-tailgating, huwa mmonitorjat u jiġi ppenalizzat mill-pulizija.

Għandek tħalli spazju ta' 4 sekondi bejnek u l-vettura ta' quddiem jekk issuq vettura kbira f'mina.

### 10.5.6 Żliq

**174.** L-iskiddjar huwa kkawżat meta sewwieq jibbrejkja, jaċċellera jew idawwar f'daqqa, jew meta jsuq mgħaġġel wisq għall-kundizzjonijiet tat-triq. Jekk tiskiddja, itlaq il-pedala tal-brejk kompletament jew tkomplix taċċellera. Dawwar l-istering fid-direzzjoni tal-iskid. Pereżempju, jekk in-naħa ta' wara tal-vettura tiżloq lejn il-lemin, dawwar immedjatament lejn il-lemin biex tirkupra.



In-naħa ta' wara tal-vettura tiskiddja lejn il-lemin

In-naħa ta' wara tal-vettura tiskiddja lejn ix-xellug

### 10.5.7 Fi traffiku miexi bil-mod

- għandek tnaqqas id-distanza bejnek u bejn il-vettura ta' quddiemek biex it-traffiku jibqa' għaddej.
- m'għandek qatt issuq daqshekk qrib il-vettura ta' quddiemek li ma tkunx tista' twaqqaf bla periklu.
- għandek tħalli biżżejjed spazju biex tkun tista' timmanuvra jekk il-vettura ta' quddiemek tiżviluppa ħsara jew tieqaf, jew jekk vettura ta' emerġenza jkollha bżonn tgħaddi.
- teqlibx għal fuq mogħdijiet tax-xellug biex taqbeż vettura oħra.
- għandek tħalli l-aċċess minn toroq tal-ġenb u għal ġo fihom peress li jekk timblokkahom iżżid il-konġestjoni.
- għandek tħalli n-nies u ċ-ċiklisti jaqsmu quddiemek.
- għandek tkun konxju taċ-ċiklisti u l-motoċiklisti li jistgħu jkunu għaddejjin minn fuq kull naħa.



Timblokkax l-aċċess għal triq fil-ġenb.

**10.5.8 L-ambjent**

175. M'GĦANDEKX tħalli vettura pparkjata waħedha bil-magna taħdem jew tħalli l-magna ta' vettura mixgħula bla bżonn waqt li tkun wieqfa fi triq pubblika. B'mod ġenerali, jekk il-vettura tkun wieqfa u x'aktarx tibqa' wieqfa għal aktar minn ftit minuti, għandek ittella' l-handbrake u titfi l-magna biex tnaqqas l-emissjonijiet u t-tniġġis bil-ħsejjes (noise pollution). Madanakollu huwa permess li l-magna titħalla mixgħula jekk il-vettura tkun wieqfa fit-traffiku jew meta tkun qed tiċċekkja għal xi ħsarat.

## 10.6 Il-Linji u l-Marki tal-Karreġġata fit-Toroq

**10.6.1 Linja bajda waħda**

Linja bajda waħda maqtugħa: Din timmarka ċ-ċentru tat-triq. Taqsamhiex sakemm ma tkunx tista' tara li t-triq hija vojta u tixtieq taqbeż jew iddur.

Linja bajda waħda sħiħa: Din timmarka ċ-ċentru tat-triq. Taqsamhiex sakemm ma tridx tidħol f'bini maġenbha jew fi triq fil-ġenb. Dan japplika sakemm ma jkun hemm l-ebda projbizzjoni speċifika oħra u jekk ma jkunx hemm periklu biex taqsam.

Diviżorji tal-mogħdijiet: Dawn huma linji bojod qosra u maqtugħa li jintużaw f'karreġġati wesgħin biex jaqsmuhom f'mogħdijiet. Għandek iżżomm magħhom.

### 10.6.2 Linji bojod doppji

176. Linji bojod doppji fejn il-linja l-eqreb tiegħek tkun maqtugħa: Dawn ifissru li tista' taqsam il-linji biex taqbeż jekk ma jkunx hemm periklu, dment li tkun tista' tlesti l-manuvra qabel ma tilħaq linja bajda sħiħa fuq in-naħa tiegħek. Il-vleġeġ bojod tad-direzzjoni fit-triq jindikaw li għandek bżonn terġa' lura fuq in-naħa tiegħek tat-triq.

177. Linji bojod doppji fejn il-linja l-eqreb tiegħek tkun sħiħa: Dawn ifissru li M'GĦANDEKX tirfes il-linji sakemm ma tridx tidħol f'bini maġenbhom jew fi triq fil-ġenb. Dan japplika sakemm ma jkun hemm l-ebda projbizzjoni speċifika oħra u jekk ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan.

### 10.6.3 Chevron markings

178. Żoni bi strixxi dijagonali bojod jew chevrons huma miżbugħa fit-triq biex jisseparaw mogħdijiet tat-traffiku jew biex jipproteġu t-traffiku li jkun qed idur lejn il-lemin.

- Jekk iż-żona hija mdawra b'linja bajda maqtugħa, m'għandekx tidħol fiha sakemm ma jkunx meħtieġ u jekk tara li m'hemmx periklu li tagħmel dan.

- Jekk iż-żona hija mmarkata b'chevrons u mdawra b'linji bojod sħaħ M'GĦANDEKX tidħol fiha ħlief f'emerġenza.

- Jekk iż-żona hija mmarkata b'chevrons u mhix imdawra b'linji bojod tista' tidħol fiha b'veloċità aktar baxxa peress li huma maħsubin bħala miżura biex titnaqqas tal-veloċità.

### 10.6.4 Studs fit-triq



**179.** Studs fit-triq li jirriflettu jistgħu jintużaw flimkien ma' linji bojod fit-triq, ma' crash barriers, kif ukoll ma' median concrete barriers.

- Studs bojod jimmarkaw il-mogħdijiet jew nofs it-triq.
- Studs ħomor jimmarkaw it-tarf tax-xellug tat-triq.
- Studs ambra jimmarkaw iż-żona ċentrali ta' triq b'karreġġata doppja.
- Studs ħodor jimmarkaw it-tarf tal-karreġġata prinċipali f'lay-bys u slip roads.
- Studs ħodor/sofor jimmarkaw bdil temporanju fit-tqassim tal-mogħdijiet, (eż. fejn ikunu qed isiru xogħlijiet fit-toroq).

## 10.7 Karreġġati b'Aktar Minn Mogħdija Waħda

### 10.7.1 Dixxiplina fil-mogħdijiet

**180.** Jekk ikollok bżonn teqleb il-mogħdija, l-ewwel ħares fil-mirja tiegħek u jekk ikun meħtieġ agħti daqqa t'għajn malajr lejn il-ġenb biex tkun ċert li ma ġġegħelx lil ħaddieħor jibdel ir-rotta jew il-veloċità. Meta ma jkunx hemm periklu, ixgħel l-indicator biex turi lil ħaddieħor fit-triq x'beħsiebek tagħmel. Eqleb il-mogħdija meta ma jkunx hemm periklu.

**181.** Għandek issegwi s-sinjali u l-marki tat-triq u tidħol fil-mogħdija kif indikat. F'toroq iffullati bit-traffiku teqlibx il-mogħdijiet bla bżonn. Mill-banda l-oħra, il-merging, jiġifieri li l-karozzi jalternaw bejniethom, huwa rrakkomandat iżda dan għandu jsir biss jekk ma jkunx hemm periklu. Barra minn hekk, il-merging huwa xieraq meta l-vetturi jkunu mexjin b'veloċità baxxa ħafna, ngħidu aħna meta jkunu qed joqorbu lejn xogħlijiet fit-toroq jew lejn inċident tat-traffiku. Mhuwiex irrakkomandat jekk il-veloċità tkun għolja.

### 10.7.2 F'toroq b'karreġġata waħda jew doppja

Meta triq b'karreġġata waħda jkollha tliet mogħdijiet jew aktar, uża biss il-mogħdijiet indikati mis-sinjali jew mill-marki.

Triq b'karreġġata doppja hija triq li għandha żona ċentrali biex tissepara l-karreġġati.

**182.** Għandek tibqa' fil-karreġġata tax-xellug f'toroq b'karreġġata doppja b'żewġ mogħdijiet. Uża l-mogħdija tal-lemin biex taqbeż jew iddur lejn il-lemin. Wara li taqbeż, erġa' lura fil-mogħdija tax-xellug meta ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan.

183. F'toroq b'karreġġata doppja bi tliet mogħdijiet jew aktar, tista' tuża l-mogħdijiet tan-nofs jew il-mogħdija tal-lemin biex taqbeż, iżda għandek terġa' lura fil-mogħdijiet tan-nofs u mbagħad fil-mogħdija tax-xellug meta ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan.

### 10.7.3 Climbing lanes u crawler lanes

Dawn issibhom f'xi telgħat. Uża mogħdija bħal din jekk qed issuq vettura li timxi bil-mod jew jekk hemm vetturi warajk li jixtiequ jaqbżuk. Kun af is-sinjali u l-marki tat-triq li jindikaw li l-karreġġata tkun waslet biex tintemm.

### 10.7.4 Il-mogħdijiet u l-binarji għaċ-ċiklisti

Il-mogħdijiet għaċ-ċiklisti jintwerew permezz ta' marki u sinjali fit-triq. MA TISTAX issuq jew tipparkja f'mogħdija għaċ-ċiklisti mmarkata b'linja bajda sħiħa matul il-ħinijiet li tintuża. Ma tistax issuq jew tipparkja f'mogħdijiet għaċ-ċiklisti mmarkati b'linja bajda maqtugħa sakemm dan ma jkunx inevitabbli. M'GĦANDEKX tipparkja f'mogħdija għar-roti waqt li japplikaw restrizzjonijiet ta' stennija.

Għandek iċċedi lil kwalunkwe ċiklist f'mogħdija għar-roti, anke meta jkun ġej minn warajk. Tidħolx fit-triq taċ-ċiklist meta tkun qed iddawwar jew meta tkun qed teqleb il-mogħdija. Kun lest li twaqqaf u tistenna għal spazju sikur fil-fluss taċ-ċiklisti qabel ma taqsam minn naħa għal oħra ta' mogħdija għar-roti.

Meta tkun dieħel jew ħiereġ minn salib it-toroq għandek iċċedi liċ-ċiklisti li jkunu qed joqorbu jew li jkunu qed jużaw il-mogħdija għar-roti. Kun lest li twaqqaf u tistenna spazju sikur fil-fluss taċ-ċiklisti qabel ma taqsam il-mogħdija għar-roti. Ftakar li ċ-ċiklisti jistgħu jkunu qed jivvjaġġaw minn mogħdijiet għar-roti fiż-żewġ direzzjonijiet u li ċ-ċiklisti mhumiex obbligati jużaw mogħdijiet jew binarji għar-roti.

### 10.7.5 Mogħdijiet maħsubin għall-vetturi

Dawn tidentifikahom permezz ta' marki tat-triq u sinjali li jindikaw liema vetturi oħra (jekk ikun hemm) huma permessi li jużawhom. Issuqx f'mogħdija ta' prijorità matul il-perjodu li tintuża sakemm ma jkunx hemm sinjali li jindikaw mod ieħor.

184. Mogħdijiet għal vetturi li jġorru ħafna passiġġiera u mogħdijiet għal vetturi apposta oħrajn jistgħu jkunu riservati biex jintużaw biss minn tipi partikolari ta' vetturi. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu japplikaw għal xi żmien jew il-ħin kollu. Il-ħinijiet li fihom jintużaw dawn il-mogħdijiet u t-tipi ta' vetturi li jistgħu jużawhom ikunu indikati fuq is-sinjali tat-traffiku maġenbhom. ISSUQX f'dawn mogħdijiet matul il-ħinijiet li fihom jintużaw sakemm is-sinjali ma jindikawx li l-vettura tiegħek hija permessa.

Il-vetturi permessi li jużaw mogħdijiet apposta jistgħu jkunu jew ma jkunux ċikletti, karozzi tal-linja, taxis, vetturi tal-kiri privati liċenzjati, muturi, vetturi tqal tal-merkanzija (heavy goods vehicles – HGVs), u vetturi li jġorru ħafna passiġġiera (high-occupancy vehicles – HOVs). Fil-ħinijiet li jintużaw HOV lanes, dawn GĦANDHOM JINTUŻAW BISS minn:

- vetturi li qed iġorru tal-anqas in-numru minimu ta' persuni indikat fuq is-sinjali tat-traffiku; jew

- minn kwalunkwe vettura oħra, bħal karozzi tal-linja u muturi skont kif indikat fuq is-sinjali qabel ma tibda l-mogħdija, ikun xi jkun in-numru ta' passiġġiera.

## 10.8 Toroq One-Way

It-traffiku GĦANDU jimxi fid-direzzjoni indikata mis-sinjali. Jista' jkun hemm mogħdija contraflow għall-karozzi tal-linja u/jew iċ-ċikletti. Agħżel il-mogħdija t-tajba biex toħroġ mill-aktar fis possibbli. Teqlibx il-mogħdijiet f'daqqa waħda. Sakemm is-sinjali jew il-marki tat-triq ma jindikawx mod ieħor, għandek tuża:

- il-mogħdija tax-xellug meta ddur lejn ix-xellug;

- il-mogħdija tal-lemin meta ddur lejn il-lemin; u

- l-aktar mogħdija xierqa meta tibqa' sejjer dritt 'il quddiem. Ftakar li t-traffiku jista' jkun għaddej miż-żewġ naħat.

## 10.9 Sewqan f'Żoni Mibnija

### 10.9.1 Toroq residenzjali

Għandek issuq bil-mod u b'attenzjoni speċjalment f'toroq fejn ma jkunx hemm bankini fit-toroq u fejn x'aktarx ikun hemm persuni mexjin, ċiklisti, u karozzi pparkjati. F'xi żoni jista' japplika l-ogħla limitu tal-veloċità ta' 30 km/h. Oqgħod attent għal:

- vetturi ħerġin minn salib it-toroq jew toroq privati;
- vetturi li jibdew jiċċaqalqu;
- bibien tal-karozzi jinfetħu;
- persuni mexjin;
- tfal ħerġin minn bejn karozzi pparkjati; u
- ċiklisti u motoċiklisti.

### 10.9.2 Miżuri għat-tnaqqis tat-traffiku

F'xi toroq jista' jkun hemm karatteristiċi maħsubin biex inaqqsulek il-veloċità, bħal tumbati, chicanes, chevron markings, materjal kontra ż-żliq, rumble strips, dragon's teeth, u partijiet mit-triq li jidjiequ. Naqqas il-veloċità tiegħek meta tersaq qribhom. Ħalli spazju biex iċ-ċiklisti u l-motoċiklisti jgħaddu minnhom. Żomm veloċità mnaqqsa tul il-medda kollha ta' toroq fejn ikun hemm miżuri għat-tnaqqis tat-traffiku. Ċedi lil ħaddieħor li jkun ġej mid-direzzjoni opposta jekk ikun hemm sinjali li jindikaw li għandek tagħmel dan. M'għandekx taqbeż lil ħaddieħor li jkun għaddej minn dawn iż-żoni.

### 10.9.3 Toroq fil-kampanja

**185.** Oqgħod ħafna attent f'toroq fil-kampanja u naqqas il-veloċità tiegħek meta toqrob liwjiet li jistgħu jkunu aktar qawwija milli jidhru, f'salib it-toroq u tidwiriet li jistgħu jkunu parzjalment moħbija. Kun lest li jitfaċċaw persuni mexjin, rikkieba taż-żwiemel, ċiklisti, vetturi agrikoli li jimxu bil-mod, jew laqx fuq il-wiċċ tat-triq. Suq b'veloċità li tippermettilek twaqqaf sew fid-distanza li tista' tara quddiemek. Għandek tnaqqas ukoll il-veloċità tiegħek meta t-toroq tal-kampanja jaslu sal-irħula.

#### 10.9.4 Toroq b'binarju wieħed

Dawn huma wisgħin biżżejjed għal vettura waħda biss. Dawn it-toroq jista' jkollhom postijiet speċjali biex vetturi ġejjin minn direzzjonijiet opposti jistgħu jgħaddu minn ħdejn xulxin (passing place). Jekk tara vettura ġejja lejk, jew is-sewwieq warajk irid jaqbżek, idħol f'passing place fuq ix-xellug tiegħek, jew ieqaf faċċata ta' passing place fuq il-lemin tiegħek. Ċedi lill-vetturi tilgħin telgħa meta tista'. Jekk meħtieġ, irriversja sakemm tilħaq passing place biex tħalli l-vettura l-oħra tgħaddi. Naqqas il-veloċità meta tgħaddi ħdejn persuni mexjin, ċiklisti, u rikkieba taż-żwiemel.

**186.** Tipparkjax f'passing places.

## 10.10 Vetturi Pprojbiti Milli Jużaw it-Toroq u l-Bankina

**187.** Xi vetturi bil-mutur mhumiex mibnijin skont il-ħtiġiet tekniċi ta' vetturi tat-triq u ġeneralment mhumiex maħsuba, mhumiex adattati, u ma jistgħux jintużaw fit-triq, fuq il-bankina, jew f'mogħdijiet għar-roti skont il-liġi.

**188.** Xi mudelli ta' muturi, triċikletti bil-mutur, u quadbikes huma adattati biss għall-użu of-road u mhumiex konformi mal-istandards skont il-liġi għall-użu fit-triq. Vetturi li mhumiex konformi ma' dawn l-istandards M'GĦANDHOMX jintużaw fit-triq, fuq il-bankina jew f'mogħdijiet għar-roti. Qabel ma tuża kwalunkwe mutur, triċikletta bil-mutur, quadbike, jew kwalunkwe vettura oħra bil-mutur fit-triq, GĦANDEK tkun ċert li jkunu konformi mal-istandards skont il-liġi u jkunu rreġistrati, intaxxati, u assigurati kif suppost. Madanakollu, dawn il-vetturi M'GĦANDHOMX jintużaw fuq il-bankina minkejja li jkunu reġistrati, intaxxati, u assigurati għall-użu fit-triq.

## 10.11 Sewqan fit-Triq

#### 10.11.1 Ladarba tiċċaqlaq

Għandek:

- iżżomm max-xellug, sakemm is-sinjali jew il-marki tat-triq ma jindikawx mod ieħor. Din ma tapplikax meta tkun trid taqbeż, iddawwar lejn il-lemin, jew tgħaddi minn ħdejn vetturi pparkjati jew persuni mexjin fit-triq;

- iżżomm sew man-naħa tax-xellug f'liwjiet lejn il-lemin. B'hekk tara t-triq aħjar u ma jkunx hemm riskju li taħbat ma' traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta;

- issuq jew tirkeb b'idejk it-tnejn fuq l-istering jew il-handlebars fejn ikun possibbli. Dan jgħinek iżżomm kontroll sħiħ tal-vettura f'kull ħin. Tista' tuża sistemi ta' assistenza (driver assistance systems) waqt li tkun qed issuq. Kun ċert li tuża kwalunkwe sistema skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

- tkun konxju ta' ħaddieħor fit-triq, speċjalment roti u muturi li jistgħu jkunu għaddejjin minn bejn it-traffiku. Dawn huma aktar diffiċli biex tarahom minn vetturi akbar, u r-rikkieba tagħhom huma vulnerabbli ħafna. Żomm 'il bogħod minnhom speċjalment jekk qed issuq vettura twila jew qed tirmonka karru jew trailer. Għandek iċċedi liċ-ċiklisti meta tkun qed teqleb id-direzzjoni jew il-mogħdija, u tidħolx fi triqithom;

- tagħżel gear aktar baxx qabel ma tasal f'niżla twila. Dan jgħinek tikkontrolla l-veloċità tiegħek; u

- tiftakar li meta tirmonka t-tul żejjed se jaffettwak meta taqla' jew iddawwar. Il-piż żejjed jaffettwa wkoll l-ibbrejkjar u l-aċċellerazzjoni.

**10.11.2 L-użu tal-mirja**

Għandek tħares fil-mirja kollha b'mod effettiv matul il-vjaġġ tiegħek. Għandek:

- tħares fil-mirja tiegħek ta' spiss sabiex dejjem tkun taf x'hemm warajk u fuq kull naħa tiegħek;

- tużahom kmieni qabel ma turi sinjal, teqleb id-direzzjoni, jew tibdel il-veloċità; u

- iżżomm f'moħħok li l-mirja ma jkoprux kullimkien u se jkun hemm postijiet li ma jidhrux mill-mirja (blind spots).

Hemm bżonn tħares u tiċċekkja madwarek.
**Ftakar: Ħares fil-mirja – Uri sinjal – Immanuvra**

**10.11.3 Meta taqla' lil ħaddieħor**

189. Qabel ma taqbeż lil ħaddieħor għandek tkun ċert li:

- it-triq quddiemek hija vojta;

- m'hemm ħadd fit-triq li qed jipprova jaqbżek; u

- ma jkunx hemm traffiku quddiem il-vettura li beħsiebek taqbeż.

**Aqbeż biss meta ma jkunx hemm periklu u tkun tista' tagħmel dan skont il-liġi.**

- Tersaqx qrib wisq tal-vettura li beħsiebek taqbeż.
- Ħares fil-mirja tiegħek, uri sinjal meta ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan, agħti daqqa t'għajn malajr lejn il-ġenb jekk ikun meħtieġ fil-blind spots u mbagħad ersaq 'il barra.
- Tassumix li inti tista' ssegwi vettura quddiemek li qed taqbeż; jista' jkun hemm biżżejjed spazju għal vettura waħda biss.
- Suq 'il quddiem mill-vettura li tkun qed taqbeż ladarba tkun bdejt taqbeż waqt li żżomm id-distanza. Erġa' lura fil-mogħdija tax-xellug malajr kemm jista' jkun mingħajr ma tidħol qrib wisq quddiem il-vettura li tkun għadek kemm qbiżt.
- Oqgħod attent b'mod speċjali billejl u f'viżibbiltà baxxa meta jkun aktar diffiċli li tagħraf il-veloċità u d-distanza.
- Ċedi lil vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni opposta qabel ma taqbeż vetturi pparkjati jew ostakli oħra fuq in-naħa tiegħek tat-triq.
- Aqbeż fuq in-naħa tax-xellug biss jekk il-vettura ta' quddiem tkun qed turi sinjal li se ddur lejn il-lemin u hemm spazju biex tagħmel dan.
- Ibqa' fil-mogħdija tiegħek jekk it-traffiku miexi bil-mod fil-kjuwijiet. Jekk il-kju fuq il-lemin tiegħek miexi aktar bil-mod minnek, tista' taqbeż min-naħa tax-xellug. Iċ-ċiklisti jistgħu jaqbżu traffiku miexi bil-mod jew wieqaf fuq in-naħa tal-lemin jew tax-xellug tagħhom u għandhom jgħaddu b'attenzjoni peress li sewwieq jista' ma jkunx rahom. Iċ-ċiklisti għandhom joqogħdu attenti meta jaqbżu t-traffiku, b'mod partikolari meta joqorbu salib it-toroq, u speċjalment meta jaħsbu biex jaqbżu trakkijiet jew vetturi kbar oħra.
- Żomm 'il bogħod minn motoċiklisti, ċiklisti, rikkieba taż-żwiemel, u vetturi miġbuda miż-żwiemel kif indikat hawn taħt:
    - Żomm distanza ta' mill-anqas 1.5 m meta taqbeż ċiklisti waqt li tkun qed issuq b'veloċità li ma taqbiżx il-50 km/h, u ħallilhom aktar spazju meta ssuq b'veloċità ogħla.
    - Aqbeż rikkieba taż-żwiemel u vetturi miġbuda miż-żwiemel b'veloċità ta' inqas minn 10 km/h u żomm distanza ta' mill-anqas 2 m.

- Żomm distanza ta' mill-anqas 2 m u żomm il-veloċità baxxa meta tgħaddi qrib persuna miexja fit-triq (pereżempju, fejn ma jkun hemmx bankina).

- Oqgħod attent ħafna u ħalli aktar spazju meta taqbeż motoċiklisti, ċiklisti, rikkieba taż-żwiemel, vetturi miġbuda miż-żwiemel, u persuni mexjin f'kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, riħ qawwi, u billejl.

- Stenna wara motoċiklisti, ċiklisti, rikkieba taż-żwiemel, vetturi miġbuda miż-żwiemel jew persuni mexjin, u taqbiżhomx jekk ikun hemm periklu jew ma jkunx possibbli li żżomm dawn id-distanzi 'l bogħod minnhom.

**Ftakar: Ħares fil-mirja – Uri sinjal – Immanuvra**



Żomm 'il bogħod minn min hu vulnerabbli fit-triq.

**190. MA TISTAX taqbeż:**

- jekk biex tagħmel dan ikollok taqsam jew tirfes linji bojod doppji fejn il-linja l-eqreb tiegħek tkun sħiħa;

- jekk biex tagħmel dan ikollok tidħol f'żona maħsuba biex tissepara t-traffiku, jekk tkun imdawra b'linja bajda sħiħa;

- l-eqreb vettura minn pedestrian crossing, speċjalment meta din tkun waqfet biex tħalli n-nies jaqsmu;

- jekk biex tagħmel dan ikollok tidħol f'mogħdija riservata għal vetturi tat-trasport pubbliku jew ċikletti matul is-sigħat li tintuża; jew

- wara s-sinjal ta' "Ma Tistax Taqbeż" u sakemm tgħaddi sinjal ieħor li jneħħi din ir-restrizzjoni.

**191.** M'GĦANDEKX taqbeż jekk ikollok xi dubju, jew fejn ma tistax tara biżżejjed quddiemek biex tkun ċert li m'hemmx periklu, pereżempju, meta tkun qed toqrob:

- kantuniera jew liwja;

- triq li togħla u titbaxxa fuq pont f'għamla ta' arkata; jew

- quċċata ta' telgħa jew parti baxxa fit-triq li tkun moħbija.

**192.** M'GĦANDEKX taqbeż fejn tista' tkun f'kunflitt ma' ħaddieħor fit-triq. Pereżempju:

- meta toqrob salib it-toroq jew meta tasal magħha fuq kull naħa tat-triq;

- meta tidjieq it-triq;

- meta toqrob passaġġi minn fejn it-tfal jaqsmu t-triq viċin skola;

- meta toqrob passaġġi minn naħa għal oħra tat-triq minn fejn jaqsmu n-nies;

- fejn ikun hemm vettura quddiemek li qed tnaqqas il-veloċità biex twaqqaf u tħalli persuna taqsam minn pedestrian island;

- taqbiżx vetturi tat-trasport tal-iskola li għandhom l-isticker ORANĠJO TAT-TRASPORT TAL-ISKOLA mwaħħla mal-ħġieġa ta' quddiem jew ta' wara;

- bejn il-bankina u vettura tat-trasport pubbliku meta tkun f'bus stop;

- fejn ikun hemm kju ta' traffiku f'salib it-toroq jew fejn ikun hemm xogħlijiet fit-toroq.

- jekk inti ġġiegħel lil ħaddieħor biex idawwar f'daqqa jew inaqqas il-veloċità;

- meta xi ħadd għandu l-indicator tal-lemin mixgħul, anke jekk taħseb li s-sinjal kellu jintefa. Tissugrax u stenna sakemm is-sinjal jintefa;

- ibqa' lura jekk qed issuq wara ċiklist riesaq lejn roundabout jew salib it-toroq u inti beħsiebek iddur lejn ix-xellug. Tidħolx fit-triq taċ-ċiklist li jkun għaddej 'il quddiem, anke jekk ikun qed juża mogħdija għar-roti jew binarju għar-roti; u

- ibqa' lura jekk qed issuq wara rikkieb taż-żwiemel jew vettura miġbuda miż-żwiemel riesqa lejn roundabout jew salib it-toroq, u beħsiebek iddur lejn ix-xellug. Tidħolx fit-triq tar-rikkieb taż-żwiemel jew vettura miġbuda miż-żwiemel għaddejja 'l quddiem.

**10.11.4 Vetturi kbar**

Huwa aktar diffiċli taqbeż dawn il-vetturi.

- Għandek toqgħod aktar lura minn vettura kbira biex tkun tista' tara aktar 'il quddiem minnha, u għandek tħalli lis-sewwieq tal-vettura l-kbira jarak fil-mirja tiegħu. Tkun tista' tara ferm inqas 'il quddiem jekk toqgħod qrib wisq wara vettura kbira (kif ukoll wara vettura agrikola bħal tractor b'karru, trailer, jew tagħmir fiss ieħor). B'hekk ma tkunx tista' tara hemmx xi vettura oħra miexja bil-mod quddiem il-vettura l-kbira.

- Kun żgur li għandek biżżejjed spazju biex taqbeż vettura kbira qabel ma tibda l-manuvra. Tieħu aktar żmien biex taqbeż vettura kbira. Jekk ikollok xi dubju m'għandekx taqbiżha.

- Tassumix li inti tista' ssegwi vettura quddiemek li qed taqbeż vettura twila. Jekk isibu problema biex jaqbżuha forsi jerġa' jibdielhom u jidħlu lura.



**10.11.5 Meta jaqbżuk**

Żomm rotta u veloċità stabbli jekk sewwieq ikun qed jipprova jaqbżek, u jekk ikun meħtieġ naqqas il-veloċità biex tħalli l-vettura tgħaddi. Qatt m'għandek tfixkel is-sewwieqa li jixtiequ jaqbżuk. Huwa perikoluż li żżid il-veloċità jew issuq b'mod imprevedibbli waqt li xi ħadd ikun qed jaqbżek. Aqa' lura biex iżżomm vojt ta' żewġ sekondi jekk xi ħadd jaqbżek u jidħol qrib wisq quddiemek.

**193.** M'għandekx iżżomm kju twil ta' traffiku, speċjalment jekk qed issuq vettura kbira jew li timxi bil-mod. Ħares fil-mirja tiegħek ta' spiss, iġbed fejn ma jkunx hemm periklu (jekk ikun meħtieġ) u ħalli t-traffiku jgħaddi.

## 10.12 Salib it-Toroq

**194.** Oqgħod aktar attent f'salib it-toroq.

- Oqgħod attent għaċ-ċiklisti, il-motoċiklisti, u l-persuni mexjin, inkluż dawk li jużaw is-siġġijiet tar-roti motorizzati/scooters tal-mobbiltà peress li mhux dejjem ikun faċli biex tarahom. Żomm f'moħħok li dawn forsi ma jkunux rawk jew ma jkunux semgħuk jekk inti tkun ġej minn warajhom.

- Ċedi lil min ikun qed jaqsam jew qed jistenna biex jaqsam triq li tkun se tidħol fiha jew se toħroġ minnha. Jekk persuna bdiet taqsam għandha prijorità, għalhekk għandek iċċedilha.

- ibqa' wara ċiklisti, rikkieba taż-żwiemel, vetturi miġbuda miż-żwiemel u motoċiklisti f'salib it-toroq, anke jekk ikunu qed jistennew biex iduru u jkunu qrib il-bankina.

- Oqgħod attent għal vetturi twal li jistgħu jkunu qed iduru f'salib it-toroq 'il quddiem; jista' jkollhom jużaw il-wisa' kollha tat-triq biex iduru.

- Oqgħod attent għal rikkieba taż-żwiemel li jistgħu jieħdu rotta diferenti fit-triq minn dik li tistenna.

- Meta qed tistenna f'salib it-toroq tassumix li vettura li tkun ġejja mil-lemin bl-indicator tax-xellug mixgħul se ddur. Stenna biex tkun ċert fejn se tmur il-vettura.

- Ħares madwarek qabel ma toħroġ. M'għandekx taqsam jew iddur għal ġo triq jekk ma jkunx hemm vojt biżżejjed għalik biex tagħmel dan mingħajr periklu.



Ċedi lil min ikun beda jaqsam.

**195.** GĦANDEK twaqqaf wara l-linja f'salib it-toroq fejn ikun hemm tabella biex TIEQAF (Stop sign) u linja bajda sħiħa mmarkata li taqsam it-triq. Stenna li jkun hemm spazju sikur fit-traffiku qabel ma tibda ssuq.

**196.** Jista' jkun hemm sinjal biex IĊĊEDI (Give Way sign) meta toqrob salib it-toroq jew triangolu mmarkat fit-triq. GĦANDEK iċċedi lit-traffiku fit-triq ewlenija meta toħroġ minn salib it-toroq fejn ikun hemm linji bojod maqtugħa mmarkati fit-triq.

**10.12.1 Salib it-toroq f'toroq b'karreġġata doppja**

Meta taqsam jew iddur lejn il-lemin, l-ewwel ivvaluta jekk iż-żona ċentrali hijiex wiesgħa biżżejjed biex tipproteġi t-tul kollu tal-vettura tiegħek.

- Jekk iva, allura għandek tittratta kull nofs tal-karreġġata bħala triq separata. Stenna fiż-żona ċentrali sakemm ikun hemm spazju sikur fit-traffiku fit-tieni nofs tat-triq.

- Jekk iż-żona ċentrali hija dejqa wisq għat-tul tal-vettura tiegħek, stenna sakemm tkun tista' taqsam iż-żewġ karreġġati f'daqqa.



**197.** Box junctions ikunu magħmulin minn serje ta' linji sofor li jaqsmu 'l xulxin miżbugħa fit-triq. TIDĦOLX fil-kaxxa jekk ma tkunx tista' toħroġ minnha. Madanakollu, tista' tidħol fil-kaxxa u tistenna meta tkun trid iddur fuq il-lemin u ma tkunx tista' tagħmel hekk minħabba t-traffiku li jkun għaddej minn faċċata jew vetturi oħra weqfin li qed jistennew biex iduru lejn il-lemin. Ma' signalled roundabouts M'GĦANDEKX tidħol fil-kaxxa sakemm ma tkunx tista' taqsamha kompletament mingħajr ma tieqaf.



**10.12.2 Salib it-toroq ikkontrollati mit-traffic lights**

**198.** GĦANDEK twaqqaf wara l-linja l-bajda li turik fejn trid tieqaf (stop line) li taqsam in-naħa tiegħek tat-triq, sakemm id-dawl ma jkunx aħdar. Jekk it-traffic lights juru d-dawl ambra tista' tibqa' sejjer biss jekk diġà qsamt il-linja l-bajda jew jekk tant tkun qrib tagħha li jekk tieqaf tista' tikkawża inċident.

**199.** M'GĦANDEKX issuq 'il quddiem mil-linja l-bajda meta t-traffic lights juru d-dawl aħmar. Tista' ssuq 'il quddiem biss meta t-traffic lights juru d-dawl aħdar u jekk ikun hemm post għalik biex taqsam salib it-toroq kompletament mingħajr ma tieqaf bla periklu jew meta tieħu pożizzjoni biex iddur fuq il-lemin. Jekk it-traffic lights mhumiex qed jaħdmu, ittrattaha daqslikieku hija salib it-toroq mhux immarkata u pproċedi b'attenzjoni kbira.

## 200. Sinjali tad-dawl li jikkontrollaw it-traffiku





**Tostakolax post maħsub biex jaqsmu n-nies minn fuqu.**

## 201. Sinjal tat-Traffic



Dawl **AĦMAR** ifisser 'IEQAF'. Stenna wara l-linja l-bajda li turik fejn trid tieqaf fuq il-karreġġata.



Dawl **AĦMAR** u **AMBRA** wkoll ifissru 'IEQAF. Tibqax għaddej jew tibdiex issuq qabel ma jeqleb **AĦDAR**.



Dawl **AĦDAR** ifisser li tista' tibqa' għaddej jekk it-triq tkun vojta. Oqgħod attent speċjalment jekk beħsiebek iddur lejn ix-xellug jew lejn il-lemin u ċedi lil min ikun qed jaqsam.



Dawl **AMBRA** jfisser 'IEQAF' wara l-linja li turik fejn trid tieqaf. Tista' tibqa' sejjer biss jekk id-dawl **AMBRA** jixgħel wara li inti tkun diġà qsamt il-linja l-bajda jew jekk tant tkun qrib tagħha li jekk tieqaf tista' tikkawża inċident.



Dawl **AMBRA** waħdu JTEPTEP ifisser 'għaddi b'attenzjoni'.



Jista' jkun hemm **VLEĠĠA ĦADRA** flimkien mas-sinjal aħdar sħiħ jekk huwa permess li ddur f'ċerta direzzjoni qabel jew wara ma jixgħel l-aħdar kollu. Jekk ma jkunx għaddej traffiku tista' tibqa' għaddej biss lejn id-direzzoni li turi l-vleġġa. Tista' tagħmel dan, juru x'juru d-dwal l-oħra.

Is-sinjali tat-traffiku maħsubin għaċ-ċiklisti (li juru l-emblema tar-rota) jaħdmu bl-istess mod bħas-sinjali tat-traffic lights standard u ċ-ċiklisti jridu jobdu s-sekwenza tad-dwal.

### 202. Dwal ħomor li jixegħlu u jitfu

Dawl aħmar li jteptep b’mod alternat ifisser li GĦANDEK TIEQAF.






IEQAF meta tara t-traffic lights.

### 203. Vleġġa ħadra (green filter arrow)

Din tindika mogħdija tal-filtru biss. Tidħolx f’dik il-mogħdija sakemm ma tkunx trid tmur fid-direzzjoni tal-vleġġa. Tista’ ddur fid-direzzjoni tal-vleġġa l-ħadra meta tkun mixgħula jew meta jixgħel id-dawl aħdar sħiħ. Ħalli biżżejjed ħin u spazju lil traffiku ieħor biex jidħol fil-mogħdija t-tajba, speċjalment lil ċiklisti.

## 204. Advanced stop lines

Xi salib it-toroq ikkontrollati minn traffic lights ikollhom ukoll advanced stop lines biex jippermettu liċ-ċiklisti joqogħdu quddiem traffiku ieħor meta jistennew. Is-sewwieqa, anke s-sewwieqa tal-muturi, GĦANDHOM jieqfu mal-ewwel linja bajda li jilħqu jekk id-dwal ikunu ambra jew ħomor u jevitaw li jimblokkaw it-triq jew jidħlu fiż-żona mmarkata f'ħinijiet oħra, pereżempju jekk is-salib it-toroq tkun imblokkata.

Jekk il-vettura tiegħek tkun qabżet l-ewwel linja bajda meta s-sinjal jeqleb għal aħmar għandek twaqqaf malajr kemm jista' jkun u MA TISTAX taqbeż it-tieni linja bajda. Ħalli biżżejjed ħin u spazju liċ-ċiklisti, anke dawk għaddejjin minn ħdejk jew weqfin jistennew maġenbek, biex jiċċaqilqu hekk kif is-sinjal jeqleb għal aħdar.

Is-sewwieqa ta' vetturi kbar għandhom jieqfu biżżejjed lura wara l-ewwel linja bajda sabiex ikunu jistgħu jaraw iż-żona kollha fejn iċ-ċiklisti jistgħu jkunu qed jistennew, u b'hekk jevitaw li parti miż-żona tkun fil-blind spot quddiem il-vetturi tagħhom.



Tidħolx bla bżonn fiż-żona fejn jistennew iċ-ċiklisti.

### 10.12.3 Bdil tad-direzzjoni

**205.** Is-sinjali jiġbdu l-attenzjoni ta' ħaddieħor fit-triq, inklużi persuni mexjin fit-triq, u juru dak li tkun beħsiebek tagħmel.



Timblokkax l-aċċess għal triq fil-ġenb.

**Għandek:**

- turi sinjali ċari minn ħafna qabel, wara li tkun ċert li ma tħawwadx lil ħaddieħor jekk turi sinjali f'dak il-waqt;
- tixgħel l-indicators biex tavża lil ħaddieħor fit-triq qabel tibdel ir-rotta jew id-direzzjoni, twaqqaf jew tibda ssuq;
- dejjem titfi l-indicators wara li tużahom;
- tkun ċert li s-sinjali tiegħek ma jħawdux lil ħaddieħor. Pereżempju, jekk inti tixtieq li twaqqaf wara li taqbeż triq fil-ġenb tixgħelx l-indicator qabel ma taqbiżha. Jekk tixgħel l-indicator qabel, tista' tagħti l-impressjoni li inti beħsiebek iddur għal ġot-triq. Id-dwal tal-brejkijiet tiegħek juru lit-traffiku warajk li qiegħed tnaqqas il-veloċità;
- tuża sinjal b'idek jekk ikun meħtieġ biex tenfasizza jew issaħħaħ is-sinjal tiegħek. Ftakar li għalkemm tagħmel sinjal xorta m'għandekx id-dritta;

- toqgħod attent għas-sinjali li qed jagħmel ħaddieħor fit-triq u pproċedi biss meta tkun ċert li m'hemmx periklu; u

- iżżomm f'moħħok li sinjal tal-indicator ta' vettura oħra jista' ma jkunx intefa.

**206.** GĦANDEK tobdi, kemm it-twissijiet li jagħtu uffiċjali awtorizzati, kif ukoll it-tabelli li jindikaw li t-tfal jistgħu jaqsmu minn ħdejn l-iskola (school crossing patrols).

**207.** Qabel ma tibdel id-direzzjoni naqqas il-veloċità u oqgħod għassa għat-traffiku ta' warajk billi tħares fil-mera tiegħek.

**208.** F'toroq li għandhom aktar minn mogħdija waħda fuq kull naħa, qatt teqleb f'daqqa lejn il-lemin jekk tkun qed issuq tul il-mogħdija tax-xellug, u lanqas teqleb f'daqqa lejn ix-xellug jekk tkun qed issuq tul il-mogħdija tal-lemin.

**Dawrien lejn il-lemin**

**209.** Qabel ma ddawwar lejn il-lemin għandek:

- tħares fil-mirja tiegħek biex tkun taf il-pożizzjoni u l-moviment tat-traffiku warajk;

- tixgħel l-indicator tal-lemin;

- tieħu pożizzjoni fuq in-naħa tax-xellug ta' nofs it-triq jew fl-ispazju mmarkat għat-traffiku biex idur lejn il-lemin; u

- tħalli spazju għal vetturi oħra biex jgħaddu dritt mix-xellug tiegħek, jekk possibbli.

**210.** Stenna sakemm ibatti t-traffiku u jkun hemm spazju bejnek u kwalunkwe vettura ġejja. Oqgħod attent għaċ-ċiklisti, il-motoċiklisti, il-persuni mexjin u ħaddieħor li qed juża t-triq. Ħares fil-mirja u l-blind spots tiegħek mill-ġdid biex tkun ċert li ma tkunx qed tinqabeż. Imbagħad dawwar. Tiħux l-iqsar rotta, imma dur sew madwar il-kantuniera. Oqgħod ħafna attent meta ddur għal ġo triq prinċipali; importanti toqgħod għassa għat-traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet u stenna li jbatti t-traffiku qabel ma tidħol.



Il-pożizzjoni tal-karozza tiegħek m'għandhiex tfixkel lill-karozzi ta' warajk.

**211.** Meta trid iddur lejn il-lemin f'salib it-toroq fejn ikun hemm vettura ġejja mid-direzzjoni opposta li qed iddur lejn il-lemin ukoll, tista' tagħżel wieħed minn dawn iż-żewġ metodi:

- dur waqt li żżomm in-naħa tal-lemin tal-vettura tiegħek viċin in-naħa tal-lemin tal-vettura l-oħra: żomm il-vettura l-oħra fuq il-lemin tiegħek u dur warajha. Dan huwa ġeneralment l-aktar metodu sikur peress li tista' tara aħjar kwalunkwe traffiku li ġej meta tispiċċa d-dawra tiegħek.

- dur waqt li żżomm in-naħa tax-xellug tal-vettura tiegħek viċin in-naħa tax-xellug tal-vettura l-oħra: hawn iż-żewġ vetturi jduru quddiem xulxin. Dan jista' jgħatti traffiku ieħor li jkun ġej, u għalhekk għandek toqgħod attent ħafna. B'mod partikolari, iċ-ċiklisti u l-motoċiklisti jistgħu faċilment jinħbew u ma tarahomx. It-tqassim tat-triq, il-marki tat-triq, jew il-pożizzjoni tal-vettura l-oħra jistgħu jiddeterminaw liema minn dawn il-metodi għandu jintuża.



**Dawrien lejn ix-xellug**

212. Ħares fil-mirja tiegħek u ixgħel l-indicator tax-xellug ħafna qabel ma ddur lejn ix-xellug. Taqbiżx eżatt qabel ma ddur lejn ix-xellug u oqgħod attent għat-traffiku li ġej min-naħa tax-xellug tiegħek qabel iddur, speċjalment jekk issuq vettura kbira. Ċiklisti, motoċiklisti, u nies oħra fit-triq jistgħu jinħbew u ma tarahomx





213. Meta tkun qed iddur:

- żomm man-naħa tax-xellug kemm jista' jkun bla ma toħloq perikli u jekk huwa prattiku; u

- ċedi lil vetturi għaddejjin minn mogħdija ta' prijorità għall-karozzi tal-linja, mogħdija għar-roti, jew binarju għar-roti minn kull direzzjoni, anke meta jkunu għaddejjin ħdejn vetturi mexjin bil-mod jew weqfin fuq kull naħa.

**Id-Dritta tat-triq**

- It-traffiku fi triq ewlenija għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel jew li jkun se joħroġ mit-triq prinċipali, sakemm ma jkunx hemm sinjali li jindikaw mod ieħor.



Meta ddur waqt li żżomm in-naħa tal-lemin tal-vettura tiegħek viċin in-naħa tal-lemin tal-vettura l-oħra



Meta ddur waqt li żżomm in-naħa tax-xellug tal-vettura tiegħek viċin in-naħa tax-xellug tal-vettura l-oħra

- F'salib it-toroq jew f'għaqda ta' triq prinċipali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jċedi lit-traffiku li jkun għaddej fit-triq prinċipali, jew li jkun ħiereġ mit-triq prinċipali.

- F'salib it-toroq jew f'għaqda ta' toroq li għandhom l-istess importanza għat-traffiku, għandha tingħata preċedenza lill-vetturi fuq in-naħa tal-lemin meta l-vetturi jaslu f'salib it-toroq jew fil-post fejn jiltaqgħu t-toroq fl-istess waqt, jekk ma jkunx hemm tabelli li jindikaw mod ieħor. Iżda fejn it-toroq jiltaqgħu flimkien f'T-junctions, it-traffiku li jkun fit-triq id-dritta jkollu preċedenza fuq it-traffiku tat-triq l-oħra.

- Qatt m'għandek tagħmel xi manuvra li tista' ġġiegħel traffiku ieħor inaqqas il-veloċità jew jieqaf f'daqqa, lanqas jekk tuża s-sinjali.

**10.12.4 Roundabouts**

**214.** Meta tkun qed toqrob lejn roundabout agħti kas tal-informazzjoni kollha disponibbli għalik (anke s-sinjali tat-traffiku, it-traffic lights, u l-marki tal-karreġġata li jidderiġuk lejn il-mogħdija t-tajba) u ħu azzjonijiet xierqa. Għandek:

- tuża dejjem il-proċedura 'Ħares fil-mirja – Uri sinjal – Immanuvra';

- tiddeċiedi kmieni kemm jista' jkun minn fejn għandek toħroġ;

- turi sinjal xieraq f'ħinu b'mod li ma tħawwadx lil ħaddieħor li qed juża t-triq;

- tidħol fil-mogħdija t-tajba;

- tibdel il-veloċità u l-pożizzjoni tiegħek skont il-kundizzjonijiet tat-traffiku; u

- tkun taf il-veloċità u l-pożizzjoni ta' dawk kollha fit-triq madwarek.

**215.** Meta tasal għar-roundabout għandek:

- iċċedi lit-traffiku li jkun qed joqrob mil-lemin tiegħek, sakemm ma jkunx hemm tabelli, marki tat-triq jew traffic lights li jindikaw mod ieħor;
- tiċċekkja jekk il-marki tat-triq jippermettux li tidħol fir-roundabout mingħajr ma ċċedi. Jekk iva, ipproċedi iżda xorta ħares lejn il-lemin qabel ma tidħol fir-roundabout;
- toqgħod attent għall-persuni l-oħra kollha fit-triq li diġà qegħdin fir-roundabout; żomm f'moħħok li jistgħu ma jkunux qed juru sinjali korretti jew ma jkunu qed jagħmlu l-ebda sinjal; u
- tħares 'il quddiem qabel ma ssuq biex tkun ċert li t-traffiku ta' quddiemek ikun iċċaqlaq.



## **216.** Sinjali u pożizzjoni

Meta trid toħroġ mill-ewwel ħruġ tar-roundabout man-naħa tax-xellug:

ixgħel l-indicator tax-xellug u ersaq lejn ir-roundabout fil-mogħdija tax-xellug; u

żomm man-naħa tax-xellug tar-roundabout u kompli uri s-sinjal lejn ix-xellug biex toħroġ.

Dan japplika sakemm ma jkunx hemm sinjali jew marki tat-triq li jindikaw mod ieħor.

Meta trid toħroġ minn ħruġ tar-roundabout li jinsab fin-naħa tal-lemin jew meta trid iddur dawra sħiħa mar-roundabout:

- ixgħel l-indicator tal-lemin u ersaq lejn ir-roundabout fil-mogħdija tal-lemin;
- żomm man-naħa tal-lemin tar-roundabout sakemm ikollok bżonn tibdel il-mogħdija biex toħroġ mir-roundabout; u
- ixgħel l-indicator tax-xellug wara li tkun għaddejt mill-ħruġ qabel dak li trid toħroġ minnu.

Dan japplika sakemm ma jkunx hemm sinjali jew marki tat-triq li jindikaw mod ieħor.

Meta trid toħroġ minn kwalunkwe ħruġ intermedju:

- agħżel il-mogħdija xierqa meta tersaq lejn ir-roundabout;
- normalment m'għandekx bżonn turi sinjal hekk kif tersaq lejn ir-roundabout;
- ibqa' f'din il-mogħdija sakemm ikollok bżonn tibdel il-mogħdija biex toħroġ mir-roundabout; u
- ixgħel l-indicator tax-xellug wara li tkun għaddejt mill-ħruġ qabel dak li trid toħroġ minnu.

Dan japplika sakemm ma jkunx hemm sinjali jew marki tat-triq li jindikaw mod ieħor.

Meta jkun hemm aktar minn tliet mogħdijiet fid-daħla ta' roundabout agħżel il-mogħdija xierqa meta tersaq lejn ir-roundabout u meta tidħol ġo fiha.

Għandek iċċedi liċ-ċiklisti fir-roundabout. Dawn ikunu qed jivvjaġġaw aktar bil-mod minn vetturi bil-mutur. Żomm 'il bogħod minnhom u tippruvax taqbiżhom fil-mogħdija tagħhom. Ħallihom jgħaddu minn triqtek madwar ir-roundabout.

Iċ-ċiklisti, ir-rikkieba taż-żwiemel, u l-vetturi miġbuda miż-żwiemel jistgħu jibqgħu fil-mogħdija tan-naħa tax-xellug meta jkollhom l-intenzjoni li jaqsmu jew iduru mar-roundabout u għandhom juru sinjal lejn il-lemin biex juru li mhumiex ħerġin mir-roundabout. Is-sewwieqa għandhom joqogħdu aktar attenti meta jidħlu f'roundabout biex ikunu ċerti li ma jidħlux fit-triq taċ-ċiklisti, tar-rikkieba taż-żwiemel, jew tal-vetturi miġbuda miż-żwiemel li qed iduru mar-roundabout, fil-mogħdija tax-xellug.

**217.** Dejjem oqgħod attent u żomm 'il bogħod minn:

- persuni mexjin li jistgħu jkunu qed jaqsmu toroq li jwasslu għal roundabouts u toroq ta' ħruġ mir-roundabouts;
- traffiku li qed jaqsam quddiemek fir-roundabout, speċjalment vetturi li beħsiebhom joħorġu mill-ħruġ li jmiss;
- vetturi li qed jieħdu aktar minn mogħdija waħda jew pożizzjonati ħażin;

- motoċiklisti; u

- vetturi twal (kif ukoll dawk li qed jirmunkaw karrijiet jew trailers). Dawn jista' jkollhom jieħdu mogħdija differenti jew jieħdu wisa' ta' aktar minn mogħdija waħda kemm meta joqorbu mar-roundabout, kif ukoll meta jduru magħha minħabba t-tul tagħhom. Oqgħod attent għas-sinjali tagħhom.

### 218. Roundabouts żgħar

Dawn għandek tavviċinahom bl-istess mod bħar-roundabouts normali. Il-vetturi KOLLHA għandhom jgħaddu madwar il-marki ċentrali ħlief vetturi kbar li jista' jkun fiżikament impossibbli għalihom li jagħmlu dan. Ftakar li hawn ikollok inqas spazju għall-manuvrar u inqas ħin biex turi sinjal. Evita li tagħmel U-turns f'roundabouts żgħar. Oqgħod attent għal ħaddieħor li jagħmilhom.

F'roundabouts żgħar doppji, ittratta kull roundabout għal rasha u ċedi lit-traffiku ġej mil-lemin.

### 219. Roundabouts spirali

Roundabouts spirali jkollhom mogħdijiet li ħerġin 'il barra miċ-ċentru. Kull mogħdija fid-dħul tar-roundabout għandha ħruġ apposta. Il-marki tat-triq imexxu lis-sewwieq biex iżomm mal-mogħdija t-tajba u jipproċedi lejn il-ħruġ. Huwa importanti li s-sewwieq ikun fil-mogħdija t-tajba qabel jidħol fir-roundabout. Jekk is-sewwieq ikollu l-ħsieb li jdur lejn ix-xellug (l-ewwel ħruġ) għandu jżomm mal-mogħdija tax-xellug. Jekk is-sewwieq irid jibqa' sejjer dritt (it-tieni ħruġ) jew idur fuq il-lemin (it-tielet ħruġ jew il-ħruġ li jmiss) għandu jeqleb għall-mogħdijiet lejn il-lemin.

Proċedura ta' sikurezza:

- Ħares fil-mirja ta' wara u tal-ġenb tiegħek għat-traffiku viċin tiegħek.

- Ixgħel l-indicators biex turi f'liema direzzjoni beħsiebek tmur ħafna qabel ma toħroġ mir-roundabout.

- Oqgħod fil-mogħdija korretta meta tersaq lejn ir-roundabout skont minn fejn beħsiebek toħroġ mir-roundabout.

- Ibdel il-veloċità tiegħek kif xieraq kif tkun riesaq lejn ir-roundabout.

- Ċedi lit-traffiku ġej mil-lemin tiegħek hekk kif tkun dieħel fir-roundabout.

- Ibqa' fil-mogħdija tiegħek mar-roundabout. L-ispiral imexxik lejn il-ħruġ tiegħek.

- Żomm distanza sikura mill-vettura ta' quddiemek.

- Żomm f'moħħok li vetturi kbar jista' jkollhom bżonn aktar spazju biex iduru u jistgħu jieħdu aktar wisa' ta' aktar minn mogħdija waħda.

- Dejjem oqgħod attent għal persuni mexjin u ċiklisti.

### 220. Aktar minn roundabout waħda

F'xi għaqdiet kumplikati ta' toroq jista' jkun hemm sensiela ta' roundabouts żgħar f'kull intersezzjoni. Ittratta kull roundabout żgħira għal rasha u segwi r-regoli normali.



## 10.13 Pedestrian crossings (zebra crossings)

**221.** TIPPARKJAX f'post maħsub biex jaqsmu n-nies minn fuqu jew fiż-żona mmarkata bil-linji f'għamla ta' zig-zag. TAQBIŻX l-eqreb vettura miexja minn pedestrian crossing jew vettura li tkun waqfet biex tħalli lil ħaddieħor jaqsam.

**222.** Timblokkax postijiet maħsubin biex jaqsmu n-nies minn fuqhom meta tkun fit-traffiku miexi bil-mod u kju ta' traffiku, peress li jekk timblokkahom tagħmilha diffiċli u żżid il-periklu għal ħaddieħor biex jaqsam. Tidħolx f'pedestrian crossing jekk ma tkunx tista' toħroġ minnu. Lanqas m'għandek timblokka l-advanced stop lines għaċ-ċikletti.



Timblokkax postijiet maħsubin biex jaqsmu n-nies minn fuqhom.

**223.** Għandek toqgħod ħafna attent meta kull naħa tal-pedestrian crossing tkun mgħottija mit-traffiku jew minn vetturi pparkjati ħażin. Xi ħadd jista' jkun qed jaqsam bejn vetturi weqfin.

**224.** Ħalli biżżejjed ħin lin-nies biex jaqsmu u tagħtihomx fastidju billi tirrevvja l-magna tiegħek jew tersaq 'il quddiem.

**10.13.1 Zebra u parallel crossings**

Kif toqrob zebra crossing:

- oqgħod attent għal min ikun qed jistenna biex jaqsam u kun lest li tnaqqas il-veloċità jew twaqqaf biex tħallihom jaqsmu;
- għandek iċċedi lil min ikun qed jistenna biex jaqsam;
- GĦANDEK iċċedi lil persuna li tkun bdiet miexja fuq iż-zebra crossing;
- żomm f'moħħok li tieħu aktar ħin biex tieqaf f'toroq imxarrbin;
- ixxejjirx, itteptipx id-dwal tiegħek, u ddoqqx il-ħorn tiegħek biex tistieden lil ħaddieħor jaqsam min-naħa għall-oħra; dan jista' jkun perikoluż jekk tkun ġejja vettura oħra;
- kun paċenzjuż, iddoqqx il-ħorn tiegħek u tirrevvjax il-magna tiegħek għax dawn l-azzjonijiet jistgħu jkunu intimidanti; u
- oqgħod attent għal persuni li jkunu qed joqorbu mill-ġenb taż-zebra crossing.

Zebra crossings b'refuge island ċentrali huma żewġ punti separati minn fejn jaqsmu n-nies. Parallel crossings huma simili għaż-zebra crossings, iżda dawn ikollhom mogħdija għar-roti maġenb l-istrixxi suwed u bojod.

Kif toqrob parallel crossing:

- oqgħod attent għal persuni jew ċiklisti li jkunu qed jistennew biex jaqsmu u kun lest li tnaqqas il-veloċità jew twaqqaf biex tħallihom jaqsmu;
- għandek iċċedi lil persuni jew lil ċiklisti li qed jistennew biex jaqsmu;
- GĦANDEK iċċedi lil persuni jew lil ċiklisti li jkunu bdew mexjin fuq il-parallel crossing;
- żomm f'moħħok li tieħu aktar ħin biex tieqaf f'toroq imxarrbin;
- ixxejjirx, itteptipx id-dwal tiegħek, u ddoqqx il-ħorn tiegħek biex tistieden lil persuni jew ċiklisti jaqsmu min-naħa għall-oħra; dan jista' jkun perikoluż jekk tkun ġejja vettura oħra;
- kun paċenzjuż, iddoqqx il-ħorn tiegħek u tirrevvjax il-magna tiegħek għax dawn l-azzjonijiet jistgħu jkunu intimidanti; u
- oqgħod attent għal persuni jew ċiklisti li jkunu qed joqorbu mill-ġenb taż-zebra crossing.

Parallel crossings b'refuge island ċentrali huma żewġ punti separati minn fejn jaqsmu n-nies u ċ-ċiklisti.

### 10.13.2 Passaġġi minn fejn taqsam it-triq ikkontrollati b'sinjali

**225. Pelican crossings**

Dawn huma passaġġi kkontrollati b'sinjali maħsubin biex jaqsmu n-nies minn fuqhom. Pelican crossings juru dawl ambra jteptep wara d-dawl aħmar tal-waqfien. GĦANDEK twaqqaf meta jidher id-dawl aħmar. Meta jixgħel id-dawl ambra jteptep inti GĦANDEK iċċedi lil kwalunkwe persuna miexja fuq il-pelican crossing. Jekk id-dawl ambra jteptep ikun mixgħul imma m'hemm l-ebda persuna miexja fuq il-pelican crossing inti tista' tipproċedi b'attenzjoni.



**226.** Pelican crossing li taqsam it-triq f'linja dritta hija kkunsidrata bħala passaġġ wieħed maħsub biex jaqsmu n-nies minn fuqu, anke meta jkun hemm refuge island ċentrali. GĦANDEK tistenna li jaqsmu l-persuni min-naħa l-oħra tar-refuge island.

**227.** Ċedi lil kull min ikun għadu qed jaqsam wara li s-sinjal għall-vetturi jkun qaleb għal aħdar. Din it-twissija tapplika għall-passaġġi kollha maħsubin biex jaqsmu n-nies minn fuqhom.

**228. Toucan u puffin crossings**

Dawn huma simili għal pelican crossings iżda ma jkollhomx fażi b'dawl ambra jteptep; is-sekwenza tad-dawl għat-traffiku f'dawn it-tliet postijiet minn fejn jaqsmu n-nies hija l-istess bħal fit-traffic lights. Ipproċedi b'attenzjoni kbira jekk is-sinjali fil-passaġġi ma jkunux qed jaħdmu. Tidħolx f'toucan jew puffin crossing jekk ma tkunx tista' toħroġ minnu biex ma tfixkilx in-nies, iċ-ċiklisti, jew ir-rikkieba taż-żwiemel.

## 10.14 Meta Tirriversja

**229.** Agħżel il-post it-tajjeb fejn timmanuvra. Jekk ikollok bżonn iddawwar il-vettura tiegħek stenna sakemm issib post bla periklu. Evita li treġġa' lura jew iddawwar fi triq traffikuża; sib triq kwieta fil-ġenb jew suq madwar it-toroq tal-ġenb ta' blokka residenzjali biex iddur.

**230.** Tirriversjax minn triq fil-ġenb għal ġo triq prinċipali. Meta tuża triq privata reġġa' lura fiha u suq 'il barra jekk tista'.



**231.** Ħares sew qabel ma tibda tirriversja. Għandek:

- tħares fil-mirja kollha tiegħek;
- tiċċekkja l-partijiet tat-triq li ma jidhrux mill-mirja (blind spots) warajk;
- tiċċekkja li ma jkunx hemm nies mexjin fit-triq (speċjalment tfal), ċiklisti, ħaddieħor fit-triq jew ostakli fit-triq warajk;
- treġġa' lura bil-mod waqt li:
    - tiċċekkja madwarek;
    - tħares prinċipalment mit-tieqa ta' wara; u
    - iżżomm f'moħħok li l-parti ta' quddiem tal-vettura tiegħek se toħroġ 'il barra hekk kif iddawwar.

Itlob lil xi ħadd biex jiggwidak jekk ma tkunx tista' tara sew.

**232.** M'għandekx treġġa' lura l-vettura tiegħek aktar milli meħtieġ.

## 10.15 Utenti tat-Triq li Jeħtieġu Aktar Attenzjoni

Regoli għal min juża t-triq li jeħtieġ aktar attenzjoni, inklużi persuni mexjin, sewwieqa tal-muturi u ċiklisti, persuni li jużaw it-triq, u vetturi oħra.

**233.** Persuni li jużaw it-triq, b'mod partikolari t-tfal, l-anzjani, il-persuni bi bżonnijiet speċjali, iċ-ċiklisti, ir-rikkieba taż-żwiemel, u l-motoċiklisti huma l-aktar f'riskju mit-traffiku fit-triq. Importanti li wieħed joqgħod attent għat-tfal, l-anzjani, il-persuni bi bżonnijiet speċjali, l-istudenti li qed jitgħallmu jsuqu, is-sewwieqa mingħajr esperjenza, u r-rikkieba. Fit-triq, min jista' jikkawża l-akbar ħsara, għandu l-akbar responsabbiltà li jnaqqas il-periklu għal ħaddieħor.

### 10.15.1 Persuni mexjin fit-triq (pedestrians)

**234.** Hemm riskju li persuni mexjin fit-triq, speċjalment tfal, joħorġu għal għarrieda fit-triq. Waqt is-sewqan għandek iżżomm f'moħħok is-sikurezza tat-tfal u ssuq b'veloċità adattata għall-kundizzjonijiet.

**235.** Suq bil-mod u b'attenzjoni:

- f'toroq iffullati fejn ikun hemm il-ħwienet, żoni qrib id-djar, postijiet fejn jilagħbu t-tfal (playgrounds), skejjel, jew żoni residenzjali;
- meta tgħaddi ħdejn bus stops; xi persuni jistgħu joħorġu għal għarrieda fit-triq;
- meta tgħaddi ħdejn vetturi pparkjati, speċjalment vannijiet li jbigħu l-ġelat. Hawn it-tfal ikunu aktar interessati fil-ġelat milli fit-traffiku u jistgħu joħorġu għal għarrieda fit-triq;
- meta jkollok bżonn taqsam il-bankina, mogħdija għar-roti, jew binarju għar-roti biex, pereżempju, tidħol jew toħroġ minn triq jew proprjetà privata. Ċedi lill-persuni mexjin fuq il-bankina u liċ-ċiklisti għaddejjin minn mogħdija għar-roti jew binarju għar-roti;
- meta tirriversja fi triq mal-ġenb. Ħares madwar il-vettura kollha u ċedi lil kwalunkwe persuna li tkun qed taqsam it-triq;
- meta ddawwar f'salib it-toroq. Ċedi lil min ikun qed jaqsam jew qed jistenna biex jaqsam triq li tkun se tidħol fiha jew se toħroġ minnha;
- meta tgħaddi qrib xogħlijiet fit-toroq jew qrib vetturi ta' salvataġġ u rkupru fit-triq peress li jista' jkun hemm ħaddiema fit-triq jew mal-ġenb tat-triq;

- meta l-bankina tkun magħluqa minħabba tiswijiet fit-toroq u b'hekk ikun hemm direzzjoni biex in-nies jużaw it-triq;

- meta tersaq lejn nies f'toroq dojoq fil-kampanja mingħajr bankini jew passaġġ għall-mixi. Dejjem naqqas il-veloċità u kun lest li twaqqaf jekk ikun meħtieġ, u żomm id-distanza hekk kif issuq maġenbhom;

- meta toqrob lejn zebra u parallel crossings. Hawn GĦANDEK iċċedi lill-persuni u liċ-ċiklisti li jkunu se jaqsmu; u

- meta toqrob lejn persuni li bdew jaqsmu t-triq quddiemek. Huma għandhom prijorità meta jaqsmu f'salib it-toroq jew fi triq fil-ġenb, u għalhekk għandek iċċedilhom.



Oqgħod attent għat-tfal f'żoni traffikużi.

### 10.15.2 Persuni mexjin fit-triq l-iżjed vulnerabbli

Dawn jinkludu:

- Tfal u anzjani mexjin li forsi ma jkunux kapaċi jikkalkulaw il-veloċità tiegħek u jistgħu joħorġu fit-triq quddiemek. B'veloċità ta' 60 km/h, il-vettura tiegħek probabbilment toqtol kwalunkwe persuna li tolqot. B'veloċità ta' 30 km/h, hemm biss ċans wieħed minn kull 20 li l-persuna milquta tinqatel. Għalhekk għandek tnaqqas il-veloċità tiegħek.

- Anzjani li jistgħu jeħtieġu aktar ħin biex jaqsmu t-triq. Kun paċenzjuż u ħallihom jaqsmu bil-kwiet. Tgħaġġilhomx billi tirrevvja l-magna tiegħek jew tersaq 'il quddiem.

- Persuni b'diżabbiltà. Nies b'nuqqas ta' smigħ jistgħu ma jkunux indunaw li ġejja l-vettura tiegħek. Min ikollu diffikultajiet biex jimxi jeħtieġ aktar ħin.

- Persuni għomja jew neqsin mid-dawl li jistgħu jkunu qed jużaw bastun abjad u kelb gwida. Dawn forsi ma jkunux jistgħu jarawk ġej.

- Persuni torox u għomja li jistgħu jkunu qed jużaw bastun abjad b'faxxa ħamra jew jużaw kelb b'xedd aħmar u abjad. Dawn forsi ma jkunux jistgħu jaraw jew jisimgħu struzzjonijiet jew sinjali.

### 10.15.3 Qrib l-iskejjel

Suq bil-mod u kun iżjed konxju ta' żgħażagħ mexjin fit-triq jew isuqu rota. F'xi postijiet jista' jkun hemm sinjal ambra jteptep taħt is-sinjal tal-iskola li jwissi li jista' jkun hemm tfal qed jaqsmu t-triq 'il quddiem. Suq bil-mod ħafna sakemm toħroġ minn din iż-żona.

**236.** Suq b'attenzjoni u bil-mod meta tkun maġenb xarabank wieqaf li jkollu s-sinjal tax-xarabank tal-iskola peress li t-tfal jistgħu jkunu tilgħin fih jew niżlin minnu.

### 10.15.4 Is-Sewwieqa tal-muturi u ċ-ċiklisti

**237.** Ħafna drabi jkun diffiċli tara l-motoċiklisti u ċ-ċiklisti, speċjalment meta jkunu qed jistennew maġenbek, ġejjin minn warajk, ħerġin minn salib it-toroq, deħlin f'salib it-toroq, f'roundabouts, meta jaqbżuk jew meta jkunu għaddejjin bejn it-traffiku. Dejjem oqgħod attent għalihom qabel ma toħroġ minn salib it-toroq; jistgħu joqorbu aktar malajr milli taħseb.

M'għandekx tidħol f'salib it-toroq jekk b'hekk iġġiegħel ċiklist li sejjer dritt 'il quddiem iwaqqaf jew idawwar f'daqqa. Qisu daqslikieku huwa vettura bil-mutur.

Meta ddur lejn il-lemin u taqsam kju ta' traffiku miexi bil-mod jew wieqaf oqgħod attent u ċedi liċ-ċiklisti jew lill-motoċiklisti fuq in-naħa ta' ġewwa tal-kju li tkun se taqsam. Oqgħod attent b'mod speċjali meta tibda ssuq u meta teqleb id-direzzjoni jew il-mogħdija.

Ara li tħares fil-mirja u l-blind spots b'attenzjoni.



Oqgħod attent għas-sewwieqa tal-muturi u ċ-ċiklisti f'salib it-toroq.

**238.** Żomm distanza ta' mill-anqas 1.5 m meta taqbeż sewwieqa tal-muturi, ċiklisti, rikkieba taż-żwiemel, vetturi miġbuda miż-żwiemel, u persuni mexjin fit-triq (pereżempju, fejn ma jkunx hemm bankina). Oqgħod aktar attent u ħalli aktar spazju meta taqbeż motoċiklisti, ċiklisti, rikkieba taż-żwiemel, vetturi miġbuda miż-żwiemel, u persuni mexjin f'kundizzjonijiet ħżiena tat-temp (anke meta jkun riħ qawwi) u billejl. Jekk rikkieb iħares warajh jista' jfisser li beħsiebu joħroġ, idur lejn il-lemin, jew jibdel id-direzzjoni. Ħallilu biżżejjed ħin u spazju biex jagħmel dan.

**239.** F'partijiet dojoq tat-triq, f'toroq kwieti, f'salib it-toroq, u fi traffiku miexi aktar bil-mod, iċ-ċiklisti xi drabi jistgħu joqogħdu f'nofs il-mogħdija, minflok fil-ġenb tat-triq. F'dawn is-sitwazzjonijiet jista' jkun hemm inqas periklu għal gruppi ta' ċiklisti meta jsuqu tnejn maġenb xulxin. Ħallihom jagħmlu dan biex ikunu aktar sikuri peress li jkunu jistgħu jaraw sew u jidhru.

F'partijiet dojoq tat-triq, ir-rikkieba taż-żwiemel jistgħu joqogħdu f'nofs il-mogħdija. Ħallihom jagħmlu dan biex ikunu aktar sikuri peress li jkunu jistgħu jaraw sew u jidhru.

F'daqqa waħda s-sewwieqa tal-muturi, iċ-ċiklisti, ir-rikkieba taż-żwiemel, u l-vetturi miġbuda miż-żwiemel jista' jkollhom bżonn jevitaw uċuħ tat-toroq mhux uniformi u ostakli bħal għotjien tad-drenaġġ jew irqajja' taż-żejt jew tixrib fit-triq. Żomm 'il bogħod minnhom u oqgħod attent b'mod partikolari għal kull bidla f'daqqa tad-direzzjoni tagħhom.

### 10.15.5 Utenti oħra tat-triq

**240.** Annimali – Suq bil-mod meta tgħaddi maġenb annimali. Żomm 'il bogħod minnhom u kun lest biex twaqqaf. Tbeżżagħhomx billi ddoqq il-ħorn tiegħek, tirrevvja l-magna tiegħek, jew taċċellera f'daqqa hekk kif taqbiżhom. Oqgħod attent għal annimali li jkunu qed jitmexxew, jinstaqu jew jintrikbu fit-triq. Żomm il-veloċità baxxa f'liwjiet u f'toroq dojoq tal-kampanja. F'każ remot li t-triq tkun imblokkata minn merħla ta' annimali, waqqaf u itfi l-magna sakemm il-merħla tkun telqet mit-triq. Oqgħod attent għall-annimali f'toroq mingħajr ċnut.

**241.** Rikkieba taz-żwiemel u vetturi miġbuda miż-żwiemel – Oqgħod attent b'mod partikolari għar-rikkieba taż-żwiemel u l-vetturi miġbuda miż-żwiemel meta tersaq lejhom, taqbiżhom, tgħaddi maġenbhom, jew titbiegħed minnhom. Dejjem għaddi 'l bogħod minnhom u bil-mod. Meta tara żiemel fit-triq għandek tnaqqas il-veloċità għal mhux aktar minn 15 km/h. Kun paċenzjuż, iddoqqx il-ħorn tiegħek, u tirrevvjax il-magna tiegħek. Meta ma jkunx hemm periklu, għaddi 'l bogħod minnhom u bil-mod, u żomm distanza ta' mill-anqas 2 m.

Ir-rikkieba taż-żwiemel spiss ikunu tfal. Għalhekk oqgħod aktar attent u ftakar li r-rikkieba jistgħu joqogħdu f'żewġ fillieri meta jkunu qed jeskortaw żiemel jew rikkieb żgħir jew mingħajr esperjenza. Oqgħod attent għas-sinjali tar-rikkieba u tas-sewwieqa taż-żwiemel u ilqa' t-talba biex tnaqqas il-veloċità jew twaqqaf. Oqgħod ħafna attent u kkunsidra ż-żwiemel kollha daqslikieku huma ta' periklu; jistgħu jkunu imprevedibbli minkejja l-isforzi tar-rikkieb/sewwieq tagħhom.

Ftakar li meta tgħaddi maġenb żiemel, apparti l-ħsibijiet tiegħek, ikunu qed jaħdmu wkoll l-imħuħ tar-rikkieb u taż-żiemel. Tinsiex li ż-żwiemel għandhom istint li jaħarbu u jistgħu jiċċaqalqu malajr ħafna jekk jinħasdu.

**242.** Sewwieqa kbar fl-età – Dawn jistgħu jirreaġixxu aktar bil-mod minn sewwieqa oħra. Oqgħod attent u kkumpensa ftit aktar.

**243.** Dawk li qed jitgħallmu jsuqu u sewwieqa mingħajr esperjenza – Dawn x'aktarx li ma jkunux daqshekk kapaċi jantiċipaw u jirrispondu għal dak li jseħħ fit-triq. Kun iżjed paċenzjuż ma' min qed jitgħallem isuq u mas-sewwieqa żgħażagħ.

#### 10.15.6 Żoni qrib id-djar

F'dawn il-postijiet it-triq kollha tista' tkun qed tintuża min-nies għal attivitajiet differenti, pereżempju minn tfal li jkun qed jilagħbu jew għal attivitajiet tal-komunità. Għandek issuq bil-mod u b'attenzjoni, u tkun lest biex twaqqaf biex tħalli ħin biżżejjed lin-nies biex iwarrbulek.

### 10.16 Vetturi tat-Triq li Jeħtieġu aktar Attenzjoni

#### 10.16.1 Vetturi għall-emerġenzi jew għall-appoġġ waqt inċidenti

Għandek toqgħod għassa għal ambulanzi, vetturi tat-tifi tan-nar, pulizija, tobba, jew vetturi oħra ta' emerġenza li jużaw dwal blu, ħomor jew ħodor iteptpu, u sireni jew fanali ta' quddiem iteptpu. Tippanikjax jekk tkun ġejja waħda minn dawn il-vetturi. Iċċekkja r-rotta tal-vettura u ħu azzjoni xierqa biex tħalliha tgħaddi, filwaqt li tobdi s-sinjali kollha tat-traffiku.

Jekk it-triq ikollha mogħdija waħda biss, ersaq lejn ix-xellug. Jekk it-triq ikollha żewġ mogħdijiet fl-istess direzzjoni, il-vetturi fil-mogħdija tax-xellug għandhom jersqu lejn ix-xellug u l-vetturi fil-mogħdija tal-lemin għandhom jersqu lejn il-lemin biex iħallu l-vetturi għall-emerġenzi jew għall-appoġġ waqt inċidenti jgħaddu min-nofs. Jekk ikun hemm tliet mogħdijiet fl-istess direzzjoni, il-vetturi fil-mogħdija tax-xellug għandhom jersqu lejn ix-xellug, il-vetturi fil-mogħdija tan-nofs għandhom jersqu lejn il-lemin, u l-vetturi fil-mogħdija tal-lemin (ta' barra) għandhom jersqu lejn il-lemin biex iħallu l-vetturi għall-emerġenzi jew għall-appoġġ waqt inċidenti jgħaddu bejn il-mogħdija tax-xellug u l-mogħdija tan-nofs.

Tipperikolax lilek innifsek, lil ħaddieħor li juża t-triq jew lil min ikun miexi fit-triq, u evita li titla' l-bankina. Tibbrejkjax f'daqqa meta tasal f'salib it-toroq jew f'roundabout peress li sewwieq ta' vettura warajk jista' ma jkunx qed jara 'l quddiem daqsek.

**10.16.2 Vetturi bil-mutur**

Dawn jintużaw minn persuni bi bżonnijiet speċjali. Dawn il-vetturi żgħar jivvjaġġaw b'veloċità li ma taqbiżx is-6 km/h meta jkunu mgħammra biex jintużaw fit-triq.

**10.16.3 Vetturi kbar**

Dawn jista' jkollhom bżonn aktar spazju mit-triq biex iduru jew meta jiltaqgħu ma' periklu fit-triq li int ma tistax tara. Jekk qed issuq wara vettura kbira, bħal karozza tal-linja jew trakk li jirmonka karru jew trailer, żomm f'moħħok li s-sewwieq x'aktarx ma jkunx jista' jarak fil-mirja. Kun lest li twaqqaf u tistenna jekk il-vettura l-kbira teħtieġ l-ispazju u ħafna ħin biex iddur.



**244.** Vetturi kbar jistgħu jgħattu t-triq 'il quddiem. Tkun tista' tara 'l quddiem u tippjana aħjar jekk toqgħod aktar lura minn vettura kbira u żżid id-distanza minnha. Kun paċenzjuż peress li vetturi akbar għandhom isuqu b'limiti ta' veloċità aktar baxxi mill-karozzi u l-muturi.

**10.16.4 Karozzi tal-linja u coaches**

Ċedi lil dawn il-vetturi meta tkun tista' tagħmel dan mingħajr periklu, speċjalment meta juru sinjal li se joħorġu mill-bus stops. Oqgħod attent għan-nies li jkunu niżlu minn karozza tal-linja jew tramm u bdew jaqsmu t-triq.

**10.16.5 Vetturi elettriċi**

Oqgħod attent mill-vetturi elettriċi għax jgħaġġlu u ma jagħmlux ħoss.

**10.16.6 Vetturi b'sinjal ta' dawl ambra jteptep**

Id-dawl ambra jteptep iwissi li l-vettura tkun miexja bil-mod jew wieqfa (bħal vettura ta' rkupru) jew għandha tagħbija mhux normali. Għalhekk ersaq lejn il-vettura b'attenzjoni.

## 10.17 Sewqan f'Kundizzjonijiet Ħżiena tat-Temp

**245.** Għandek tuża l-fanali ta' quddiem meta l-viżibbiltà tkun baxxa ħafna, ġeneralment meta ma tkunx tista' tara aktar 'il bogħod minn 100 m.

### 10.17.1 Sewqan fix-xita jew f'toroq imxarrba

**246.** Id-distanzi għall-waqfien f'toroq imxarrba jkunu mill-anqas id-doppju ta' dawk meħtieġa għall-waqfien f'toroq xotti. Dan huwa minħabba li t-tyres jaqbdu inqas ma' toroq imxarrbin. F'kundizzjonijiet imxarrba:

- għandek iżżomm lura sew mill-vettura ta' quddiemek. B'hekk tkun tista' tara 'l quddiem u tippjana aħjar;

- jekk ir-roti tal-vettura ma jibqgħux jirrispondu sew għad-dawrien tal-istering, dan x'aktarx ikun ifisser li l-ilma mhux qed iħalli t-tyres jaqbdu mat-triq. Tkomplix taċċellera u bbrejkja bil-mod;

- ix-xita u r-raxx minn vetturi oħra jistgħu jagħmluhielek diffiċli biex tara u ma tantx tkun tidher;

- żomm f'moħħok il-perikli li joħloq id-diesel imxerred. Dan it-tixrid jagħmel il-wiċċ tat-triq jiżloq ħafna;

- oqgħod ħafna attent qrib persuni mexjin, ċiklisti, sewwieqa tal-muturi, u rikkieba taż-żwiemel;

- ara li l-mirja jkunu nodfa, u li t-twieqi u l-windscreen ma jkunux imtappnin;

- ara li d-dwal tiegħek ikunu nodfa; u

- neħħi s-silġ akkumulat fuq il-vettura tiegħek li jnaqqas il-viżibbiltà u kemm tista' tara.

### 10.17.2 F'temp mirjieħ

**247.** Vetturi bil-ġnub għoljin huma l-aktar affettwati mir-riħ. Madanakollu buffuri qawwija jistgħu wkoll jiżvijaw karozza, ċiklist, motoċiklist, jew rikkieb taż-żwiemel mit-triq. Dan jista' jseħħ fuq meded miftuħa ta' toroq esposti għal irjieħ qawwija mill-ġenb, jew meta tgħaddi minn pontijiet jew maġenb fetħiet f'sisien tal-ħaxix.

**248.** F'temp mirjieħ ħafna, vetturi kbar jistgħu joħolqu turbolenza li taffettwa l-vettura tiegħek. Is-sewwieqa tal-muturi huma l-iżjed affettwati, u għalhekk għandek iżżomm lura sew minnhom meta jkunu qed jaqbżu vettura bil-ġnub għoljin.

### 10.17.3 Ċpar

**249.** Qabel ma tidħol fiċ-ċpar ħares fil-mirja tiegħek imbagħad naqqas il-veloċità. Kun ippreparat li 'l quddiem tiltaqa' ma' sħaba densa ta' ċpar jew ma' sħab irqiq li jimxi mar-riħ. Għalkemm iċ-ċpar jista' jurik li qed ibatti, tista' ssib ruħek f'daqqa waħda fi ċpar dens.

**250.** Meta tkun qed issuq fiċ-ċpar:

- ixgħel id-dwal tiegħek kif meħtieġ;

- żomm distanza sikura wara l-vettura ta' quddiemek. Id-dwal ta' wara jistgħu jagħtu idea żbaljata ta' sigurtà;

- għandek tkun tista' twaqqaf sew fid-distanza li tista' tara quddiemek. Dan huwa iżjed importanti f'toroq arterjali u distributorji peress li l-vetturi jkunu għaddejjin b'veloċità għolja;

- uża l-wipers u d-demisters tal-windscreen tiegħek;

- oqgħod attent għal sewwieqa oħra bil-fanali ta' quddiem mitfijin;

- taċċellerax biex titbiegħed minn vettura li tkun qrib wisq warajk;

- ħares fil-mirja tiegħek qabel ma tnaqqas il-veloċità; imbagħad uża l-brejkijiet tiegħek sabiex twissi lis-sewwieqa warajk li qed tnaqqas il-veloċità permezz tad-dwal tal-brejkijiet tiegħek; u

- waqqaf fil-pożizzjoni korretta f'salib it-toroq b'viżibbiltà limitata u isma' għat-traffiku. Meta tkun ċert li m'hemmx periklu li toħroġ, oħroġ malajr imma titnikkirx għax il-vetturi ġejjin malajr joqorbu lejk.

**251.** M'GĦANDEKX tixgħel id-dwal taċ-ċpar ta' quddiem jew ta' wara sakemm il-viżibbiltà ma tkunx baxxa ħafna peress li dawn id-dwal jgħammxu lil ħaddieħor fit-triq u jistgħu jgħattu d-dwal tal-brejkijiet tiegħek. ITFIHOM meta l-viżibbiltà titjieb.

## 10.18 Meta Tistenna u Tipparkja

### Meta tistenna u tipparkja

**252.** M'GĦANDEKX tistenna jew tipparkja fuq linji sofor matul il-ħinijiet li fihom jintużaw, kif indikat fuq tabelli qribhom (jew fuq sinjali tad-dħul taż-żona jekk il-linji sofor ikunu f'Żona ta' Parkeġġ Ikkontrollata). Linji sofor doppji jindikaw li ma tistax tistenna fi kwalunkwe ħin anke jekk ma jkunx hemm tabelli. Fejn ikun hemm sinjali li jindikaw li MA TISTAX tieqaf fuq il-marki tad-daħliet tal-iskola m'għandekx tistenna, tipparkja, jew twaqqaf biex tniżżel jew ittella' passiġġiera.

### 10.18.1 Meta tipparkja

**253.** Uża ż-żoni ta' parkeġġ mhux f'toroq pubbliċi, jew kaxxi mmarkati b'linji bojod fit-toroq bħala postijiet li fihom tista' tipparkja, kull fejn ikun possibbli. Jekk ikollok twaqqaf fit-triq:

- tipparkjax il-vettura tħares lejn il-fluss tat-traffiku;
- waqqaf kemm jista' jkun viċin il-ġenb tat-triq;
- twaqqafx viċin wisq ta' vettura li jkollha l-Blue Badge: ftakar, l-okkupant tal-vettura jista' jkollu bżonn aktar spazju biex jidħol jew joħroġ;
- ITFI l-magna, il-fanali ta' quddiem u d-dwal taċ-ċpar;
- TELLA' l-handbreak qabel ma toħroġ mill-vettura;
- GĦANDEK tkun ċert li ma tolqot lil ħadd meta tiftaħ il-bieba tiegħek. Ħares madwarek u fil-mirja tiegħek biex tara jkunux risqin ċiklisti jew traffiku ieħor qabel ma tiftaħ il-bieba;
- fejn tkun tista', għandek tiftaħ il-bieba b'idek tan-naħa opposta tal-bieba li tkun qed tiftaħ; pereżempju, uża l-id ix-xellugija tiegħek biex tiftaħ bieba fuq in-naħa tal-lemin tiegħek. Dan se jġiegħlek iddawwar rasek biex tħares fuq spalltek. B'hekk tnaqqas iċ-ċans li tweġġa' ċ-ċiklisti jew is-sewwieqa tal-muturi li jgħaddu maġenbek fit-triq, jew in-nies fuq il-bankina;
- ikun hemm inqas periklu għall-passiġġiera tiegħek (speċjalment it-tfal) jekk joħorġu mill-vettura fuq in-naħa tal-bankina;
- poġġi l-oġġetti kollha ta' valur fejn ma jidhrux u kun ċert li l-vettura tiegħek hija sigura; u
- sakkar il-vettura tiegħek.

Meta tuża charging point biex tiċċarġja vettura elettrika għandek tipparkja qrib iċ-charging point u toħloqx perikli billi tħalli cables mifruxin fl-art peress li l-persuni mexjin jistgħu jaqgħu fihom. Uri sinjal ta' twissija jekk tista'. Wara li tuża ċ-charging point, għandek tqiegħed il-cables u ċ-charging connectors f'posthom biex tnaqqas il-periklu għall-persuni mexjin u tevita li tostakola persuni oħra li jużaw it-triq.

**254.** M'GĦANDEKX twaqqaf, tipparkja jew tħalli waħedhom kwalunkwe vettura bil-mutur, karru, jew trailer:

- fuq il-karreġġata, żona ta' emerġenza jew hard shoulder fit-triq ħlief f'każ ta' emerġenza;
- fejn tagħlaq l-aċċess għal triq privata jew garaxx;
- f'taxi bays kif indikati b'tabelli u marki;
- f'żona pedonali matul is-sigħat li tintuża, ħlief biex tniżżel jew ittella' l-passiġġiera;
- fi triq immarkata b'linji bojod doppji, anke meta linja bajda maqtugħa tkun fuq in-naħa tiegħek tat-triq, ħlief biex tniżżel jew ittella' l-passiġġiera, jew biex tgħabbi jew tħott merkanzija;
- f'mogħdija għaċ-ċiklisti matul il-perjodu li tintuża;
- f'binarju għaċ-ċiklisti;
- sa 12-il m fuq kull naħa ta' kwalunkwe bus stop sakemm il-marki uffiċjali tat-toroq jew is-sinjali tat-traffiku ma jindikawx mod ieħor;
- madwar roundabout tat-traffiku jew traffic island; u

- f’pedestrian crossing jew sa 4 m bogħod minnha min-naħa tat-traffiku li jkun ġej, kif ukoll fiż-żona mmarkata bil-linji f’għamla ta’ zig-zag, sakemm ma jkunx hemm estensjoni tal-bankina jew wiċċ tat-triq mgħolli (build-out) f’tarf il-pedestrian crossing,

  - fuq il-bankina sakemm ma jkunx hemm sinjali li jindikaw mod ieħor;
  - fi kwalunkwe post fejn marki tat-triq xierqa jindikaw li l-ipparkjar huwa pprojbit;
  - b’tali mod li tostakola karozza pparkjata kif suppost milli toħroġ;
  - qrib daħla ta’ skola;
  - kull fejn tista’ tagħlaq l-aċċess għas-Servizzi ta’ Emerġenza;
  - faċċata ta’ jew sa 5 m bogħod minn salib it-toroq, ħlief fi spazju awtorizzat għall-ipparkjar;
  - qrib quċċata ta’ telgħa jew fuq pont f’għamla ta’ arkata;
  - faċċata ta’ traffic island; jew faċċata ta’ vettura oħra pparkjata jekk dan jikkawża ostaklu;
  - fejn il-livell tal-bankina jitbaxxa biex jgħin persuni li jużaw is-siġġijiet tar-roti u l-vetturi tal-mobbiltà motorizzati;
  - quddiem daħla ta’ proprjetà;
  - f’liwja jew qribha; u
  - fejn tfixkel iċ-ċiklisti meta jużaw il-faċilitajiet tar-roti, ħlief meta jkollok tagħmel dan minħabba traffiku wieqaf; u

- Sa 5 m minn kwalunkwe kantuniera, liwja jew twessigħ tat-triq f’salib it-toroq (splay) maħsub biex itejjeb il-viżibbiltà; dment li fil-każ ta’ liwja jew splay, il-5 m msemmija jitkejlu minn fejn il-linji jaqsmu lil xulxin fl-allinjament estiż tal-bini fuq kull naħa taż-żewġ toroq li jiffurmaw dik il-liwja jew splay. Barra minn hekk, fejn il-marki tat-triq f’kantuniera, liwja, jew splay ta’ xi triq partikolari ma jestendux għal-limitu tal-5 m stipulati, dik il-projbizzjoni m’għandhiex testendi wkoll għall-5 m sħaħ u għandha tkun limitata għad-distanza koperta mill-imsemmija marki tat-triq.

**255.** M’GĦANDEKX tipparkja f’postijiet ta’ parkeġġ riservati għal persuni jew vetturi speċifiċi, bħal min għandu l-Blue Badge, residenti, jew muturi, sakemm ma tkunx intitolat li tipparkja.

**256.** M’GĦANDEKX tħalli l-vettura, il-karru, jew it-trailer tiegħek f’pożizzjoni perikoluża jew fejn tostakola bla bżonn it-triq.

### 10.18.2 Żoni ta’ parkeġġ ikkontrollati

Is-sinjali fid-dħul f’dawn iż-żoni jindikaw il-ħinijiet meta japplikaw ir-restrizzjonijiet ta’ stennija. Il-parkeġġ jista’ jkun permess f’xi postijiet f’ħinijiet oħra. Inkella tista’ tipparkja f’kaxxi mmarkati separatament b’sinjali u marki.

#### 10.18.3 Vetturi tal-merkanzija

Vetturi li jiżnu aktar minn 7,500 kg bit-tagħbija, kif ukoll kwalunkwe karru jew trailer (maximum laden weight) M'GĦANDHOMX ikunu pparkjati max-xifer, mal-bankina, jew ma' kwalunkwe art li tinsab bejn il-karreġġati mingħajr il-permess tal-pulizija. L-unika eċċezzjoni hija meta l-ipparkjar huwa meħtieġ għat-tagħbija u l-ħatt. F'dan il-każ il-vettura m'għandhiex titħalla waħedha.

#### 10.18.4 Tagħbija u ħatt

Tgħabbix u tħottx fejn hemm marki sofor fit-triq jew tabelli li juru li hemm restrizzjonijiet fis-seħħ. It-tagħbija u l-ħatt jista' jkun permess anke jekk l-ipparkjar ikun ristrett.

#### 10.18.5 Meta tipparkja billejl

**257.** Kemm jista' jkun tipparkjax vettura tħares lejn id-direzzjoni tal-fluss tat-traffiku fi triq billejl sakemm mhux f'kaxxa rikonoxxuta bħala post fejn tista' tipparkja.

**258.** Il-vetturi kollha GĦANDHOM jixegħlu u juru d-dwal tal-ipparkjar meta jkunu pparkjati fi triq jew f'lay-by fi triq li jkollha limitu tal-veloċità ta' aktar minn 50 km/h. Vetturi, karrijiet, u trailers oħrajn, u l-vetturi kollha b'tagħbija li tisporġi 'l barra, M'GĦANDHOMX jitħallew fit-triq billejl mingħajr dwal.

#### 10.18.6 Meta tipparkja fiċ-ċpar

Huwa perikoluż ħafna li tipparkja fit-triq fiċ-ċpar. Jekk ma tistax tevitata dan ħalli d-dwal tal-ipparkjar jew id-dwal tal-ġenb tiegħek mixgħula.

#### 10.18.7 Meta tipparkja f'telgħat

Jekk tipparkja f'telgħat għandek:

- tipparkja qrib il-bankina u ttella' l-handbrake;
- tagħżel gear għal quddiem u ddawwar ir-rota tal-istering tiegħek in-naħa opposta tal-bankina meta l-vettura tħares għat-telgħa;
- tagħżel il-gear tar-reverse u ddawwar ir-rota tal-istering tiegħek lejn il-bankina meta l-vettura tħares għan-niżla; u
- titfa' l-vettura tiegħek fuq "park" jekk għandha gearbox awtomatika.

## 10.19 Toroq Arterjali u Distributorji

Għadd ta’ regoli għal toroq arterjali u distributorji japplikaw ukoll għal toroq oħra.

### 10.19.1 Velocità fit-toroq

**259.** It-traffiku fit-toroq arterjali u distributorji jimxi aktar malajr minn toroq oħra, għalhekk għandek inqas ħin biex tirreaġixxi. Huwa importanti li tuża l-mirja tiegħek minn qabel u li tħares ħafna aktar ’il quddiem milli tagħmel f’toroq oħra.

### 10.19.2 Sinjali

**260.** Tabelli u sinjali jintużaw biex iwissuk dwar perikli ’l quddiem. Pereżempju, jista’ jkun hemm inċident, ċpar, tixrid, jew ħaddiema tat-triq fuq il-karreġġata li forsi ma tkunx tista’ tarahom mill-ewwel.

**261.** Tabella jew sinjal wieħed (b’mod speċjali xi Variable Message Sign) jista’ juri suġġerimenti, restrizzjonijiet, u twissijiet għall-mogħdijiet kollha.

Tabelli u sinjali speċifiċi għall-mogħdijiet (jiġifieri Variable Message Signs) jistgħu juru suġġerimenti, restrizzjonijiet, u twissijiet li japplikaw għal mogħdijiet individwali.



**262.** Dwal ambra jteptpu jwissu dwar periklu 'l quddiem. Għandek:

- tnaqqas il-veloċità tiegħek;
- tkun ippreparat għall-periklu; u
- żżid biss il-veloċità tiegħek meta tgħaddi maġenb sinjal li ma jkunx qed iteptep, jew sinjal li juri l-limitu tal-veloċità nazzjonali jew il-kelma "TMIEM" ("END"), u jekk tkun ċert li m'hemmx periklu li tagħmel dan.

**263.** Sinjali b'dawl aħmar iteptep u tabella b''X' ħamra fuqha jidentifikaw mogħdija magħluqa li fiha jkun hemm persuni, vetturi weqfin, jew perikli oħra.

- GĦANDEK issegwi l-istruzzjonijiet fuq is-sinjali li jkun hemm qabel mogħdija magħluqa biex teqleb għal fuq mogħdija miftuħa bla periklu.
- ISSUQX f'mogħdija magħluqa. Sinjal li juri l-limitu tal-veloċità jinfurmak meta l-mogħdija ma tibqax magħluqa.

Żomm f'moħħok li:

- jista' jkun hemm diversi perikli f'mogħdija magħluqa;
- is-servizzi ta' emerġenza u l-awtoritajiet tat-traffiku jużaw mogħdijiet magħluqa biex jilħqu l-inċidenti u jgħinu n-nies fil-bżonn;
- meta l-mogħdija tax-xellug tkun magħluqa fi triq bi slip road tal-ħruġ, dan ifisser li l-ħruġ ma jistax jintuża.

It-triq tkun magħluqa jekk ikun hemm sinjali b'dawl aħmar iteptep u li juru l-għeluq tal-mogħdijiet kollha. M'GĦANDEKX tmur lil hinn mis-sinjal fi kwalunkwe mogħdija jew tuża l-hard shoulder biex tevita l-għeluq tat-triq sakemm uffiċjal tal-pulizija jew uffiċjal tat-traffiku ma jordnalekx tagħmel dan.

L-għeluq tal-mogħdijiet u tat-toroq huma infurzati mill-uffiċjali awtorizzati.

### 10.19.3 Meta tingħaqad mat-toroq arterjali u distributorji

**264.** Meta tingħaqad man-network ta' toroq arterjali u distributorji, normalment tkun ġej minn triq fuq ix-xellug (slip road) jew minn triq li tmiss magħha. F'dal-każ:

- agħti prijorità lit-traffiku li diġà jinsab fit-triq arterjali jew distributorja;
- iċċekkja l-fluss tat-traffiku fil-mogħdija tax-xellug tat-triq arterjali jew distributorja u għandek tilħaq il-veloċità ta' dan it-traffiku biex tkun tista' tingħaqad miegħu bla periklu;
- taqsamx linji bojod sħaħ li jisseparaw il-mogħdijiet; u tużax il-hard shoulder;
- ibqa' fuq l-islip road jekk din tkompli 'l quddiem bħala mogħdija oħra fit-triq arterjali jew distributorja;
- ibqa' fil-mogħdija tax-xellug sakemm tibdel il-veloċità biex taqbel ma' dik tat-traffiku qabel ma taħseb biex taqbeż;
- hija drawwa tajba li vetturi għaddejjin fi triq arterjali jew distributorja jħallu lill-vetturi ġejjin mix-xellug jingħaqdu mat-triq arterjali jew distributorja.

### 10.19.4 F'toroq arterjali jew distributorji

**265.** Meta tkun tista' tara sew 'il quddiem u l-kundizzjonijiet tat-triq ikunu tajbin, għandek:

- issuq b'veloċità moderata kostanti li ma taqbiżx il-limitu tal-veloċità. Importanti li l-veloċità tkun tali li inti u l-vettura tiegħek tistgħu timmaniġġjaw bla periklu; u
- iżżomm distanza sikura mill-vettura ta' quddiemek u żżid din id-distanza f'toroq imxarrbin jew fiċ-ċpar.

**266.** M'GĦANDEKX taqbeż:

- il-limitu tal-veloċità imdawwar b'ċirku aħmar li jidher fuq tabella; u
- l-ogħla limitu tal-veloċità għat-triq u għall-vettura tiegħek.

**267.** Is-sewqan jista' jħeddlek u jġiegħlek titniegħes, speċjalment f'toroq arterjali jew distributorji. Biex tnaqqas dan ir-riskju, kun ċert li int tajjeb biex issuq u ħu pawżi skont il-ħtieġa.

**268.** Sakemm ma tingħatax struzzjonijiet minn uffiċjal tal-pulizija jew minn uffiċjal tat-traffiku, M'GĦANDEKX:

- treġġa' lura tul kwalunkwe parti ta' triq arterjali jew distributorja, kif ukoll slip roads, hard shoulders u żoni ta' emerġenza;
- taqsam iż-żona ċentrali; u
- issuq kontra l-fluss tat-traffiku.

Jekk qbiżt il-ħruġ tiegħek, jew ħadt rotta b'oħra, kompli suq sal-ħruġ li jmiss.

### 10.19.5 Sewqan f'mini

**269.** Meta wieħed ikun qed isuq minn ġo mini f'Malta huwa obbligat li:

- jixgħel id-dwal;
- jobdi l-limiti tal-veloċità kif indikat; u
- jibqa' fil-mogħdija għat-tul kollu tal-mina.

### 10.19.6 Dixxiplina fil-mogħdijiet

**270.** Il-mogħdija tal-lemin ta' triq arterjali jew distributorja M'GĦANDHIEX tintuża jekk tkun qed issuq:

- kwalunkwe vettura li tirmonka karru jew trailer; u
- vettura tqila tal-merkanzija.

**271.** Żomm fil-mogħdija tax-xellug sakemm ma tridx taqbeż lil ħaddieħor.

- Jekk qed taqbeż, għandek terġa' lura fil-mogħdija tax-xellug meta ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan.
- Oqgħod attent għas-servizzi ta' emerġenza, uffiċjali tat-traffiku, ħaddiema ta' rkupru, u persuni jew vetturi oħra li waqfu fuq il-hard shoulder jew f'żona ta' emerġenza. Jekk qed issuq fil-mogħdija tax-xellug għandek tidħol fil-mogħdija ta' maġenbha biex toħloq aktar spazju bejn il-vettura tiegħek u n-nies u l-vetturi weqfin, ġaladarba m'hemmx periklu biex tagħmel dan.

### 10.19.7 Meta tersaq lejn salib it-toroq

Ħares 'il quddiem sew biex tilmaħ tabelli jew sinjali. Jista' jkun hemm marki tat-triq biex juru d-direzzjoni. Jekk għandek bżonn tibdel il-mogħdijiet, agħmel hekk minn qabel. F'xi salib it-toroq, mogħdija tista' toħorġok mit-toroq arterjali jew distributorji. Idħol biss f'dik il-mogħdija jekk tixtieq tmur fid-direzzjoni indikata fuq is-sinjali fil-għoli.

### 10.19.8 Meta taqla' lil ħaddieħor

**272.** M'għandekx taqbeż lil ħaddieħor sakemm ma tkunx ċert li m'hemmx periklu u tkun tista' tagħmel dan skont il-liġi. Aqbeż biss min-naħa tal-lemin. Meta tagħmel dan għandek:

- tħares fil-mirja tiegħek;
- tieħu l-ħin biex tagħraf il-veloċitajiet b'mod korrett;
- tkun ċert li l-mogħdija li se tingħaqad magħha tkun vojta biżżejjed 'il quddiem u lura;
- tagħti daqqa t'għajn ħafifa lejn il-ġenb fil-blind spots biex tivverifika l-pożizzjoni ta' xi vettura li ma bqajtx taraha mill-mera;
- tiftakar li t-traffiku jista' jkun ġej warajk b'mod mgħaġġel ħafna, tħares b'attenzjoni fil-mirja kollha tiegħek, u toqgħod attent għas-sewwieqa tal-muturi. Meta ma jkunx hemm periklu ixgħel l-indicator kmieni biżżejjed, imbagħad ibda suq 'il barra;
- tkun ċert li ma tidħolx qrib wisq quddiem il-vettura li tkun għadek kemm qbiżt;
- toqgħod attent b'mod speċjali billejl u f'viżibbiltà baxxa meta jkun aktar diffiċli li tagħraf il-veloċità u d-distanza; u
- żżomm distanza minima ta' 1.5 m bogħod minn ċiklist meta taqbżu.

**273.** M'għandekx taqbeż min-naħa tax-xellug jew tersaq fil-mogħdija tax-xellug tiegħek biex taqbeż. Fil-konġestjoni, fejn it-traffiku f'mogħdijiet maġenb xulxin ikun miexi b'veloċitajiet simili, it-traffiku fil-mogħdijiet tan-naħa tax-xellug jista' xi drabi jkun miexi aktar mgħaġġel mit-traffiku fuq in-naħa tal-lemin. F'dawn il-kundizzjonijiet tista' tlaħħaq mat-traffiku fil-mogħdija tiegħek u taqbeż it-traffiku fil-mogħdija fuq il-lemin tiegħek. M'għandekx isserrep mill-mogħdijiet biex taqbeż.

### 10.19.9 Hard shoulder (fejn preżenti)

**274.** M'GĦANDEKX tuża hard shoulder ħlief f'emerġenza jew jekk uffiċjali awtorizzati ma jordnawlekx tużaha, jew jekk ma jkunx hemm direzzjoni biex tużaha permezz ta' sinjali tat-traffiku.




Hard shoulder (fejn tintuża bħala karreġġata oħra): Il-hard shoulder tintuża bħala mogħdija oħra f'xi toroq arterjali u distributorji matul perjodi ta' konġestjoni. Sinjal magħmul minn 'X' ħamra jew sinjal vojt fil-għoli fuq il-hard shoulder juri li M'GĦANDEKX tuża l-hard shoulder ħlief f'emerġenza.



Tista' tuża l-hard shoulder bħala mogħdija oħra biss meta jintwera limitu tal-veloċità fil-għoli fuqha.




Ikun hemm żoni ta' emerġenza biex jintużaw f'emerġenza fejn il-hard shoulder tkun qed tintuża bħala karreġġata oħra.

**10.19.10 Waqfien**

**275.** Żoni ta' emerġenza jinsabu tul toroq arterjali u distributorji mingħajr hard shoulder jew fejn il-hard shoulder tista' tintuża bħala mogħdija oħra, u GĦANDHA tintuża biss f'emerġenza.

**276.** M'GĦANDEKX twaqqaf fuq kwalunkwe karreġġata, żona ta' emerġenza, hard shoulder, slip road, żona ċentrali jew xifer ħlief f'emerġenza, jew sakemm uffiċjali awtorizzati ma jordnawlekx twaqqaf, jew jekk ma jkunx hemm direzzjoni biex twaqqaf permezz ta' sinjal ta' emerġenza jew dwal ħomor iteptpu.

Twaqqafx fi kwalunkwe parti ta' awtostrada biex iċċempel jew tirrispondi l-mobile, ħlief f'emerġenza.

**277.** F'toroq arterjali u distributorji M'GĦANDEKX timxi, ittella', jew tniżżel passiġġiera, ħlief f'emerġenza. Tista' timxi fuq il-bankini ma' toroq arterjali u distributorji fejn ikun hemm.

#### 10.19.11 Meta titlaq minn toroq arterjali u distributorji

**278.** Normalment toħroġ minn toroq arterjali u distributorji permezz ta' slip road fuq ix-xellug tiegħek sakemm ma jkunx hemm sinjali li jindikaw li mogħdija toħorġok 'il barra minnhom. Għandek:

- toqgħod attent għas-sinjali li jgħarrfuk li qed toqrob lejn il-ħruġ tiegħek;
- tidħol fil-mogħdija tan-naħa tax-xellug qabel ma tilħaq il-ħruġ tiegħek; u
- tixgħel l-indicator tax-xellug minn qabel u tnaqqas il-veloċità tiegħek fl-islip road kif meħtieġ.

**279.** Tista' tkun għaddej b'veloċità ogħla milli tirrealizza hekk kif toħroġ mill-awtostrada jew tuża triq li tgħaqqad triq arterjali ma' triq distributorja – veloċità ta' 80 km/h tista' tħossha 50 km/h. Iċċekkja l-ispeedometer tiegħek u ibdel il-veloċità tiegħek kif xieraq. Xi slip roads u toroq li jgħaqqdu toroq ma' oħrajn ikollhom liwjiet qawwija. Għalhekk ikollok bżonn tnaqqas il-veloċità.

## 10.20 Ħsara Mekkanka u Elettrika u Inċidenti

#### 10.20.1 Post ta' sikurezza relattiva

**280.** Jekk ikollok bżonn twaqqaf il-vettura tiegħek f'każ ta' ħsara jew inċident, ipprova waqqaf f'post ta' sikurezza relattiva. F'post ta' sikurezza relattiva jkun hemm inqas ċans li int, il-passiġġiera tiegħek, u l-vettura tiegħek tkunu f'riskju minħabba t-traffiku li jkun għaddej. L-aktar post sikur biex twaqqaf huwa post li huwa maħsub biex tipparkja fih. F'toroq arterjali u distributorji, l-aktar postijiet sikuri biex twaqqaf jinkludu:

- postijiet immarkati għall-waqfien (lay-bys);
- żoni ta' emerġenza; u
- hard shoulders.

Żomm f'moħħok li l-hard shoulders jagħtu inqas protezzjoni minn postijiet oħra ta' sikurezza relattiva minħabba li huma qrib ħafna ta' traffiku għaddej b'veloċità għolja.

Fejn possibbli, int u l-passiġġiera tiegħek għandkom iżżommu 'l bogħod sew mill-vettura tiegħek u t-traffiku li jkun għaddej peress li t-traffiku għaddej jista' jaħbat mal-vettura tiegħek u jimbuttaha fuqek jew fuq il-passiġġiera tiegħek.

Postijiet sikuri għall-waqfien huma indikati minn rifletturi maħsuba biex juru lis-sewwieqa fejn jistgħu jwaqqfu mingħajr periklu, jistrieħu, u jiċċekkjaw il-vetturi tagħhom. Tliet rifletturi ħodor ifissru li l-post sikur fejn tista' tieqaf ikun 500 m bogħod. Żewġ rifletturi ħodor ifissru li jkun hemm post sikur f'distanza ta' madwar 250 m. Riflettur aħdar wieħed ifisser li tkun wasalt fil-post sikur biex twaqqaf.



#### 10.20.2 Ħsarat

281. Jekk il-vettura tiegħek tiżviluppa ħsara jew tiqaflek, aħseb l-ewwel dwar il-persuni l-oħra kollha li jużaw it-triq u:

- jekk possibbli, neħħi l-vettura mit-triq;
- wissi lil traffiku ieħor billi tuża l-hazard warning lights tiegħek jekk il-vettura qiegħda tikkawża xkiel;
- ilbes ħwejjeġ ta' kulur ċar jew jixgħel matul il-ġurnata, u ħwejjeġ li jirriflettu billejl jew f'viżibbiltà baxxa sabiex persuni oħra fit-triq jarawk;
- qiegħed triangolu ta' twissija (hazard triangle) fit-triq mill-anqas 50 m wara l-vettura wieqfa fuq l-istess naħa tat-triq. Dejjem oqgħod ħafna attent waqt li tpoġġi jew tiġbor it-triangolu ta' twissija;
- jekk possibbli, żomm id-dwal tal-ġenb tiegħek mixgħulin jekk ikun id-dlam jew il-viżibbiltà tkun ħażina;
- toqgħodx (jew tħallix lil ħaddieħor joqgħod) bejn il-vettura tiegħek u t-traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni opposta;
- billejl jew f'viżibbiltà baxxa toqgħodx fejn tista' tgħatti d-dawl tiegħek milli jarah min ikun ġej.

#### 10.20.3 Ostakli

282. Jekk taqa' xi ħaġa minn vettura fi triq arterjali jew distributorja TNEĦĦIX l-ostaklu inti stess. Waqqaf f'post ta' sikurezza relattiva u sejjaħ is-servizzi ta' emerġenza fuq 112 jew 119.

F'toroq oħra għandek tneħħi biss l-ostakli jekk ma jkunx hemm periklu biex tagħmel dan.

#### 10.20.4 Inċidenti

283. Sinjali ta' twissija jew dwal iteptpu: Żomm f'moħħok li jista' jkun hemm inċident 'il quddiem jekk tara vetturi għall-emerġenzi jew għall-appoġġ waqt inċidenti bid-dwal iteptpu ġejjin mill-bogħod. Għandek tnaqqas il-veloċità u tkun lest biex tersaq f'mogħdija oħra jew twaqqaf jekk ma jkunx hemm perikli.

Servizzi ta' emerġenza, uffiċjali awtorizzati u ħaddiema ta' rkupru jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu fil-karreġġata; pereżempju, biex ineħħu r-radam, jittrattaw ħabtiet, jew iwettqu rolling roadblocks. GĦANDEK tobdi kwalunkwe direzzjoni li jagħtuk l-uffiċjali awtorizzati dwar jekk tistax tgħaddi minn ħdejn inċident jew ostaklu mingħajr periklu.

**284.** Oqgħod attent għall-perikli (bħal radam residwi jew vetturi mexjin bil-mod) meta tgħaddi fejn ikun seħħ inċident, u tnaqqasx il-veloċità bla bżonn (pereżempju, jekk l-inċident ikun seħħ fuq in-naħa l-oħra ta' triq b'karreġġata doppja). Għandek tiffoka fuq is-sewqan meta tgħaddi fejn ikun seħħ inċident minħabba li n-nuqqas ta' attenzjoni jista' jikkawża konġestjoni, ħabta, jew inċident ieħor.

**285.** Jekk inti involut f'inċident, jew ħabta, jew jekk se tieqaf biex tgħin:

- jekk possibbli, waqqaf f'post ta' sikurezza relattiva;
- ixgħel id-dwal ta' twissija ta' periklu (hazard warning lights) tiegħek biex twissi lil traffiku ieħor;
- ilbies ħwejjeġ b'viżibbiltà għolja f'każ li jkollok;
- staqsi lis-sewwieqa biex jitfu l-magni tagħhom;
- staqsi lis-sewwieqa u l-passiġġiera biex jieqfu jpejpu;
- ikkuntattja lis-servizzi tal-emerġenza fuq 112 jew 119, u agħti d-dettalji kollha tal-post tal-inċident u tal-midrubin permezz ta' mobile, jew agħfas il-buttuna SOS jekk il-vettura tiegħek ikollha waħda;
- ċaqlaq il-persuni mhux midruba 'l bogħod mill-vetturi u lejn post ta' sikurezza relattiva;
- IĊĊAQLAQX persuni midruba mill-vetturi tagħhom sakemm ma jkunux f'periklu immedjat;
- TNEĦĦIX l-elmu ta' motoċiklist sakemm ma jkunx essenzjali u tkun imħarreġ biex tagħmel dan;
- kun lest li tagħti l-ewwel għajnuna;
- ibqa' fuq il-post sakemm jaslu s-servizzi ta' emerġenza; u
- kun lest li tagħti d-dettalji tiegħek u tikseb id-dettalji ta' ħaddieħor involut.

Jekk inti involut f'xi emerġenza medika oħra għandek tikkuntattja lis-servizzi ta' emerġenza bl-istess mod.

#### 10.20.5 Inċidenti li jinvolvu merkanzija perikoluża

**286.** Vetturi li jġorru merkanzija perikoluża f'pakketti għandhom ikunu mmarkati bi pjanċi sempliċi riflettivi ta' lewn oranġjo. Road tankers u vetturi li jġorru tankijiet b'merkanzija perikoluża għandu jkollhom pjanċi ta' twissija ta' periklu (hazard warning plates).

**287.** Jekk vettura li tkun qed iġġorr merkanzija perikoluża jkollha inċident:

- Itfi l-magni u TPEJJIPX.

- Żomm 'il bogħod sew mill-vettura u tippruvax issalva l-midruba għax tista' tindarab inti wkoll.

- Sejjaħ is-servizzi ta' emerġenza u agħti kemm tista' informazzjoni dwar it-tabelli u l-marki fuq il-vettura. TUŻAX mobile qrib vettura li ġġorr tagħbija li taqbad malajr.

#### 10.20.6 Dokumentazzjoni

**288.** Jekk inti tkun involut f'ħabta li tikkawża ħsara lil xi vettura jew proprjetà oħra, jew li twassal biex xi persuna jew annimal ieħor iweġġgħu GĦANDEK:

- twaqqaf. Jekk possibbli waqqaf f'post ta' sikurezza relattiva; u

- tagħti l-ismijiet u l-indirizzi tiegħek u ta' sid il-vettura, kif ukoll iċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni, il-liċenzja tas-sewqan u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura lil kull min ikollu raġunijiet raġonevoli biex jitlobhom.

Jekk ma tagħtix ismek u l-indirizz tiegħek fil-ħin tal-ħabta, agħti dawn id-dettalji lill-pulizija malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattikabbli u fi żmien 24 siegħa.

### 10.21 Regoli Oħra Għat-Toroq Arterjali u Distributorji

**289.** Fejn hu possibbli oħroġ mill-karreġġata fil-ħruġ li jmiss jew idħol f'żona ta' servizz jekk il-vettura tiegħek jinqalgħalha problema. Għandek tersaq max-xellug jekk ma tistax tagħmel dan. F'dan il-każ:

- Idħol fil-mogħdija tax-xellug.

- Jekk tista', idħol f'żona ta' emerġenza jew f'hard shoulder.

- Waqqaf kemm jista' jkun lejn ix-xellug bir-roti tiegħek imdawrin lejn ix-xellug. Importanti li tħalli spazju biex toħroġ mill-vettura tiegħek.

- Ixgħel id-dwal ta' twissija ta' periklu tiegħek.

- Ixgħel id-dwal tal-ġenb jekk ikun id-dlam jew il-viżibbiltà tkun baxxa.

**10.21.1 Meta toħroġ mill-vettura tiegħek**

- Oħroġ mill-vettura tiegħek mill-ibgħad naħa tat-traffiku jekk ma jkunx hemm periklu u jkun possibbli li tagħmel dan. U kun ċert li l-passiġġiera jagħmlu l-istess.

- Ilbes ħwejjeġ b'viżibbiltà għolja jekk għandek u jekk tista' tilħaqhom faċilment.

- Oqgħod wara safety barrier fejn ikun hemm, iżda żomm f'moħħok li hawn jista' jkun hemm perikli li ma jidhrux, bħal irdum, niżla wieqfa, art imħarbta, jew radam.

- M'GĦANDEKX toqgħod f'post fejn il-vettura tiegħek tista' tiġi imbuttata fuqek jekk it-traffiku li jkun għaddej jaħbat magħha.

- TERĠAX tidħol fil-vettura tiegħek anke jekk tkun nieżla x-xita, tkun il-kesħa, jew jidlam.

- Ibqa' għassa u attent għal radam jew vetturi ġejjin lejk.

- Żomm il-passiġġiera 'l bogħod mill-karreġġata u kkontrolla t-tfal.

- TIPPRUVAX issewwi l-vettura tiegħek.

- TPOĠĠIX triangolu ta' twissija fuq il-karreġġata.

- L-annimali GĦANDHOM jinżammu fil-vettura jew, f'każ ta' emerġenza, mal-ġenb u kkontrollati.

**10.21.2 Ikseb l-għajnuna**

Uża telephone ta' emerġenza bla ħlas biex tingħata suġġerimenti u assistenza.

Ikkuntattja servizz ta' rkupru għal każijiet ta' ħsara.

- Dejjem ħares lejn it-traffiku meta tkun qed titkellem biex tibqa' għassa u attent għal radam jew vetturi ġejjin lejk.

- Infurmahom jekk intix sewwieq vulnerabbli (ngħidu aħna persuna bi bżonnijiet speċjali, anzjan, jew qed tivvjaġġa waħdek).

- Stenna 'l bogħod sew mill-vettura tiegħek u mit-traffiku għaddej wara safety barrier, dejjem jekk ikun hemm.

- Jekk ma tkunx tista' toħroġ mill-vettura tiegħek jew jekk ma tkunx waqaft ħdejn telephone ta' emerġenza bla ħlas, ċempel 112 jew 119 minnufih u staqsi għall-pulizija. Inkella agħfas il-buttuna SOS tal-vettura tiegħek jekk ikollha waħda u staqsi għall-pulizija.

Jekk ma tistax TOĦROĠ mill-vettura tiegħek:

- ibqa' ġo fiha;

- ibqa' liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà u żomm il-hazard lights mixgħulin; u

- ċempel 112 jew 119 minnufih u staqsi għall-pulizija jew agħfas il-buttuna SOS tal-vettura jekk ikollha waħda.

**10.21.3 Biex tavża fejn qiegħed**
**eCall:** Agħfas il-buttuna SOS jekk il-vettura tiegħek ikollha waħda.
**App:** Uża applikazzjoni tal-mapep fuq il-mobile.

**290.** Biex terġa' tidħol fil-karreġġata minn hard shoulder wara li tiżviluppa ħsara, għandek:

- iżżid il-veloċità;

- tixgħel l-indicator u toqgħod attent għal spazju sikur fit-traffiku; u

- iżżomm f'moħħok li jista' jkun hemm vetturi, ostakli, jew radam fuq il-hard shoulder.

#### 10.21.4 Sewwieqa bi bżonnijiet speċjali

Jekk għandek bżonnijiet speċjali li ma jħallukx issegwi s-suġġeriment t'hawn fuq:

- ixgħel il-hazard lights tiegħek;
- ibqa' fil-vettura tiegħek u ibqa' liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà tiegħek; u
- ċempel 112 jew 119 minnufih u staqsi għall-pulizija. Inkella, agħfas il-buttuna SOS jekk il-vettura tiegħek ikollha waħda u staqsi għall-pulizija.

Jekk inti trux, nieqes mis-smigħ, jew għandek problemi biex titkellem, huwa rrakkomandat li tirreġistra għal emergency text service qabel ma tivvjaġġa.

### 10.22 Xogħlijiet fit-toroq

**291.** Meta tara s-sinjal tax-xogħlijiet fit-toroq (Roadworks Ahead) oqgħod attent ħafna u stenna sinjali oħra li jagħtuk struzzjonijiet aktar speċifiċi. Osserva s-sinjali kollha. Dawn qegħdin hemm biex ma jkunx hemm periklu għalik u għall-ħaddiema fit-toroq.

- TAQBIŻX l-ogħla limitu tal-veloċità.
- Żomm distanza sikura mill-vettura ta' quddiemek.
- Ħares fil-mirja tiegħek u idħol fil-mogħdija t-tajba minn qabel u skont ma jindikaw is-sinjali.
- Taqlibx il-mogħdijiet biex taqbeż il-kju tat-traffiku.
- Oqgħod aktar attent qrib iċ-ċiklisti u l-motoċiklisti peress li huma jistgħu jiskiddjaw aktar minn oħrajn fuq żrar, tajn, jew radam ieħor li jkun hemm fit-toroq waqt li jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet.
- Ingħaqad meta jmissek fejn il-mogħdijiet ikunu ristretti minħabba xogħlijiet fit-toroq.
- Issuqx f'żona mmarkata minn cones jew barriers tat-traffiku.
- Oqgħod attent minn vetturi li jkunu deħlin jew ħerġin miż-żona fejn qed isir ix-xogħol.

- Meta l-vetturi għaddejjin fit-triq juru dwal ta' twissija ambra, oqgħod aktar 'il bogħod minnhom u stenna li dawn inaqqsu l-veloċità jew jidħlu f'żona tax-xogħlijiet.

- Ikkonċentra biex issuq, mhux fix-xogħlijiet fit-triq.

- Żomm f'moħħok li t-triq aktar 'il quddiem tista' tkun ostakolata bix-xogħlijiet jew minn traffiku miexi bil-mod jew wieqaf.

**292.** Oqgħod attent b'mod speċjali f'toroq arterjali u distributorji.

- Il-mogħdijiet jistgħu jingħalqu għat-traffiku u jista' japplika limitu tal-veloċità aktar baxx.

- Il-vetturi tax-xogħlijiet jistgħu jintużaw biex jingħalqu l-mogħdijiet jew il-karreġġati minħabba xi tiswijiet. Fejn jidhru sinjali kbar "Keep Left" [Żomm max-Xellug] jew "Keep Right" [Żomm mal-Lemin] fuq in-naħa ta' wara ta' dawn il-vetturi, GĦANDEK tersaq u taqbiżhom min-naħa indikata u ma terġax tidħol lura fil-mogħdija magħluqa sakemm tara li m'hemmx periklu li tagħmel dan.

- TAQBIŻX vettura li jkollha s-sinjal "CONVOY VEHICLE NO OVERTAKING". Tista' tintuża wkoll vleġġa mdawla u tteptep jew "X" ħamra biex il-vettura tax-xogħol tkun tidher aktar mill-bogħod u biex is-sewwieqa jingħataw twissija minn qabel.

**293.** Ix-xogħlijiet fit-toroq jista' jkun fihom karatteristiċi li jeħtieġu iżjed attenzjoni.

### 10.22.1 Mogħdijiet dojoq

Il-mogħdijiet jistgħu jkunu idjaq min-normal u jkunu mmarkati bi studs jew marki temporanji fit-triq. Żomm distanza sikura mill-vettura ta' quddiemek u kun ċert li tista' tara b'mod ċar it-truf tal-mogħdija quddiemek.

### 10.22.2 Sistemi ta' contraflow

F'dawn is-sistemi tista' tkun qed issuq f'mogħdija idjaq min-normal u mingħajr ebda barrier permanenti bejnek u t-traffiku li jkun ġej. Fil-bidu u fit-tmiem tal-contraflows tinbidel il-forma tat-triq peress li l-wiċċ ta' din il-mogħdija jkollha għamla ta' arkata (camber of the road). Din il-bidla tista' taffettwa l-istabbiltà tal-vettura. Minħabba f'hekk f'dawn il-punti għandek tnaqqas il-veloċità u żżid id-distanza mill-vettura ta' quddiemek.

### 10.22.3 Sinjali u marki speċjali

Il-marki temporanji tat-triq f'siti tal-kostruzzjoni jkunu sofor. Ġeneralment it-tabelli temporanji jkollhom sfond isfar. Iż-żona tas-sit tkun imdawra permezz ta' cones tat-traffiku, barriers tal-concrete, jew tal-plastik. Iż-zebra crossings ikunu mmarkati bi strixxi bojod fuq sfond isfar.

### 10.22.4 Cones tat-traffiku

L-użu tal-kulur korrett tal-cones tat-traffiku huwa importanti biex javża lil min ikun fit-triq dwar ir-riskji għas-sikurezza jew biex jiggwidahom kif xieraq.

- **Cones tat-traffiku ORANĠJO** jintużaw fejn ikun hemm periklu tat-traffiku, fejn ikun hemm xogħlijiet fit-toroq, u fi proġetti li jużaw tagħmir tqil u vetturi tqal.

- **Cones tat-traffiku SOFOR** jintużaw f'sit tax-xogħol fejn ikun hemm riskji żgħar, biex iwissu lis-sewwieqa biex jgħaddu b'attenzjoni u jċedu lill-vetturi tal-kostruzzjoni, u fiż-żoni fejn ma tistax tipparkja jew tistenna.

- **Cones tat-traffiku ĦODOR** jintużaw f'punti ta' aċċess għall-vetturi tal-kostruzzjoni f'sit tax-xogħol, biex iwissu lis-sewwieqa, u biex jimmarkaw ir-rotot ta' devjazzjoni bħala gwida.

- **Cones tat-traffiku BLU** jintużaw biex jiġbdu l-attenzjoni għal periklu minn vetturi li jservu għal aktar minn użu wieħed jew strutturi fil-għoli, bħal pontijiet, tabelli, wires fil-għoli, eċċ.

- **Cones tat-traffiku ĦOMOR** jintużaw biex jimmarkaw żoni ta' periklu imminenti fejn ikun hemm ċans li xi ħadd iweġġa' serjament jew imut; biex ikun evitat periklu fuq il-post tax-xogħol; u biex jimmarkaw tagħmir ta' emerġenza bħal idranti għan-nar (fire hydrants).

- **Cone tat-traffiku VJOLA** jintużaw għall-isports, festini, u ċelebrazzjonijiet.

### 10.22.5 Sistemi ta' dawl tat-traffiku u pelican crossings

Meta sistema ta' dawl tat-traffiku b'attraversament pedonali integrat jew pelican crossing tkun fuq dawl oranġjo jteptep, dan ifisser li l-attraversament qed jaħdem bħallikieku huwa zebra crossing, u n-nies mexjin u l-utenti vulnerabbli għat-triq għandhom il-prijorità biex jaqsmu t-triq.

# 1

# ANNESS

# ANNESS 1

## A1.1: Ħtiġiet Għas-Sewwieqa tal-Karozzi u tal-Muturi

### A1.1.1 Liċenzja tas-sewqan

GĦANDU jkollok liċenzja valida tas-sewqan għall-kategorija tal-vettura bil-mutur li tkun qed issuq. GĦANDEK tinforma lil Transport Malta jekk tibdel ismek u/jew l-indirizz tiegħek.

Is-sewwieqa kollha jridu jaraw li jkollhom il-kategorija korretta u valida tal-liċenzja tas-sewqan għat-tip ta' vettura li jkunu qed jużaw u jsuqu fit-triq.

Sabiex tikseb liċenzja tas-sewqan, huwa meħtieġ permess ta' student (learner's permit) li jippermettilek tibda t-taħriġ fit-triq ma' għalliem awtorizzat. Għandek tapplika għal dan il-permess.

Il-kategoriji standard tal-liċenzji tas-sewqan A1, A2, A, B1, B, u BE tista' tapplika għalihom jekk għandek l-età minima kif imniżżel hawn taħt:

| Kategorija | Età Minima |
|---|---|
| **AM - e-kick scooters** | 16-il sena |
| **AM - mopeds u quadricycles scooters ħfief** | 18-il sena |
| **A1** | 18-il sena |
| **A2** | 20 sena |
| **A** | - 24 sena; JEW<br>- 22 sena u mill-anqas 2 esperjenza fil-Kategorija A2 |
| **B1** | 18-il sena |
| **B** | 18-il sena |
| **BE** | 18-il sena |

Il-kategoriji avvanzati tal-liċenzji tas-sewqan C, C+E, D u D+E u s-sottokategoriji C1, C1+E, D1 u D1+E tista' tapplika għalihom ukoll.

Biex tapplika għandu jkollok liċenzja valida tas-sewqan f'kategorija B għal minn tal-inqas xahar u għandu jkollok ukoll l-età minima kif imniżżel hawn taħt.

| Kategorija | Età Minima |
|---|---|
| **C1** | 18-il sena |
| **C1E** | 18-il sena |
| **C** | - 21 sena; JEW<br>- 19-il sena jekk għandek CPC Initial Qualification Certification |
| **CE** | - 21 sena; JEW<br>- 19-il sena jekk għandek CPC Initial Qualification Certification |
| **D1** | 21 sena, anke jekk għandek CPC Initial Qualification Certification |
| **D1E** | 21 sena, anke jekk għandek CPC Initial Qualification Certification |
| **D** | - 24 sena; JEW<br>- 21 sena jekk għandek CPC Initial Qualification Certification |
| **DE** | - 24 sena; JEW<br>- 21 sena jekk għandek CPC Initial Qualification Certification |

Min huwa residenti f'Malta u jkollu liċenzja mhux tal-Komunità Ewropea jista' jsuq biss b'dik il-liċenzja għal mhux aktar minn 12-il xahar mid-data li fiha jsir residenti f'Malta. Biex ikun intitolat li jibqa' jsuq għandu:

- jikseb liċenzja Maltija proviżorja u jagħmel u jgħaddi mit-test(ijiet) tas-sewqan f'dan il-perjodu ta' 12-il xahar; jew

- jibdilha ma' liċenzja Maltija fil-każ li s-sewwieq ikollu liċenzja minn pajjiż li jkun ġie nnominat fil-liġi għall-bdil ta' liċenzja.

**A1.1.2 Test biex jiċċertifika li vettura hija tajba għat-triq (Vehicle Roadworthiness Test – VRT)**

Il-karozzi normalment GĦANDHOM jgħaddu minn test tal-VRT erba' snin mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni u mbagħad wara kull sentejn. M'GĦANDEKX issuq vettura bil-mutur mingħajr ċertifikat tal-VRT meta suppost għandu jkollha wieħed. L-eċċezzjonijiet għal dan hu meta ssuq biex tasal għal appuntament għat-test ibbukkjat minn qabel jew meta ssuq sa garaxx għal tiswijiet meħtieġa biex tgħaddi mit-test. Is-sewqan ta' vettura bil-mutur li mhux tajba għat-triq jista' jinvalida l-assigurazzjoni tiegħek.

**A1.1.3 Assigurazzjoni**

Biex tuża vettura bil-mutur fit-triq, irid IKOLLOK polza tal-assigurazzjoni valida. Din GĦANDHA tkoprik mill-anqas għal każi fejn iweġġgħu terzi persuni jew jekk issir ħsara lil terzi persuni waqt li int tkun qed issuq dik il-vettura bil-mutur. Qabel ma ssuq kwalunkwe vettura bil-mutur, ara li għandha din il-kopertura għall-użu tiegħek jew li l-assigurazzjoni tiegħek stess tipprovdi kopertura adegwata. M'GĦANDEKX issuq vettura mingħajr assigurazzjoni. Barra minn hekk, żomm f'moħħok li l-kumpanija tal-assigurazzjoni xorta tista' żżommok responsabbli ta' inċident tat-traffiku anke jekk ma jkunx tort tiegħek.

It-tipi ta' kopertura disponibbli huma indikati hawn taħt:

**Assigurazzjoni lil terzi persuni** – Din ħafna drabi hija l-orħos forma ta' assigurazzjoni, u hija l-kopertura minima meħtieġa mil-liġi. Tkopri lil kull min jista' jweġġa' jew iġarrab ħsara fil-proprjetà minħabba fik. Ma tkoprix ħsara lill-vettura bil-mutur tiegħek stess jew jekk tweġġa' inti stess.

**Assigurazzjoni lil terzi persuni, kontra n-nirien u s-serq** – Din hija simili bħall-assigurazzjoni lil terzi persuni iżda tkoprik ukoll jekk il-vettura bil-mutur tiegħek tinsteraq jew issirilha xi ħsara bin-nar.

**Assigurazzjoni sħiħa** – Din hija l-ogħla iżda l-aħjar tip ta' assigurazzjoni. Minbarra li tkopri persuni u proprjetà oħra jekk iweġġgħu jew issirilhom il-ħsara, tkopri wkoll ħsara lill-vettura bil-mutur tiegħek stess, sal-valur tas-suq tal-vettura, u tkoprik ukoll jekk tweġġa' inti stess.

**Ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-vettura** – Dan iċ-ċertifikat jinħareġ għall-vetturi bil-mutur kollha użati fit-triq. Iċ-ċertifikat jiddeskrivi l-vettura (l-għamla, il-mudell, eċċ.) u jagħti d-dettalji tal-kustodju rreġistrat. GĦANDEK tinnotifika lil Transport Malta mill-aktar fis possibbli meta tixtri jew tbigħ vettura bil-mutur, jew jekk tibdel ismek jew l-indirizz tiegħek.

**Il-liċenzja tat-triq tal-vettura** – Din il-liċenzja għandha titħallas fuq il-vetturi bil-mutur kollha użati jew miżmuma fit-toroq pubbliċi.

**Vetturi ggaraxxjati** – In-notifika ta' vetturi ggaraxxjati tinforma lil Transport Malta li vettura bil-mutur mhix qed tintuża fit-triq. Jekk int is-sid ta' vettura u trid iżżommha mingħajr liċenzja u mhux fit-triq pubblika GĦANDEK tinforma lil Transport Malta. Huwa reat jekk ma tagħmilx dan.

**Produzzjoni ta' dokumenti** – Għandu jkollok dejjem il-liċenzja tas-sewqan u d-dokument ta' magħha, ċertifikat validu tal-assigurazzjoni u, jekk applikabbli, ċertifikat validu tal-VRT, u tippreżentahom lil uffiċjal tal-pulizija jew uffiċjal awtorizzat jekk jitolbuhomlok. Jekk ma tistax tagħmel dan, jistgħu jitolbuk toħodhom f'għassa tal-pulizija.

**A1.1.4 Ħtiġiet għal-liċenzja tas-sewqan**

GĦANDEK tgħaddi mit-test tat-teorija u mbagħad mit-test tas-sewqan prattiku għall-kategorija tal-vettura li tixtieq issuq qabel ma tikseb liċenzja tas-sewqan. Sewwieqa ġodda ta' muturi u vetturi ħfief li jġorru l-passiġġiera u l-merkanzija jingħataw liċenzja tas-sewqan ta' prova. Din il-liċenzja tinħareġ għal perjodu ta' prova ta' mhux aktar minn tliet snin, u wara tinħareġ liċenzja sħiħa tas-sewqan. Tapplika wkoll sistema ta' punti penali li tista' twassal għar-revoka tal-liċenzja tas-sewqan, kemm għal-liċenzji tas-sewqan ta' prova, kif ukoll sħaħ.

## A1.2 Manutenzjoni, Sikurezza, u Sigurtà tal-Vettura

### A1.2.1 Manutenzjoni tal-vettura

Oqgħod attent b'mod speċjali li d-dwal, il-brejkijiet, l-istering, is-sistema tal-exhaust, iċ-ċinturini tas-sigurtà, is-sistema li tneħħi ċ-ċpar (demisters), il-wipers, il-washers, u kwalunkwe sistemi ta' twissija li jinstemgħu (audible warning systems) ikunu kollha qed jaħdmu. Barra minn hekk:

- id-dwal, l-indicators, ir-rifletturi, u l-pjanċi tan-numru GĦANDHOM jinżammu nodfa u ma jkunux mgħottijin;

- il-windscreens u t-twieqi GĦANDHOM jinżammu nodfa u ħielsa minn kulma jista' jtellfek milli tara t-triq;

- id-dwal GĦANDHOM ikunu ssettjati biex ma jgħammxux lil ħaddieħor li juża t-triq;

- għandek tagħti aktar attenzjoni lill-manutenzjoni jekk il-vettura tkun mgħobbija ħafna;

- l-emissjonijiet tal-exhaust M'GĦANDHOMX jaqbżu l-livelli imposti;

- ara li s-seat, iċ-ċinturin tas-sigurtà, il-headrest, u l-mirja tiegħek jiġu ssettjati b'mod korrett qabel ma ssuq; u

- kun ċert li kull oġġett fil-bagoll ikun stivat sew.

### A1.2.2 Displays ta' twissija

Kun ċert li tifhem xi jfissru d-displays ta' twissija kollha fuq l-instrument panel tal-vettura. Tinjorax is-sinjali ta' twissija għax jistgħu juruk li l-vettura qed tiżviluppa ħsara perikoluża.

- Meta ddawwar iċ-ċavetta, id-dwal ta' twissija jixegħlu iżda jintfew hekk kif tixgħel il-magna (ħlief id-dawl ta' twissija tal-handbreak). Jekk ma jintfewx jew jekk jixegħlu waqt li tkun qed issuq, waqqaf u investiga l-problema, għax jista' jkollok ħsara serja.

- Jekk id-dawl ta' twissija taċ-ċarġ jixgħel waqt li tkun qed issuq, jista' jfisser li l-batterija ma tkunx qed tiċċarġja. Għandek tinvestiga din it-twissija malajr kemm jista' jkun biex tevita li jintfew id-dwal tal-vettura u sistemi elettriċi oħra.

### A1.2.3 Ħġieġ skurat (window tints)

M'GĦANDEKX issuq vettura bil-ħġieġ tal-windscreen jew tal-bibien ta' quddiem fuq kull naħa tas-sewwieq skurat ħafna. Fi kwalunkwe każ, il-windscreen, it-twieqi tal-ġnub ta' quddiem u ta' wara, u t-tieqa ta' wara nett iridu jkunu konformi mal-limiti imposti tal-Visual Light Transmittance (VLT). Ħġieġ skurat mill-fabbrika huwa konformi mal-istandards.

### A1.2.4 Tyres

It-tyres GĦANDHOM jintefħu skont kif ikun indikat mill-manifattur tal-vettura għat-tagħbija li tinġarr. Irreferi dejjem għall-manwal jew għad-data tal-vettura. It-tyres m'għandux ikollhom qatgħat u difetti oħra.

Karozzi, vannijiet u trailers ħfief GĦANDU jkollhom tread pattern fond mill-anqas 1.6 mm tul it-tliet kwarti ċentrali tal-wisa' tat-tread pattern u madwar it-tyre kollu.

Muturi, vetturi kbar, u vetturi li jġorru l-passiġġiera GĦANDU jkollhom tread pattern fond mill-anqas 1 mm tul it-tliet kwarti ċentrali tal-wisa' tat-tread pattern u madwar it-tyre kollu.

Mopeds għandu jkollhom tread pattern li jidher.

**Età tat-tyre** – Tyres ta' aktar minn għaxar snin m'għandhomx jintużaw fuq il-fusien (axles) ta' quddiem ta':

- vetturi tal-merkanzija li jiżnu aktar minn 3,500 kg (maximum gross weight); u
- vetturi li jġorru l-passiġġiera b'aktar minn tmien seats tal-passiġġiera.

Barra minn hekk, M'GĦANDHOMX jintużaw fuq il-fusien ta' wara ta' vetturi li jġorru l-passiġġiera li jkollhom bejn 9 u 16-il seat tal-passiġġiera, sakemm dawn il-vetturi ma jkunux mgħammra b'roti doppji.

Il-marki tad-data tal-manifattura tat-tyres GĦANDHOM ikunu dejjem jinqraw biex tkun tista' tiġi ppruvata l-età tagħhom.

Jekk jinfaqa' tyre waqt li tkun qed issuq, ipprova żomm il-kontroll tal-vettura tiegħek. Aqbad l-istering b'mod sod u waqqaf il-vettura mal-ġenb tat-triq.

Jekk għandek tyre mniżżel, waqqaf hekk kif ma jkunx hemm periklu. Ibdel it-tyre biss jekk tista' tagħmel dan mingħajr ma tkun fil-periklu int jew tipperikola lil ħaddieħor – inkella sejjaħ servizz li jgħinek f'dawn il-każi ta' ħsara.

**Pressa fit-tyres** – Iċċekkja l-pressa fit-tyres kull ġimgħa. Agħmel dan qabel ma ssuq meta t-tyres ikunu kesħin. Dan għaliex il-valuri meta taqra l-pressa f'tyres sħan jew jaħarqu jistgħu jkunu żbaljati u jqarrqu bik.

Il-brejkijiet u l-istering tiegħek ikunu affettwati ħażin minn tyres mhux minfuħin biżżejjed jew minfuħin iżżejjed. Ħsarat fis-sistemi tal-brejkijiet jew tas-suspensions, jew roti mhumiex allinjati jistgħu jikkawżaw tkagħbir eċċessiv jew irregolari tat-tyres. Sewwi dawn il-ħsarat mill-aktar fis possibbli.

### A1.2.5 Livelli tal-fluwidi

Iċċekkja l-livelli tal-fluwidi fil-vettura tiegħek mill-anqas darba fil-ġimgħa. Fluwidu tal-brejkijiet baxx jista' jwassal biex il-brejkijiet ma jaħdumx, u b'hekk ikollok inċident. Ara li tagħraf id-dawl ta' twissija meta jkollok livell baxx ta' fluwidu, jekk il-vettura tiegħek tkun mgħammra bih.

### A1.2.6 Batterija

Ara li l-batterija tkun miżmuma tajjeb u li jkollok anti-freeze agents fir-radiator u fir-reservoir tal-windscreen.

### A1.2.7 Magni sħan iżżejjed jew nar

Il-biċċa l-kbira tal-magni jibirdu permezz tal-ilma. Jekk il-magna tiegħek tisħon iżżejjed għandek tistenna sakemm tiksaħ b'mod naturali. Wara li tiksaħ neħħi t-tapp minn fejn timla l-coolant u żid l-ilma jew il-coolant.

Jekk il-vettura tiegħek tieħu n-nar, għin lil min ikun ġol-vettura joħroġ u ersqu 'l bogħod mill-periklu. Tippruvax titfi n-nar fil-kompartiment tal-magna, ġaladarba l-ftuħ tal-bonett iwassal in-nar biex ileħħ. Sejjaħ is-servizzi tat-tifi tan-nar.

**Stazzjonijiet minn fejn jimtela l-petroleum, tankijiet tal-fuel u leaks tal-fuel** – Kun ċert li meta timla t-tank tal-vettura tiegħek jew kwalunkwe laned tal-fuel li tkun qed iġġorr, ma xxerridx fuel mal-art fil-forecourt. Kwalunkwe fuel li jinxtered għandu jiġi rrappurtat minnufih lill-assistent tal-istazzjon minn fejn jimtela l-petroleum. It-tixrid tad-diesel huwa perikoluż għal min juża t-triq, b'mod partikolari l-motoċiklisti, peress li dan inaqqas sew kemm it-tyres jaqbdu mal-wiċċ tat-triq. Iċċekkja sew għal leaks tal-fuel u kun ċert li:

- ma timliex it-tank tal-fuel tiegħek iżżejjed;
- it-tapp tal-fuel huwa magħluq tajjeb;
- is-siġill fl-għatu ma jkunx imqatta', mherri, jew nieqes; u
- m'hemm l-ebda ħsara fit-tapp jew fit-tappijiet tal-fuel ta' emerġenza tat-tank tal-fuel. Jekk dawn ikunu mwaħħla għandhom jissiġillaw it-tank tajjeb.

Tpejjipx u tużax mobile fuq il-forecourt tal-istazzjon minn fejn jimtela l-petroleum peress li t-tipjip u l-użu ta' apparat elettroniku f'żoni ta' periklu li jkun hemm f'post bħal dan jistgħu jikkawżaw nirien u splużjoni.

Agħmel il-kontrolli ta' kuljum (daily walkaround checks) ta' vetturi kummerċjali, kif irrakkomandat minn Transport Malta.

**A1.2.8 Sigurtà tal-vettura**
Meta toħroġ mill-vettura tiegħek:

- neħħi ċ-ċavetta tal-ignition u llokkja l-istering;
- sakkar il-karozza, anke jekk tħalliha biss għal ftit minuti;
- agħlaq it-twieqi kompletament;
- m'għandek qatt tħalli t-tfal jew l-annimali domestiċi fiha jekk ma jkunx hemm ventilazzjoni;
- ħu l-affarijiet kollha li jkollok miegħek jew qegħedhom fil-bagoll. Ftakar li għall-ħallelin kull basket jista' jkun fih oġġetti ta' valur; u
- qatt tħalli d-dokumenti tal-vettura fiha.

Għal aktar sigurtà installa anti-theft device bħal alarm jew immobiliser. Jekk se tixtri karozza ġdida tagħmel sew jekk tiċċekkja kemm il-vettura jkollha apparati ta' sigurtà diġà inkorporati fiha. Ikkunsidra li tinċidi n-numru tar-reġistrazzjoni tiegħek mat-twieqi kollha tal-karozza għax dan huwa deterrent irħis u effettiv għall-ħallelin professjonisti.

**A1.2.9 Problemi oħra**
Jekk il-vettura tiegħek:

- tiġbed lejn naħa waħda meta tibbrejkja, x'aktarx li għandek il-ħsara fil-brejkijiet jew li t-tyres minfuħin ħażin. Ħu l-vettura f'garaxx jew għand mekkanik immedjatament;
- tkompli toqmos wara li tinżel 'l isfel minn quddiem jew minn wara, ix-shock absorbers therrew. Shock absorbers mherrijin jistgħu jaffettwawk sew meta ssuq vettura u għalhekk għandhom jinbidlu; u
- tarmi riħa stramba bħal lasktu maħruq, petrol, jew ta' meta jkun hemm ħsara elettrika, investigaha immedjatament. Tissugrax li l-vettura tieħu n-nar.

## A1.3 L-Ewwel Għajnuna fit-Triq

Din l-informazzjoni li ġejja hija maħsuba bħala gwida ġenerali għal dawk li mhumiex imħarrġin fl-ewwel għajnuna iżda m'għandux jitqies bħala sostitut għal taħriġ xieraq. L-ewwel għajnuna li tingħata fuq il-post tal-inċident għandha titqies biss bħala miżura temporanja sakemm jaslu s-servizzi tal-emerġenza.

**A1.3.1 Ittratta l-periklu**
Ħabtiet oħra u nirien huma l-perikli ewlenin wara ħabta. Ersaq b'attenzjoni lejn vettura involuta f'ħabta. Itfi l-magni kollha u wissi lil traffiku ieħor jekk hu possibbli. Tħalli lil ħadd ipejjep.

**A1.3.2 Ikseb l-għajnuna**
Ipprova ikseb l-għajnuna minn dawk li jkunu għaddejjin. Qabbad lil xi ħadd biex isejjaħ is-servizzi ta' emerġenza li hemm bżonn fuq 119 jew 112 kemm jista' jkun malajr. Jeħtieġ li jkunu jafu l-post eżatt tal-inċident u kemm vetturi huma involuti. Ipprova agħti informazzjoni dwar il-kundizzjoni ta' kwalunkwe vittma (eż. jekk xi ħadd ikollu diffikultà biex jieħu n-nifs, qed jitlef ħafna demm, jew ma jirrispondix lil min ikellmu).

**A1.3.3 Għajnuna lil dawk involuti**
IĊĊAQLAQX vittmi li għadhom fil-vetturi sakemm ma jkunx f'aktar periklu. TNEĦĦIX l-elmu ta' motoċiklist sakemm dan ma jkunx essenzjali. Ftakar li vittma jista' jkollha xokk fuqha. TAGĦTIHIEX x'tiekol jew x'tixrob. IPPROVA saħħan il-vittma u żommha komda kemm tista'. Ipproteġiha mix-xita, iżda evita li ċċaqlaqha bla bżonn. SERRĦILHA moħħha b'kunfidenza u pprova tħallihiex waħedha jew timxi fit-traffiku.

**A1.3.4 Agħti kura ta' emerġenza**
Ftakar l-ittri D R A B u C:
**D Danger (Periklu)** – Ara li m'intix fil-periklu.

**R Response (Tweġiba)** – Ipprova ikseb tweġiba billi tistaqsi mistoqsijiet u bil-mod ċaqlaq spallejn il-vittma.

**A Airway (Passaġġ tan-nifs)** – Jekk il-persuna ma tkunx qed titkellem, il-passaġġ tan-nifs jista' jkun imblokkat. Allura poġġi id waħda taħt il-geddum u għolli l-geddum 'il fuq u 'l quddiem. Jekk il-vittma xorta jkollha diffikultà biex tieħu n-nifs mejlilha rasha bil-mod. Jekk il-vittma tintilef minn sensiha u tieħu n-nifs, poġġiha f'pożizzjoni ta' rkupru (recovery position) sakemm tasal l-għajnuna medika.

**B Breathing (Nifs)** – Għandu jiġi stabbilit in-nifs tal-vittma. Ladarba l-passaġġ tan-nifs ikun miftuħ, iċċekkja n-nifs sa għaxar sekondi.

**C Compressions (Kumpressjonijiet)** – Jekk il-vittma m'għandha l-ebda sinjal ta' ħajja u qalbha mhix tħabbat, għandhom jingħataw kompressjonijiet fis-sider. Poġġi jdejk fiċ-ċentru tas-sider u agħfas 'l isfel bejn 5–6 ċm bis-saħħa u mgħaġġel b'rata ta' 100/minuta. Jaf ikollok bżonn tuża id waħda biss għat-tfal u m'għandekx tagħfas daqshekk 'l isfel. Għat-trabi uża żewġt iswaba' f'nofs is-sider biex tagħti l-kompressjonijiet u tagħfasx 'l isfel ħafna.

**Telf tad-demm** – L-ewwel iċċekkja jkunx hemm xi ħaġa fil-ferita, bħall-ħġieġ. Oqgħod attent li ma tagħfasx fuq l-oġġett u imla kull naħa tal-oġġett b'materjali rotob. Jekk ma jkun hemm xejn fil-ferita, agħfas b'mod sod fuq il-ferita biex twaqqaf il-ħruġ tad-demm. Hekk kif ikun prattiku, poġġi pad mal-ġerħa b'faxxa jew drapp. Uża l-aktar materjal nadif disponibbli. Jekk ħiereġ id-demm minn driegħ/riġel li ma jkunx miksur, għollih 'il fuq mil-livell tal-qalb biex tnaqqas il-ħruġ tad-demm. Kwalunkwe restrizzjoni fiċ-ċirkolazzjoni tad-demm għal aktar minn żmien qasir tista' twassal għal ħsara fit-tul.

**Ħruq** – Iċċekkja jekk il-vittma għandhiex xokk fuqha u, jekk possibbli, ipprova kessaħ il-ħruq għal mill-anqas 20 minuta b'ħafna ilma nadif u kiesaħ jew likwidu ieħor mhux tossiku. Tippruvax tneħħi dak kollu li jkun weħel mal-ħruq.

**Kun ippreparat** – Dejjem żomm kit tal-ewwel għajnuna. Jista' jkun li qatt ma jkollok bżonnu iżda permezz tiegħu tista' ssalva ħajja. Tgħallem l-ewwel għajnuna minn kwalunkwe korp kwalifikat xieraq.



2

# ANNESS

## KODIĊI TA' SIKUREZZA GĦAL SEWWIEQA ĠODDA

# ANNESS 2: KODIĊI TA' SIKUREZZA GĦAL SEWWIEQA ĠODDA

Dan il-kodiċi jgħinek issuq b'mod sikur fl-ewwel sena tiegħek wara li tgħaddi mit-test tas-sewqan, meta tkun l-aktar vulnerabbli.

Dejjem għandek issegwi l-*Kodiċi tat-Triq ta' Malta*.

1. Is-sewqan huwa l-aktar perikoluż billejl. Issuqx bejn nofsillejl u s-06:00 sakemm ma jkunx verament meħtieġ.

2. Tħallix il-passiġġiera jaljenawk jew jinkoraġġuk tissogra. Għidilhom li għandek bżonn tikkonċentra fuq is-sewqan.

3. Qatt m'għandek tipprova turi kemm taf issuq jew tikkompeti ma' sewwieqa oħra, b'mod partikolari jekk dawn ikunu qed isuqu ħażin.

4. Issuqx jekk tkun xrobt xi alkoħol jew ħadt xi drogi. Xi mediċini jistgħu jaffettwaw il-ħila tiegħek li ssuq mingħajr periklu. Dejjem aqra sew it-twissija fuq it-tikketta.

5. Kun ċert li kulħadd jilbes iċ-ċinturin tas-sigurtà matul il-vjaġġ kollu.

6. Żomm il-veloċità tiegħek baxxa, speċjalment f'liwjiet.

7. Oqgħod attent ħafna meta ssuq karozzi b'qawwa għolja jew sportivi, anke jekk tgħallimt issuq f'waħda bħalhom.

8. Irid ikollok assigurazzjoni – huwa reat li ssuq mingħajrha.

3

# ANNESS

## LISTA TA' LIĠIJIET U REGOLAMENTI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAT-TRAFFIKU TAL-VETTURI U TAL-PERSUNI MEXJIN FIT-TRIQ

# ANNESS 3: LISTA TA' LIĠIJIET U REGOLAMENTI LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAT-TRAFFIKU TAL-VETTURI U TAL-PERSUNI MEXJIN FIT-TRIQ

- Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10)
- Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65)
- Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata (L.S. 65.05)
- Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11)
- Regolamenti dwar l-Ilbies ta' Ċinturini tas-Sigurtà fil-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.12)
- Regolamenti dwar l-Ikklempjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru (L.S. 65.13)
- Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq (L.S. 65.15)
- Regolamenti dwar it-Testijiet tan-Nifs (L.S. 65.16)
- Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.18)
- Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.19)
- Regolamenti dwar Piżijiet, Dimensjonijiet, u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.21)
- Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.22)
- Regolamenti dwar Vetturi b'Qawwa Baxxa u Ċikletti tal-Pedali (L.S. 65.26)
- Regolamenti dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ ta' Vetturi fl-Imdina (L.S. 65.27)
- Regolamenti Aċċess Kontrollat ta' Vetturi f'Ċerti Żoni (L.S. 65.31)
- Regolamenti dwar il-Mikromobilità (L.S. 65.32)
- Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499)
- Regolamenti dwar l-Użu fit-Triq ta' Bhejjem u Vetturi Miġbuda minn Bhima (L.S. 499.66)

4

# ANNESS

## SINJALI TAL-IDEJN U TAT-TRAFFIKU

# ANNESS 4: SINJALI TAL-IDEJN U TAT-TRAFFIKU

Dawn is-sinjali għandhom jingħataw mis-sewwieqa tal-muturi, miċ-ċiklisti, u minn dawk inkarigati mill-vetturi miġbuda mill-annimali. Jistgħu jingħataw ukoll minn sewwieqa ta' vetturi oħra bil-mutur, iżda f'dan il-każ tal-aħħar mhumiex obbligatorji sakemm is-sinjali bid-dawl ma jkunux bil-ħsara dak il-ħin.

SINJALI LIL PERSUNI OĦRA LI JKUNU QED JUŻAW IT-TRIQ

**Sinjali tal-indicator li juru d-direzzjoni**



"Għandi l-intenzjoni li NOĦROĠ jew INDUR lejn il-LEMIN tiegħi."



"Għandi l-intenzjoni li NIDĦOL/NERSAQ mal-ġenb jew INDUR lejn ix-XELLUG tiegħi."

**Sinjali tad-dawl tal-brejk u tar-reverse**



"Qed NIBBREJKJA."



"Għandi l-intenzjoni li NIRRIVERSJA."

**Sinjali bi driegħek jew b'idek**



"Għandi l-intenzjoni li NIDĦOL/NERSAQ mal-ġenb jew INDUR lejn ix-XELLUG tiegħi."



"Għandi l-intenzjoni li NOĦROĠ jew INDUR lejn il-LEMIN tiegħi."



"Għandi l-intenzjoni li NNAQQAS jew NIEQAF."

Dawn is-sinjali għandhom jintużaw ukoll meta wieħed inaqqas il-veloċità jew iwaqqaf f'pedestrian crossing.



SINJALI MINN UFFIĊJALI AWTORIZZATI LI JIKKONTROLLAW IT-TRAFFIKU



"Irrid nibqa' sejjer DRITT."



"Irrid INDUR lejn ix-XELLUG."



"Irrid INDUR lejn il-LEMIN."

Is-sinjali bl-idejn għad-dawrien lejn ix-xellug u lejn il-lemin jistgħu jingħataw jekk l-indicator mekkaniku jew li jteptep ikun bil-ħsara dak il-ħin.

SINJALI MINN UFFIĊJALI AWTORIZZATI

**Ieqaf**



It-traffiku ġej minn quddiem



It-traffiku ġej, kemm minn quddiem, kif ukoll minn wara



It-traffiku ġej minn wara

**Kompli sejjer**



Mill-ġenb



Min-naħa ta' quddiem



Minn wara


STOP

# 5

# ANNESS

## SINJALI TAT-TRAFFIKU U MARKI TAT-TRIQ

# ANNESS 5: SINJALI TAT-TRAFFIKU U MARKI TAT-TRIQ

F'Malta, is-sinjali tat-traffiku huma bbażati fuq il-United Nations Organisation Protocol u jintużaw mad-dinja kollha.

Bażikament, il-kodiċi hu magħmul minn tliet kategoriji ta' sinjali – Sinjali ta' Twissija, Sinjali Regolatorji, u Sinjali Informattivi. Kull kategorija jkollha l-forma, il-kulur, u l-format tagħha. It-tifsira tas-sinjal hu kkondensat f'simbolu. Fejn meħtieġ, ikun hemm skrizzjoni qasira fuq pjanċa żgħira mehmuża mas-sinjal tat-traffiku biex tfisser aħjar il-messaġġ jew fejn japplika s-sinjal.

Varjazzjonijiet lokali żgħar huma permessi sakemm ikunu konformi mal-intenzjoni ġenerali ta' dan il-kodiċi. Fil-fatt, xi wħud mis-sinjali tat-traffiku f'Malta għandhom xi varjazzjoni. It-tabelli tat-traffiku ġeneralment ikunu jirriflettu sabiex billejl jidhru sew bid-dwal tal-fanali ta' quddiem.

Filwaqt li s-Sinjali ta' Twissija u Informattivi huma maħsuba biex jgħinu u jiggwidaw is-sewwieqa, is-Sinjali Regolatorji jimponu obbligi definiti. Is-Sinjali Regolatorji jistgħu jkunu:

- projbitorji (jiġifieri li jipprojbixxu ċerti manuvrar); jew

- obbligatorji (jiġifieri li jimponu ċerti manuvrar).

Il-projbizzjoni tista' tkun immedjata jew kontinwa. Projbizzjoni immedjata tapplika għal punt uniku jew kontinġenza u l-applikabbiltà tagħha tintemm immedjatament. Min-naħa l-oħra, projbizzjoni kontinwa tapplika għal medda ta' triq jew żona u tkompli sakemm il-projbizzjoni titneħħa b'sinjal ieħor għal dan il-għan.

**IS-SINJALI INTERNAZZJONALI TAT-TRAFFIKU BBAŻATI FUQ IL-VIENNA CONVENTION TAL-1968**

Kun ċert li tifhem u tobdi s-sinjali kollha tat-traffiku, is-sinjali ta' informazzjoni, u l-marki tat-triq.

SINJALI TA' TWISSIJA

**Liwjiet Perikolużi**



Liwja lejn ix-xellug



Liwja lejn il-lemin



Liwja f'għamla ta' 'S' lejn il-lemin



Liwja f'għamla ta' 'S' lejn ix-xellug



Serje ta' liwjiet

**Salib it-toroq ma' toroq tal-istess importanza**



Salib it-toroq



T-junction



Triq fuq ix-xellug



Triq fuq il-lemin



Dwal tat-traffiku aktar 'il quddiem



Salib it-toroq



T-junction



Roundabout




Ċedi (f'toroq prinċipali)




Ċedi (twissija bil-quddiem)

**Salib it-toroq ma' toroq sekondarji**



Salib it-toroq



Triq fuq ix-xellug



Triq fuq il-lemin



Salib it-toroq maqsumin (l-ewwel fuq ix-xellug)



Salib it-toroq maqsumin (l-ewwel fuq il-lemin)



It-triq tidjieq fuq in-naħa tax-xellug



It-triq tidjieq fuq in-naħa tal-lemin



Tintemm il-karreġġata doppja



Laqx



Tiġrif tal-blat



Vetturi mexjin bil-mod fi tlajja' jew inżul

**Perikli fit-triq**



It-triq tidjieq




Niżla wieqfa




Telgħa wieqfa



It-triq tiżloq



Moll



Triq mhix imwittija



Ħotba fit-triq



Cable tal-elettriku



Traffiku b'żewġ direzzjonijiet aktar 'il quddiem



Mina aktar 'il quddiem



Periklu ieħor



Devjazzjoni kbira lejn ix-xellug (jew lejn il-lemin jekk ix-chevrons ikunu bil-kontra)



Periklu fix-xifer tat-triq

**Perikli għall-ħajja**


Pedestrian crossing (aktar ’il quddiem)


Tfal (skola)


Xogħlijiet fit-toroq


Persuni mexjin fit-triq li jmiss


Anzjani


Ajruplani jittajru fil-baxx


Stalel


Irkib taż-żwiemel


Vetturi agrikoli

## SINJALI REGOLATORJI

**Sinjali Projbitorji ta’ Direzzjoni**


Iddurx lejn ix-xellug


Iddurx lejn il-lemin


Tagħmilx ‘U’-turn


Tidħolx minn din in-naħa


Il-vetturi kollha huma pprojbiti li jidħlu miż-żewġ direzzjonijiet ħlief għall-aċċess



Għassa waqt li t-tfal jaqsmu ħdejn l-iskola (School crossing patrol)

**Sinjali projbitorji (kategoriji speċjali)**


Roti pprojbiti


Vetturi bil-mutur ipprojbiti


Vetturi kbar ipprojbiti


Vetturi miġbudin miż-żwiemel


Persuni mexjin ipprojbiti

## Perikli fit-triq


Muturi pprojbiti


Vetturi bil-mutur ipprojbiti


Irkib taż-żwiemel ipprojbit



Limitu tal-wisa'



Limitu tal-għoli



Limitu tat-tul



Limitu tal-piż



Piż tal-fus

## Sinjali ta' għemil projbitorju



Limitu tal-veloċità



Tmiem il-limitu tal-veloċità



Dħul f'żona b'limitu tal-veloċità



Tmiem iż-żona b'limitu tal-veloċità


Japplika l-limitu tal-veloċità nazzjonali


Ma tistax taqbeż


Tmiem tal-projbizzjoni li taqbeż


Ma tistax taqbeż b'vetturi kbar


Tmiem tal-projbizzjoni li taqbeż b'vetturi kbar


It-triq tagħlaq għall-vetturi (cul-de-sac)



It-triq tagħlaq għall-vetturi fuq ix-xellug (cul-de-sac)



Iddoqqx il-ħorn



Tmiem tal-projbizzjoni li ddoqq il-ħorn



Ma tistax tistenna



Ma tistax tieqaf

**Sinjali ta' għemil obbligatorju**




Ieqaf



Ċedi lit-traffiku li jkun se jaqsam



Għandek prijorità fuq it-traffiku li jkun se jaqsam



Tmiem il-prijorità



Ċedi lit-traffiku li ġej mid-direzzjoni opposta



Għandek prijorità fuq it-traffiku li ġej mid-direzzjoni opposta




Limitu minimu tal-veloċità



Tmiem il-limitu minimu tal-veloċità



Pedestrian crossing (sinjal tal-pożizzjoni)



Passaġġ li għandu jintuża mir-roti tal-pedali biss



Passaġġ maqsum biex jintuża mir-roti tal-pedali u minn-persuni mexijn



Karozzi tal-linja u roti biss



Passaġġ għal persuni mexjin




Waqfiet għall-karozzi tal-linja (bus stops)




**Mogħdija prijoritarja għall-vetturi mexjin fl-istess direzzjoni**

Dan is-sinjal jitqiegħed f'punti intermedji tul dawn il-mogħdijiet




**Mogħdija prijoritarja għall-vetturi f'salib it-toroq li ġej**

Dan is-sinjal jitqiegħed f'karreġġati li jaqsmu karreġġati li għandhom mogħdijiet prijoritarji għall-vetturi mexjin fl-istess direzzjoni.




**Tmiem il-mogħdija prijoritarja**

Dan is-sinjal juri li l-mogħdija prijoritarja għall-vetturi mexjin fl-istess direzzjoni ntemmet.




**Mogħdija prijoritarja għall-vetturi mexjin fl-istess direzzjoni**

Dan is-sinjal juri li l-mogħdija għandha tintuża biss minn:

- vetturi bil-mutur magħmulin jew adattati biex iġorru aktar minn tmien passiġġiera (apparti s-sewwieq); u
- taxis fil-ħin indikat fil-parti ta' isfel tal-pjanċa.

Jista' jkun hemm ukoll simbolu ta' karozzin, mutur, jew rota tal-pedali fuq il-pjanċa li tindika li l-mogħdija prijoritarja tista' tintuża wkoll minn dawn il-mezzi ta' trasport.




Ma tistax tistenna fl-ebda ħin




Ma tistax tistenna fil-ħin indikat




Ma tistax tistenna ħlief biex tgħabbi jew tħott




Vetturi kbar ipprojbiti ħlief biex tagħti servizz f'din it-triq jew residenti f'din it-triq




Vetturi pprojbiti ħlief biex tgħabbi




Tidħolx ħlief biex tgħabbi




Ma tistax tidħol jew tistenna (ma tapplikax għall-
mezzi ta' trasport tal-iskola)

## Sinjali Obbligatorji ta' Direzzjoni



Ibqa' sejjer dritt 'il quddiem



Mur lejn ix-xellug



Mur lejn il-lemin



Ikser fuq ix-xellug



Ikser fuq il-lemin

**Perikli għall-ħajja**



Il-vetturi jistgħu jgħaddu minn kull naħa biex jaslu fl-istess destinazzjoni



Żomm max-xellug



Żomm mal-lemin



Mur fuq ix-xellug jew fuq il-lemin



Mur dritt jew fuq ix-xellug



Mur dritt jew fuq il-lemin



Roundabout




Direzzjoni waħda

**Pjanċi**



Bidu tal-projbizzjoni



Tmiem il-projbizzjoni



Tkompli l-projbizzjoni

Pjanċi tad-distanza













Sinjali tal-messaġġ




























Eċċezzjoni għall-aċċess ta' post u art maġenb it-triq fejn m'hemmx rotta alternattiva

## Sinjali Ġenerali



Mogħdija għall-karozzi tal-linja (bus lane) b'direzzjoni kontra t-traffiku




Post fejn iseħħu l-inċidenti




Mogħdija għall-karozzi tal-linja (bus lane) f'salib it-toroq li ġej




Żona ta' rmonk (Tow zone)




Żona ta' kklampjar



Żona fejn jintużaw cameras biex jinfurzaw ir-regolamenti tat-traffiku




Ixgħel il-fanali ta' quddiem b'raġġ baxx




Itfi l-fanali ta' quddiem




Meta tidħol ġo mina

SINJALI TA' INFORMAZZJONI

**Tabelli Uffiċjali**




Post biex tipparkja




Parkeġġ max-xellug




Parkeġġ mal-lemin




Parkeġġ għal min għandu l-Blue sticker badge




Parkeġġ ristrett




Parkeġġ għal min għandu l-permess




Il-vetturi jistgħu jiġu pparkjati parzjalment fuq ix-xifer tat-triq




Il-vetturi ma jistgħux jiġu pparkjati parzjalment fuq ix-xifer tat-triq




Il-vetturi jistgħu jiġu pparkjati parzjalment fuq ix-xifer tat-triq matul il-perjodu indikat




Sinjali ġenerali għal persuni mexjin




Sinjal tar-rotta




Isem tal-post




Sptar

## Sinjali ta' informazzjoni u marki tat-triq



Il-vleġeġ ta' din il-marka (magħrufa bħala sharrow) juru d-direzzjoni li ċiklist jista' jivvjaġġa




It-triq tintuża wkoll miċ-ċiklisti

## Miżuri biex titnaqqas il-veloċità



Marki sofor



Dragon's teeth



Chevron markings




Speed roundel

## Sinjali ta’ direzzjoni bil-quddiem




Sinjali ta’ direzzjoni bil-quddiem

## Sinjali turistiċi




Sinjal ta’ rotta




Isem tal-post

*MARKI TAL-KARREĠĠATA*

## Linji lonġitudinali



Linja bajda sħiħa
(linja ċentrali)



Linja bajda maqtugħa
(linja tal-karreġġata)



Linja doppja bajda
sħiħa



Linja li turi fejn tispiċċa
l-karreġġata (linja bajda)



Agħti prijorità
lill-karozzi tal-linja




Postijiet għall-karozzi tal-linja (bus bays)




Postijiet immarkati għall-waqfien (lay-by) tal-karozzi tal-linja



Linja sħiħa flimkien
ma' linja maqtugħa



Ma tistax tieqaf f'tarf
il-karreġġata



Ma tistax tistenna
f'tarf il-karreġġata

## Linji trasversali




Linja li turik fejn trid tieqaf (stop line)




Linja li turik li trid iċċedi

## Linji trasversali



Box junction

It-triq tista' tiġi mmarkata b'kaxxa safra fejn ikun hemm il-probabbiltà li traffiku wieqaf jimblokka salib it-toroq. Tidħolx f'din il-kaxxa jekk ma tistax toħroġ minnha, ħlief meta tkun trid iddur fuq il-lemin u ma tkunx tista' tagħmel hekk minħabba t-traffiku li jkun għaddej minn faċċata jew vetturi oħra weqfin li qed jistennew biex iduru lejn il-lemin.



Pedestrian crossings



Pedestrian crossings




Marki tat-triq mar-roundabout




Ma tistax tistenna
fl-ebda ħin




Ma tistax tistenna
fil-ħinijiet
indikati fuq is-sinjal




Tista' tistenna biss
fil-ħinijiet
indikati fuq is-sinjal

### Marki bil-kliem miktub




Użat flimkien ma’ sinjal




Assoċjat ma’ diversi perikli




Jista’ jintuża ma’ tabelli weqfin




Timblokkax il-parti tal-karreġġata indikata




Indikazzjoni ta’ moviment obbligatorju (tista’ tintwera biss il-vleġġa lejn ix-xellug jew ’il quddiem)




Ma tistax tieqaf jew tistenna fuq il-marki – lanqas biex ittella’ jew tniżżel tfal jew passiġġiera oħra.

### Marki oħra



Postijiet fejn tieqaf il-karozzi tal-linja (Bus stop bays)



Linji li jwissu li hemm ostaklu



Vleġeġ tad-direzzjoni



Postijiet ta’ parkeġġ (ipparkja fil-linji kull meta jkun prattiku) jistgħu jkunu f’linji bojod jew sofor.

6

# ANNESS

## MARKI TAL-VETTURI

# ANNESS 6: MARKI TAL-VETTURI

## MARKI FUQ VETTURI

**Marki fuq wara ta' vetturi kbar li jġorru l-merkanzija**

Vetturi bil-mutur li jiżnu aktar minn 7,500 kg (maximum gross weight) u karrijiet jew trailers li jiżnu aktar minn 3,500 kg (maximum gross weight).




Il-marki vertikali għandhom jitwaħħlu wkoll ma' skips użati mill-bennejja meta mqiegħda fit-triq, ma' vetturi kummerċjali jew vetturi li jġorru skips itwal minn 13-il m. Mhumiex obbligatorji ma' vetturi ta' bejn 11 u 13-il m.



Xarabank tal-iskola (is-sinjal għandu jkun imwaħħal mal-ħġieġa ta' quddiem jew ta' wara tax-xarabank jew tal-coach)

**Pjanċi ta' twissija ta' periklu**

Xi vetturi mgħammrin b'tank biex iġorru merkanzija perikoluża għandhom juru informazzjoni dwar il-periklu permezz ta' pjanċi apposta:




Likwidu li jaqbad




Sustanza tossika




Sustanza ossidanti




Gass
ikkompressat li
ma jaqbadx




Sustanza
radjuattiva




Sustanza li
taqbad waħedha




Sustanza
korruživa

**Marki ta' projezzjoni**



**MARKA MAL-ĠENB**



**MARKA FUQ WARA**

It-tnejn meħtieġa meta t-tagħbija jew it-tagħmir (eż. crane jib) jisporġu 'l quddiem jew lura b'aktar minn 2 m.


CX-5

7

# ANNESS

## FORMOLI GĦAL ĦABTIET FRONT-TO-REAR

# ANNESS 7: FORMOLI GĦAL ĦABTIET FRONT-TO-REAR

Kull sewwieq li jkun involut f'ħabta front-to-rear għandu jimla u jżomm kopja ta' din il-formola. B'dan il-mod kull sewwieq ikollu l-informazzjoni neċessarja dwar l-identità tas-sewwieq l-ieħor, l-assigurazzjoni tiegħu, u ċ-ċirkostanzi li fihom seħħ l-inċident. Sewwieq li ma jagħmilx dan ikun qed jikser
il-liġi.

Fil-Gżejjer Maltin għandu dejjem jissejjaħ pulizija fejn ikun sar inċident, ħlief għal ħabtiet front-to-rear. Pulizija għandu jkun preżenti wkoll fil-każ fejn ikun hemm min weġġa' jew meta tintlaqat proprjetà tal-gvern. Tista' tikkuntattja l-pulizija fuq in-numru tat-telephone 224001, jew tmur fl-eqreb għassa tal-pulizija.

**Fejn ikun sar l-inċident**

1. Għalkemm kull sewwieq suppost ikollu kopja ta' din il-formola fil-karozza tiegħu, għandha tintuża formola waħda biss. Ma tagħmilx differenza liema waħda timtela. Għandha tintuża t-tieni formola meta f'inċident ikunu involuti aktar minn żewġ vetturi.

2. Id-Dikjarazzjoni tal-Fatti hija self-carbonised. Imla l-parti s-safra sħiħa jew il-parti l-ħadra sħiħa ta' din il-formola preferibbilment b'ball-point pen. Is-sewwieq l-ieħor għandu jimla s-sezzjoni kkulurita l-oħra bid-dettalji tat-tieni vettura. Hawn, iż-żewġ sewwieqa se jkollhom jirreferu għaċ-ċertifikati tal-assigurazzjoni u l-liċenzji tas-sewqan tagħhom.

3. Ikseb id-dettalji tax-xhieda kollha qabel ma jitilqu u imliehom f'Taqsima 5 tal-formola.

4. Wara li timla l-formola u tkun ċert li d-dettalji huma korretti, iffirmaha u għaddiha lis-sewwieq l-ieħor biex jiffirmaha wkoll (f'Taqsima 15). Żomm kopja waħda u agħti l-oħra lis-sewwieq l-ieħor.

5. Tinsiex:

(a) timmarka l-punt tal-impatt inizjali b'mod ċar f'Taqsima 10;

(b) timmarka (   ) f'kull kaxxa applikabbli tan-naħa tiegħek (numri 1 sa 7) f'Taqsima 13 u ddikjara kemm immarkajt kaxxi;

(c) tpinġi pjanta tal-post tal-inċident f'Taqsima 14 li turi l-informazzjoni kollha mniżżla fl-istess sezzjoni.

6. Huwa rrakkomandat li żżomm camera disposable fil-karozza tiegħek. B'dan il-mod tkun tista' tieħu ritratti tal-ħabta sabiex ikollok prova aħjar.

**Meta tmur lura d-dar**

1. Imla r-Rapport dwar l-Inċident mill-Assigurat fuq il-faċċata ta' wara tal-kopja tiegħek tad-Dikjarazzjoni dwar l-Inċident tat-Traffiku. Dan huwa r-rapport tiegħek lill-assiguraturi tiegħek. Jekk ikun hemm bżonn, il-kumpanija tal-assigurazzjoni tiegħek tgħinek timla dan ir-rapport.

2. Informa minnufih lill-kumpanija tal-assigurazzjoni tiegħek dwar l-inċident u għaddilha din il-formola li tinkludi: (i) id-Dikjarazzjoni dwar l-Inċident tat-Traffiku u (ii) ir-Rapport tal-Inċident mill-Assigurat.

# Dikjarazzjoni dwar Inċident tat-Traffiku: Front-to-Rear

Din id-dikjarazzjoni ma titqiesx ammissjoni ta' responsabilità, iżda tikkostitwixxi tagħrif dwar il-persuni involuti u l-fatti sabiex il-claim ikun jista' jiġi mgħarbel malajr
**TRID TIĠI FFIRMATA MIŻ-ŻEWĠ SEWWIEQA**

**1. Data u ħin ta' l-inċident**

**2. Post ta' l-inċident**

**3. Korra xi ħadd** (anke ħafif) IVA ☐ LE ☐

**4. Ħsarat materjali:** apparti l-ħsara fil-vettura A jew B, hemm xi ħsara oħra? IVA ☐ LE ☐

**5. Xhieda:** ismijiet, indirizzi, numri tat-telefon/mobile u ID (Uri jekk ix-xhud kienx passiġġier, fil-każ f'liema vettura)

## VETTURA A

**6. Vettura**
Reg ______
Għamla /tip ______

**7. Sid il-vettura** (ara ċ-ċertifikat ta' l-insurance jew logbook)
Isem u Kunjom ______
ID Nru. ______
Indirizz ______
______
Telefon/Mobile ______
E-mail ______

**8. Sewwieq** (ara l-liċenzja tas-sewqan)
Isem u Kunjom ______
ID Nru. ______
Indirizz ______
Telefon/Mobile ______
E-mail ______
Nru tal-Liċenzja tas-sewqan ______
Grupp ______
Valida sa ______

**9. Kumpanija ta' l-Assigurazzjoni** (ara ċ-ċertifikat)
Isem ______
Numru tal-Polza ______
Valida sa ______

## 13. Ċirkostanzi

Agħmel sinjal (✓) f'kull kaxxa relevanti biex tispjega l-pjanta ta' l-inċident (14)

| A | | B |
|---|---|---|
| ☐ 1. | ħbatt mal-parti ta' wara tal-vettura l-oħra | 1. ☐ |
| ☐ 2. | waqt li kont miexi fl-istess direzzjoni | 2. ☐ |
| ☐ 3. | waqt li kont miexi fl-istess *lane* | 3. ☐ |
| ☐ 4. | waqt li kont miexi f'*lane* oħra | 4. ☐ |
| ☐ 5. | waqt li kont qed naqleb minn *lane* għall-oħra | 5. ☐ |
| ☐ 6. | waqt li kont qed naqla' vettura oħra | 6. ☐ |
| ☐ 7. | ħbatt mal-quddiem tal-vettura l-oħra waqt li kont qed nirriversja | 7. ☐ |
| ☐ | numru totali ta' kaxxi li mmarkajt | ☐ |

Jekk xi pjanta minn dawn ta' hawn taħt tiddiskrivi l-inċident immarkaha (✓) u żid l-ismijiet tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku




## VETTURA B

**6. Vettura**
Reg ______
Għamla /tip ______

**7. Sid il-vettura** (ara ċ-ċertifikat ta' l-insurance jew logbook)
Isem u Kunjom ______
ID Nru. ______
Indirizz ______
______
Telefon/Mobile ______
E-mail ______

**8. Sewwieq** (ara l-liċenzja tas-sewqan)
Isem u Kunjom ______
ID Nru. ______
Indirizz ______
Telefon/Mobile ______
E-mail ______
Nru tal-Liċenzja tas-sewqan ______
Grupp ______
Valida sa ______

**9. Kumpanija ta' l-Assigurazzjoni** (ara ċ-ċertifikat)
Isem ______
Numru tal-Polza ______
Valida sa ______

**10. Uri bi vleġġa fejn seħħ l-ewwel impatt**



**11. Ħsarat li jidhru:**

**12. Trid iżżid xi ħaġa oħra?**

**14. Pjanta ta' l-inċident**
Uri 1. it-tqassim tat-toroq 2. bi vleġġa d-direzzjoni tal-vetturi A, B 3. il-pożizzjoni tagħhom meta saret il-ħabta 4. is-sinjali tat-traffiku 5. l-ismijiet tat-toroq

F'ismi u f'isem ix-xhieda msemmija hawnhekk, naqbel li din l-informazzjoni tkun tista' tiġi pproċessata mill-Kumpanija ta' l-Assigurazzjoni u mill-Malta Insurance Association għall-iskopijiet kollha msemmija f'din il-formola, u nikkonferma li avżajt b'dan lix-xhieda.

**15. Firma tas-sewwieqa:** Tal-Vettura A ______ Tal-Vettura B ______

**10. Uri bi vleġġa fejn seħħ l-ewwel impatt**



**11. Ħsarat li jidhru:**

**12. Trid iżżid xi ħaġa oħra?**

**Tibdel xejn minn din id-dikjarazzjoni wara li tiġi ffirmata u wara li tingħata l-kopja lis-sewwieq l-ieħor**

ENGLISH VERSION ON NEXT PAGE

# Statement of Facts on a Front-to-Rear Collision

This statement is not an admission of liability but a summary of identities and of the facts which will speed up processing of claims.
**MUST BE SIGNED BY BOTH DRIVERS**

**1. Date and Time of Accident**

**2. Exact Location of Accident**

**3. Injuries** - even if slight
YES ☐ NO ☐

**4. Property Damage:** other than to vehicles A and B
YES ☐
NO ☐

**5. Witnesses:** names, addresses, telephone/mobile numbers and ID (indicate if passenger, and, if so, in which vehicle)

## VEHICLE A

**6. Vehicle**
Reg Plate ______
Make /Type ______

**7. Owner** (see insurance certificate or logbook)
Name & Surname ______
ID No. ______
Address ______
______
Telephone/Mobile ______
E-mail ______

**8. Driver** (see driving licence)
Name & Surname ______
ID No. ______
Address ______
Telephone/Mobile ______
E-mail ______
Driving Licence Number ______
Group ______
Valid up to ______

**9. Insurance Company** (see insurance certificate)
Name ______
Policy Number ______
Valid up to ______

**10. Show with an arrow the point of initial impact**



**11. Visible Damage:**
______
______
______
______

**12. Remarks**
______
______
______
______
______
______

## 13. Circumstances

Tick (✓) each of the relevant boxes to explain the plan of the accident (14)

| Vehicle A | | Vehicle B |
|---|---|---|
| ☐1. | striking the rear of the other vehicle | 1.☐ |
| ☐2. | whilst going in the same direction | 2.☐ |
| ☐3. | whilst travelling in the same lane | 3.☐ |
| ☐4. | whilst travelling in a different lane altogether | 4.☐ |
| ☐5. | whilst changing lanes | 5.☐ |
| ☐6. | whilst overtaking | 6.☐ |
| ☐7. | striking the front of the other vehicle whilst reversing | 7.☐ |
| ☐ | state total number of ticked boxes | ☐ |

If any of the plans shown below describe this collision, you can adopt by ticking it (✓) and adding any relevant road signs and the names of the streets.




## VEHICLE B

**6. Vehicle**
Reg Plate ______
Make /Type ______

**7. Owner** (see insurance certificate or logbook)
Name & Surname ______
ID No. ______
Address ______
______
Telephone/Mobile ______
E-mail ______

**8. Driver** (see driving licence)
Name & Surname ______
ID No. ______
Address ______
Telephone/Mobile ______
E-mail ______
Driving licence number ______
Group ______
Valid up to ______

**9. Insurance Company** (see insurance certificate)
Name ______
Policy Number ______
Valid up to ______

**10. Show with an arrow the point of initial impact**



**11. Visible Damage**
______
______
______
______

**12. Remarks**
______
______
______
______
______
______

## 14. Plan of accident

Indicate 1. the layout of the road 2. by arrows the direction of vehicles A, B 3. their position at time of impact 4. the road signs 5. the names of streets.

On behalf of myself and any witnesses specified in this form, I consent to the processing of our personal data by the Insurance Companies and the Malta Insurance Association for the purposes stated on this form and I confirm that I have brought the Data Protection Notice to the attention of these witnesses.

**15. Signatures of drivers:** Of Vehicle A ______ Of Vehicle B ______

**Do not alter anything in this statement after it is signed and a copy is handed to the other driver**

M’hemmx għalfejn jissejħu l-gwardjani lokali (tel: 2132 0202), sakemm ma jkunx hemm korriment, fejn f'dak il-każ għandek issejjaħ lill-pulizija (tel: 112).

There’s no need to call the local wardens (tel: 2132 0202) unless in case of injury, where the police (tel: 112) should be called.

- [ ] Importanti li tieħdu ritratti tal-inċident u tal-madwar.
- [ ] ***Take photos of the accident and its surroundings.***

- [ ] Wara, neħħi l-vetturi minn nofs tat-triq biex ma jinżammx traffiku.
- [ ] ***Afterwards, remove the vehicles to avoid obstructing traffic.***

- [ ] F’każ li ma tafx taqra u/jew tikteb, mur fl-eqreb għassa tal-pulizija biex timla l-formola skont l-istruzzjonijiet fuq ġewwa.
- [ ] ***If you are unable to read and/or write, go to the nearest police station to complete the form according to the instructions inside.***

- [ ] Imla l-formola kollha tal-Front-to-Rear Collision u iffirmaha.
- [ ] ***Complete the Front-to-Rear Collision form and sign it.***


60
10:00

tm

www.transport.gov.mt